



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0088/2022**

5.4.2022

# **RAPPORT**

dwar l-intelliġenza artifiċjali f'era diġitali  
(2020/2266(INI))

Komitat Speċjali għall-Intelliġenza Artifiċjali f'Era Diġitali

Rapporteur: Axel Voss

PR\_INI

## WERREJ

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	66
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	69
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	70

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-intelliġenza artifiċjali f'era diġitali (2020/2266(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 16, 26, 114, 169, 173, 179, 180, 181 u 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Kumment Ġenerali Nru 25 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tat-2 ta' Marzu 2021 dwar id-drittijiet tat-tfal fir-rigward tal-ambjent diġitali,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) dwar l-etika tal-intelliġenza artifiċjali adottata mill-Konferenza Ġenerali tan-NU fil-41 sessjoni tagħha fl-24 ta' Novembru 2021,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>1</sup> u l-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2021 dwar strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (COM(2021)0142),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar l-istat tal-kapaċitajiet ta' difiża ċibernetika tal-UE<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-isfidi u prospettivi għas-sistemi multilaterali ta' kontroll tal-armi ta' qerda massiva u ta' diżarm<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data – GDPR)<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

---

<sup>1</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU C 132, 24.3.2022, p. 102.

<sup>3</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0504.

<sup>4</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>5</sup> ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1.

tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013<sup>6</sup>,

- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2021 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni (COM(2021)0206),
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar il-governanza Ewropea tad-data (Att dwar il-Governanza tad-Data) (COM(2020)0767),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropea<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092<sup>8</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali<sup>9</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488<sup>10</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2018 bit-titolu "L-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa" (COM(2018)0237),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2018 dwar pjan ikkoordinat dwar l-intelliġenza artifiċjali (COM(2018)0795),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2019 bit-titolu "Nibnu l-Fiduċja fl-Intelliġenza Artifiċjali Ċċentrata Fuq il-Bniedem" (COM(2019)0168),
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 bit-titolu "L-Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja" (COM(2020)0065),

---

<sup>6</sup> ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59.

<sup>8</sup> ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149.

<sup>9</sup> ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1.

<sup>10</sup> ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3.

- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-27 ta' Jannar 2021 dwar it-tixjiħ – inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet (COM(2021)0050),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar Strateġija Ewropea għad-data (COM(2020)0066),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa (COM(2020)0067),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 dwar strateġija industrijali ġdida għall-Ewropa (COM(2020)0102) u tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa" (COM(2021)0350),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali" (COM(2020)0624),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" (COM(2021)0118),
- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali" (COM(2021)0574),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Stħarriġ tal-intrapriżi Ewropej dwar l-użu ta' teknoloġiji bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali",
- wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Energy-efficient cloud computing technologies and policies for an eco-friendly cloud market" (Teknoloġiji u politiki tal-cloud computing effiċjenti fl-użu tal-enerġija għal suq tal-cloud li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent)",
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-implikazzjonijiet tas-sigurtà u tar-responsabbiltà tal-intelliġenza artifiċjali, tal-internet tal-oġġetti u tar-robotika (COM(2020)0064),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà għad-deċennju diġitali,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali tat-8 ta' April 2019 bit-titolu "Ethics guidelines for trustworthy AI" (Linji gwida tal-etika għal IA affidabbli),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali tat-8 ta' April 2019 bit-titolu "A definition of AI: main capabilities and disciplines" (Definizzjoni tal-IA: kapaċitajiet u dixxiplini ewlenin),

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali tas-26 ta' Ġunju 2019 bit-titolu "Policy and investment recommendations for trustworthy AI" (Rakkomandazzjonijiet tal-politika u l-investment għal IA affidabbli),
- wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-UNESCO ta' Marzu 2019 bit-titolu "I'd blush if I could: closing gender divides in digital skills through education" (Kieku nista' niħmar: l-eliminazzjoni tad-distakki bejn il-ġeneri fil-ħiliet diġitali permezz tal-edukazzjoni),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-14 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Getting the future right – Artificial intelligence and fundamental rights" (Insawru l-futur b'mod tajjeb – L-intelliġenza artifiċjali u d-drittijiet fundamentali),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tat-22 ta' Mejju 2019 dwar l-intelliġenza artifiċjali,
- wara li kkunsidra l-pjattaforma tan-NU għal djalogu dwar l-intelliġenza artifiċjali: Summit Globali dwar l-IA għall-Ġid,
- wara li kkunsidra l-Prinċipji dwar l-IA tal-G20 tad-9 ta' Ġunju 2019,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tat-28 ta' Ġunju 2021 dwar l-intelliġenza artifiċjali fis-saħħa u sitt prinċipji ta' gwida għad-disinn u l-użu tagħha,
- wara li kkunsidra l-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-31 ta' Mejju 2017 bit-titolu "L-Intelliġenza Artifiċjali – Il-konsegwenzi tal-intelliġenza artifiċjali fuq is-suq uniku (diġitali), il-produzzjoni, il-konsum, l-impjiegi u s-soċjetà"<sup>11</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti dwar ir-Responsabbiltà u t-Teknoloġiji l-Ġodda – Formazzjoni ta' Teknoloġiji Ġodda tal-21 ta' Novembru 2019 bit-titolu "Liability for Artificial Intelligence and other emerging digital technologies" (Responsabbiltà għall-Intelliġenza Artifiċjali u teknoloġiji diġitali emerġenti oħra),
- wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-Kumitat ad hoc dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (CAHAI) tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Towards Regulation of AI systems – Global perspectives on the development of a legal framework on Artificial Intelligence systems based on the Council of Europe's standards on human rights, democracy and the rule of law" (Lejn ir-Regolamentazzjoni tas-sistemi tal-IA – Perspettivi globali dwar l-iżvilupp ta' qafas legali dwar sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali bbażati fuq l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Istitut Universitarju Ewropew ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Models of Law and Regulation for IA" (Mudelli tal-Liġi u r-

---

<sup>11</sup> ĠU C 288, 31.8.2017, p. 1.

Regolamentazzjoni għall-IA),

- wara li kkunsidra r-rapport konġunt ta' Trend Micro Research, l-Istitut Interreġjonali ta' Riċerka tan-NU dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja u l-Europol tad-19 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Malicious Uses and Abuses of Artificial Intelligence" (Użi Malizzjużi u Abbużi tal-Intelliġenza Artifiċjali),
- wara li kkunsidra l-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni għall-2019-2024 bit-titolu "A Union that strives for more: my aġenda for Europe" (Unjoni li tistinka biex twettaq aktar: l-aġenda tiegħi għall-Ewropa),
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Lulju 2020 fil-Kawża C-311/18 (*Schrems II*),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar regoli ta' dritt ċivili dwar ir-robotika<sup>12</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea<sup>13</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 – Rakkomandazzjonijiet dwar il-passi li jmiss lejn "Viżjoni Żero"<sup>14</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar sistemi ta' armi awtonomi<sup>15</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2019 dwar politika industrijali Ewropea komprensiva dwar l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika<sup>16</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020 bit-titolu "Proċessi deċiżjonali awtomatizzati: niżguraw il-protezzjoni tal-konsumatur u l-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi<sup>17</sup>",
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2020 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar reġim ta' responsabbiltà ċivili għall-intelliġenza artifiċjali<sup>18</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2020 dwar drittijiet tal-proprjetà intellettuali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali<sup>19</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2020 b'rakkomandazzjonijiet

---

<sup>12</sup> ĠU C 252, 18.7.2018, p. 239.

<sup>13</sup> ĠU C 307, 30.8.2018, p. 163.

<sup>14</sup> ĠU C 132, 24.3.2022, p. 45.

<sup>15</sup> ĠU C 433, 23.12.2019, p. 86.

<sup>16</sup> ĠU C 449, 23.12.2020, p. 37.

<sup>17</sup> ĠU C 294, 23.7.2021, p. 14.

<sup>18</sup> ĠU C 404, 6.10.2021, p. 107.

<sup>19</sup> ĠU C 404, 6.10.2021, p. 129.

għall-Kummissjoni dwar qafas tal-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati<sup>20</sup>,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Jannar 2021 dwar l-Intelliġenza Artifiċjali: kwistjonijiet ta' interpretazzjoni u applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fil-livell li fih l-UE hija affettwata fl-oqsma tal-użi ċivili u militari u tal-awtorità tal-Istat barra l-ambitu tal-ġustizzja kriminali<sup>21</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 bit-titolu "It-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa: it-tneħħija tal-ostakli għall-funzjonament tas-suq uniku diġitali u t-titjib tal-użu tal-IA għall-konsumaturi Ewropej"<sup>22</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar strateġija Ewropea għad-data<sup>23</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar l-intelliġenza artifiċjali fl-edukazzjoni, il-kultura u s-settur awdjoviżiv<sup>24</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar l-intelliġenza artifiċjali fil-liġi kriminali u l-użu tagħha mill-pulizija u mill-awtoritajiet ġudizzjarji f'materji kriminali<sup>25</sup>;
- wara li kkunsidra l-istudju mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni (DĠ IPOL) ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Artificial Intelligence diplomacy – Artificial Intelligence governance as a new European Union external policy tool" (Id-diplomazija tal-Intelliġenza Artifiċjali – Il-governanza tal-Intelliġenza Artifiċjali bħala għodda ta' politika esterna ġdida tal-Unjoni Ewropea),
- wara li kkunsidra l-istudju tad-DĠ IPOL ta' Mejju 2021 bit-titolu "Challenges and limits of an open source approach to Artificial Intelligence" (L-isfidi u l-limiti ta' approċċ b'sors miftuħ għall-Intelliġenza Artifiċjali),
- wara li kkunsidra l-istudju tad-DĠ IPOL ta' Mejju 2021 bit-titolu "Artificial Intelligence market and capital flows – AI and the financial sector at crossroads" (Is-suq u l-flussi ta' kapital tal-Intelliġenza Artifiċjali – l-IA u s-settur finanzażju f'salib it-toroq),
- wara li kkunsidra l-istudju tad-DĠ IPOL ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Improving working conditions using Artificial Intelligence" (It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali),
- wara li kkunsidra l-istudju tad-DĠ IPOL ta' Mejju 2021 bit-titolu "The role of Artificial Intelligence in the European Green Deal" (Ir-rwol tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-Patt

---

<sup>20</sup> ĠU C 404, 6.10.2021, p. 63.

<sup>21</sup> ĠU C 456, 10.11.2021, p. 34.

<sup>22</sup> ĠU C 15, 12.1.2022, p. 204.

<sup>23</sup> ĠU C 494, 8.12.2021, p. 37.

<sup>24</sup> ĠU C 15, 12.1.2022, p. 28.

<sup>25</sup> ĠU C 132, 24.3.2022, p. 17.



Ekoloġiku Ewropew),

- wara li kkunsidra l-istudju tad-DĠ IPOL ta' Lulju 2021 bit-titolu "Artificial Intelligence in smart cities and urban mobility" (L-Intelliġenza Artifiċjali fil-bliet intelliġenti u l-mobilità urbana),
- wara li kkunsidra l-istudju tad-DĠ IPOL ta' Lulju 2021 bit-titolu "Artificial Intelligence and public services" (L-Intelliġenza Artifiċjali u s-servizzi pubbliċi),
- wara li kkunsidra l-istudju tad-DĠ IPOL ta' Lulju 2021 bit-titolu "European Union data challenge" (L-isfida tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-data),
- wara li kkunsidra l-istudju tad-DĠ IPOL ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Opportunities of Artificial Intelligence" (L-Opportunitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali),
- wara li kkunsidra l-istudju tad-DĠ IPOL ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Europe's Digital Decade and Autonomy" (Id-Deċennju Diġitali u l-Awtonomija Ewropej),
- wara li kkunsidra l-istudju tad-DĠ IPOL ta' Jannar 2022 bit-titolu "Identification and assessment of existing and draft EU legislation in the digital field" (L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u tal-abbozz tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam diġitali),
- wara li kkunsidra l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew (EPRS) ta' Settembru 2020 bit-titolu "Civil liability regime for artificial intelligence – European added value assessment" (Ir-reġim tar-responsabbiltà ċivili għall-intelliġenza artifiċjali – valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-Unità tal-Prospettiva Xjentifika tal-EPRS ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Data subjects, digital surveillance, IA and the future of work" (Is-suġġetti tad-data, is-sorveljanza tad-data, l-IA u l-futur tax-xogħol),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Settembru 2020 bit-titolu "European framework on ethical aspects of artificial intelligence, robotics and related technologies" (Qafas Ewropew dwar l-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Marzu 2020 bit-titolu "The ethics of artificial intelligence: Issues and initiatives" (L-etika tal-intelliġenza artifiċjali: Kwistjonijiet u inizjattivi),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Artificial Intelligence: How does it work, why does it matter, and what can we do about it?" (L-Intelliġenza Artifiċjali: Kif taħdem, għaliex hija importanti, u x'nistgħu nagħmlu dwarha?),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Lulju 2020 bit-titolu "Artificial Intelligence and Law enforcement – Impact on Fundamental Rights" (L-Intelliġenza Artifiċjali u l-Infurzar tal-Liġi – L-impatt fuq id-Drittijiet Fundamentali),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Ġunju 2020 bit-titolu "The impact of the

General Data Protection Regulation (GDPR) on artificial intelligence" (L-impatt tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) fuq l-intelliġenza artifiċjali),

- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' April 2020 bit-titolu "The White Paper on Artificial Intelligence" (Il-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Settembru 2021 bit-titolu "Regulating facial recognition in the EU" (Ir-regolazzjoni tar-rikonoxximent tal-wiċċ fl-UE),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Frar 2021 bit-titolu "The future of work: Trends, challenges and potential initiatives" (Il-futur tax-xogħol: Ix-xejriet, l-isfidi u l-inizjattivi potenzjali),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Robo-advisors: How do they fit in the existing EU regulatory framework, in particular with regard to investor protection" (Il-konsulenti robotiċi: Kif jidħlu fil-qafas regolatorju eżistenti tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-investitur?),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Settembru 2021 bit-titolu "China's ambitions in artificial intelligence" (L-ambizzjoni taċ-Ċina fl-intelliġenza artifiċjali),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Ġunju 2021 bit-titolu "What if we chose new metaphors for artificial intelligence?" (X'jiġri jekk nagħżlu metafori ġodda għall-intelliġenza artifiċjali?),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Jannar 2018 bit-titolu "Understanding artificial intelligence" (Nifhmu l-intelliġenza artifiċjali),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-EPRS ta' Lulju 2021 bit-titolu "Tackling deepfakes in European policy" (Nindirizzaw id-deepfakes fil-politika Ewropea),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kumitat Speċjali għall-Intelliġenza Artifiċjali f'Era Diġitali (AIDA) ta' Frar 2021 bit-titolu "Artificial Intelligence and Health" (L-Intelliġenza Artifiċjali u s-Saħħa),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-AIDA ta' Marzu 2021 bit-titolu "Artificial Intelligence and the Green Deal" (L-Intelliġenza Artifiċjali u l-Patt Ekoloġiku),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-AIDA ta' Marzu 2021 bit-titolu "The External Policy Dimensions of IA" (Id-Dimensjonijiet tal-Politika Esterna tal-IA),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-AIDA ta' Mejju 2021 bit-titolu "AI and Competitiveness" (L-IA u l-Kompetittività),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-AIDA ta' Ġunju 2021 bit-titolu "AI and the Future of Democracy" (L-IA u l-Futur tad-Demokrazija),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-AIDA ta' Ġunju 2021 dwar "AI and the Labour Market" (L-IA u s-Suq tax-Xogħol),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat Speċjali għall-Intelliġenza Artifiċjali f'Era Diġitali (A9-0088/2022),

## **1. Introduzzjoni**

1. Jinnota li d-dinja tinsab fix-xifer tar-raba' rivoluzzjoni industrijali; jirrimarka li meta mqabbla mat-tliet mewġiet preċedenti, mibdija bl-introduzzjoni tal-istim, l-elettriku, u mbagħad il-kompjuters, ir-raba' mewġa tiset l-enerġija tagħha minn abbondanza ta' data flimkien ma' algoritmi qawwija u kapaċità komputazzjonali; jisħaq li r-rivoluzzjoni diġitali tal-lum hija msawra mill-iskala globali tagħha, il-konverġenza rapida, u l-impatt enormi tal-iskoperti teknoloġiċi rivoluzzjonarji emerġenti fuq l-Istati, l-ekonomiji, is-soċjetajiet, ir-relazzjonijiet internazzjonali u l-ambjent; jirrikonoxxi li bidla radikali ta' din l-iskala tħalli impatti differenti fuq diversi partijiet tas-soċjetà, skont l-oġettivi, il-lokazzjoni ġeografika jew il-kuntest soċjoekonomiku tagħhom; jenfasizza li t-tranżizzjoni diġitali trid tissawwar b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u b'tali mod li t-teknoloġiji diġitali jservu lill-umanità;
2. Josserva li fl-istess ħin, ir-rivoluzzjoni diġitali, skattat kompetizzjoni globali b'riżultat tal-valur ekonomiku tremend u l-kapaċitajiet teknoloġiċi li akkumulaw fl-ekonomiji li jimpenjaw l-aktar riżorsi għar-riċerka, l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali (IA); jinnota li l-kompetittività diġitali u l-awtonomija strateġika miftuħa saru oġettiv ta' politika ċentrali f'diversi pajjiżi; jisħaq li r-realizzazzjoni dejjem akbar fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li t-teknoloġiji emerġenti jistgħu jaffettwaw l-istat tal-poter ġeopolitiku tal-pajjiżi kollha;
3. Jirrimarka li l-Ewropa, li għal sekli sħaħ stabbiliet standards internazzjonali, iddominat il-progress teknoloġiku u kienet mexxejja fil-manifattura u fl-implimentazzjoni ta' livell għoli, issa waqgħet lura, u tiżviluppa u tinvesti ħafna inqas mill-ekonomiji ewlenin bħall-Istati Uniti jew iċ-Ċina fis-suq diġitali, filwaqt li tibqa' relattivament kompetittiva fil-produzzjoni tar-riċerka dwar l-IA; jirrikonoxxi r-riskju li l-atturi Ewropej jiġu emarġinati fl-iżvilupp ta' standards u avvanzji globali tat-teknoloġija u tal-valuri Ewropej li qed jiġu kkontestati;
4. Jenfasizza, l-ewwel nett, li l-ġhodod diġitali qed isiru dejjem aktar strument ta' manipulazzjoni u abbuż f'idejn xi wħud mill-atturi korporattivi kif ukoll f'idejn il-gvernijiet awtokratiċi għall-finijiet tal-imminar tas-sistemi politiċi demokratiċi, u b'hekk potenzjalment iwasslu għal nuqqas ta' qbil bejn is-sistemi politiċi; jispjega li l-kampanji ta' spjunaggġ diġitali, sabotaggġ, gwerra fuq skala baxxa u ta' diżinformazzjoni huma ta' sfida għas-soċjetajiet demokratiċi;
5. Jisħaq li n-natura tal-mudelli ta' negozju diġitali tippermetti gradi għolja ta' skalabbiltà u effetti tan-network; jirrimarka li bosta swieq diġitali huma kkaratterizzati minn grad għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq, u b'hekk għadd zġħir ta' pjattaformi tat-teknoloġija, li bħalissa huma, fil-biċċa l-kbira tagħhom, ibbażati fl-Istati Uniti, li jmexxu l-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet teknoloġiċi rivoluzzjonarji, jattiraw l-aħjar ideat, talent u kumpaniji u jiksbu profittabbiltà straordinarja; iwissi li pożizzjonijiet dominanti fis-suq fl-ekonomija tad-data x'aktarx li jiġu estiżi fl-ekonomija emerġenti tal-IA; jirrimarka li tmienja biss mill-aqwa 200 kumpanija diġitali tal-lum għandhom id-domiċilju tagħhom fl-UE; jisħaq li t-tlestija ta' suq uniku verament diġitali hija tal-akbar

importanza f'dak ir-rigward;

6. Jenfasizza li b'riżultat ta' dan, il-kompetizzjoni globali għat-tmexxija teknoloġika saret prijorità fl-UE; jisħaq li jekk l-UE ma taġixxix malajr u b'kuraġġ, se tispiċċa jkollha ssegwi regoli u standards stabbiliti minn oħrajn u se turriskja li tesperjenza effetti dannużi fuq l-istabbiltà politika, is-sigurtà soċjali, id-drittijiet fundamentali, il-libertajiet individwali u l-kompetittività ekonomika;
7. Jargumenta li l-IA hija waħda mit-teknoloġiji emerġenti ewlenin fir-raba' rivoluzzjoni industrijali; jinnota li l-IA tixpruna l-ekonomija diġitali, peress li tippermetti l-introduzzjoni ta' prodotti u servizzi innovattivi, li għandhom is-setgħa li jżidu l-għażla tal-konsumatur u jistgħu jrendu l-proċessi ta' produzzjoni aktar effiċjenti; jiddikjara li sal-2030, l-IA hija mistennija tikkontribwixxi aktar minn EUR 11-il triljun għall-ekonomija globali; jisħaq, fl-istess ħin, li t-teknoloġiji tal-IA jirriskjaw li jnaqqsu l-aġenzija tal-bniedem; jenfasizza li l-IA għandha tkun teknoloġija ċċentrata fuq il-bniedem u affidabbli u la għandha tissostitwixxi l-awtonomija tal-bniedem u lanqas tassumi t-telf tal-libertà individwali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun żgurat li din ir-raba' rivoluzzjoni industrijali tkun inklużiva u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura;
8. Jissuġġerixxi li hemm kompetizzjoni globali għat-tmexxija tal-IA; jirrimarka li t-teknoloġiji tal-IA jwiegħdu li jagħtu valur ekonomiku enormi lil dawk l-ekonomiji li jiżviluppaw, jipproduċu, u jadottaw dawn it-teknoloġiji b'mod li jrendi l-profitti, kif ukoll lil dawk il-pajjiżi li fihom iseħħ dan il-ħolqien ta' valur; jissottolinja li l-IA mhijiex teknoloġija omnipotenti, iżda sett effiċjenti ta' għodod u tekniki li jistgħu jintużaw għall-benefiċċju tas-soċjetà; jispjega li l-mod ta' kif jiffunzjonaw it-teknoloġiji jiddependi minn kif niddisinjawhom; jirrimarka li l-UE ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tkun pijuniera f'qafas regolatorju dwar l-IA; jisħaq, madankollu, li huwa kruċjali li l-UE tkun tista' tiddefinixxi l-approċċ regolatorju, inkluż il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u li taġixxi bħala entità globali li tistabbilixxi l-istandards; jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza tal-kompetittività Ewropea fl-IA u l-kapaċità tal-UE li ssawwar ix-xenarju regolatorju fil-livell internazzjonali; jisħaq li ċerti użi tal-IA jistgħu joħolqu riskji individwali u tas-soċjetà li jistgħu jipperikolaw id-drittijiet fundamentali u għalhekk għandhom jiġu indirizzati minn dawk li jfasslu l-politika, u b'hekk l-IA tkun tista' ssir effettivament strument li jservi lin-nies u lis-soċjetà, filwaqt li ssegwi il-ben komuni u l-interess ġenerali;
9. Jinnota li qafas regolatorju ċar, impenn politiku u mentalità aktar effiċjenti, li ħafna drabi huma neqsin fil-preżent, huma meħtieġa biex l-atturi Ewropej jirnexxu fl-era diġitali u jsiru mexxejja tat-teknoloġija fl-IA; jikkonkludi li abbażi ta' approċċ bħal dan, kemm iċ-ċittadini tal-UE kif ukoll in-negozji jistgħu jibbenefikaw mill-IA u mill-opportunità kbira li toffri biex tingħata spinta lill-kompetittività, inkluż fir-rigward tal-prosperità u l-benesseri; jissottolinja li l-oqfsa regolatorji jridu jitfasslu b'tali mod li ma jiġux imposti ostakli mhux ġustifikati li jipprevjenu lill-atturi Ewropej milli jirnexxu fl-era diġitali, b'mod partikolari għan-negozji ġodda u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); jenfasizza li l-investimenti privati u pubbliċi għandhom jiżiedu b'mod sostanzjali biex tinħoloq klima li fiha jitfaċċaw u jiżviluppaw aktar stejjer ta' suċċess Ewropej fil-kontinent tagħna;
10. Jenfasizza li l-progress teknoloġiku rapidu introdott mill-IA huwa dejjem aktar

inseparabbli mill-biċċa l-kbira tal-oqsma tal-attività tal-bniedem u se jaffettwa wkoll l-għajxien ta' kull min ma għandux il-ħiliet li jeħtieġ biex jadatta malajr biżżejjed għal dawn it-teknoloġiji l-ġodda; jirrimarka li filwaqt li l-ksib tal-litteriżmu diġitali permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tista' jgħin biex jiġi indirizzat ħafna mit-tħassib soċjoekonomiku li jirriżulta, dawn l-impatti għandhom jiġu indirizzati wkoll fil-kuntest tas-sistemi tal-benesseri soċjali, tal-infrastruttura urbana u rurali, u tal-proċessi demokratiċi;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu riflessi l-oġettivi u l-interessi tan-nisa u tal-gruppi vulnerabbli fit-tranżizzjoni diġitali; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li n-nisa kienu jammontaw biss għal 22 % tal-professionisti globali tal-IA fl-2018, problema li sservi biss biex jiġu sostnuti u stabbiliti l-istereotipi u l-preġudizzju; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu ppreservati d-drittijiet għall-ugwaljanza quddiem il-liġi, il-privatezza, il-libertà tal-espressjoni, u l-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali u politika meta jintużaw it-teknoloġiji tal-IA, speċjalment għall-komunitajiet minoritarji;

## 2. *Opportunitajiet, riskji u ostakli potenzjali fl-użu tal-IA: sitt studji tal-każ eżaminati mill-Kumitat tal-AIDA*

12. Ifakkar fil-fatt li l-IA hija bbażata fuq software li juża mudelli probablistiċi u tbassir algoritmiku għal sett ta' oġettivi speċifiċi; jirrimarka li t-terminu IA huwa terminu ġeneriku li jkopri firxa wiesgħa ta' teknoloġiji, tekniki u approċċi qodma u ġodda li jinfteħmu aħjar bħala "sistemi ta' intelliġenza artifiċjali", li tirreferi għal kwalunkwe sistema bbażata fuq il-magni li ħafna drabi jkollha ftit aktar komuni milli tkun iggwidata minn sett partikolari ta' oġettivi definiti mill-bniedem, bi gradi differenti ta' awtonomija fl-azzjonijiet tagħha, u involviment fi tbassir, rakkomandazzjonijiet jew teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq data disponibbli; jinnota li filwaqt li xi wħud minn dawn it-teknoloġiji diġà qeġħdin jintużaw b'mod mifruq, oħrajn għadhom qed jiġu żviluppati jew saħansitra huma biss kunċetti spekulattivi li jistgħu jeżistu jew ma jeżistux fil-futur;
13. Jirrimarka li hemm differenza sinifikanti bejn l-IA simbolika, l-approċċ ewlieni għall-IA mis-snin 50 sas-snin disgħin, u l-IA b'taġħlim awtomatiku xprunata mid-data, li ilha tiddomina mis-snin 2000; jiċċara li matul l-ewwel mewġa, l-IA ġiet żviluppata billi l-għarfien u l-esperjenza tal-esperti ġew ikkodifikati f'sett ta' regoli li mbagħad ġew eżegwiti minn magna;
14. Jinnota li fit-tieni mewġa, il-proċessi ta' taġħlim awtomatizzati tal-algoritmi bbażati fuq l-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' data, il-kapaċità li jinġabru flimkien l-inputs minn bosta sorsi differenti u li jiffurmaw rappreżentazzjonijiet kumplessi ta' ambjent partikolari, u l-identifikazzjoni tax-xejriet għamli s-sistemi tal-IA aktar kumplessi, awtonomi u opaki, li jwasslu għal eżiti inqas spjegabbli; jisħaq, għalhekk, li l-IA attwali tista' tinqasam f'bosta sottodominji u tekniki differenti, fejn it-taġħlim profond huwa pereżempju sottoqasam tat-taġħlim awtomatiku, li huwa nnifsu huwa sottoqasam tal-IA;
15. Jinnota li għalkemm l-IA tal-lum saret ħafna aktar effettiva b'saħħitha mill-IA simbolika, bis-saħħa taż-żidiet sinifikanti fil-kapaċitajiet tal-computing, xorta tista' ssolvi biss il-kompiti ddefiniti b'mod ċar f'oqsma speċifiċi għad-dominju bħal ċess jew rikonoxximent tal-immaġni u l-programmazzjoni tagħha mhijiex iddisinjata biex tagħraf

bis-sħiħ l-azzjonijiet li tagħmel is-sistema ta' IA; jenfasizza li s-sistemi tal-IA – għall-kuntrarju ta' x'jissuġġerixxi isimhom – ma għandhomx "intelliġenza" reali; jirrimarka li għalhekk issir referenza għaliha bħala IA "ristretta" jew "dgħajfa" u għadha mhi xejn aktar ħlief għodda li tipprovi rakkomandazzjonijiet u tbassir; jinnota, pereżempju, li l-karozzi awtonomi joperaw permezz ta' kombinazzjoni ta' diversi sistemi tal-IA ta' komputu wieħed li flimkien jistgħu jipprovdnu mappa tridimensjonali tal-inħawi tal-vettura sabiex is-sistema operattiva tagħha tkun tista' tieħu deċiżjonijiet;

16. Jenfasizza li ħafna beżgħat marbuta mal-IA huma bbażati fuq kunċetti ipotetiċi bħall-IA ġenerali, is-superintelliġenza artifiċjali u s-singularità li jistgħu, f'termini teoretiċi, iwasslu għal intelliġenza tal-magni li tissupera l-intelliġenza tal-bniedem f'bosta oqsma; jisħaq li hemm dubji dwar jekk din l-IA spekulattiva tistax tinkiseb bit-teknoloġiji u bil-liġijiet xjentifiċi tagħna; jemmen, madankollu, li r-riskji li bħalissa jirriżultaw mit-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-IA jeħtieġ li jiġu indirizzati mil-leġiżlaturi peress li huwa tassew ċar li l-effetti dannużi bħad-diskriminazzjoni razzjali u sesswali diġà huma attribwibbli għal każijiet partikolari li fihom l-IA ġiet implimentata mingħajr salvagwardji;
17. Jissottolinja li l-maġġoranza tas-sistemi tal-IA li qed jintużaw bħalissa huma ta' riskju baxx; jirreferi, pereżempju, għat-traduzzjoni awtomatika, il-"magni Eureka", il-magni tal-logħob u r-robots li jeżegwixxu proċessi tal-manifattura ripetittivi; jikkonkludi li xi każijiet ta' użu jistgħu jiġu kkategorizzati bħala riskjużi u li każijiet bħal dawn jirrikjednu azzjoni regolatorja u salvagwardji effettivi, jekk dawn ma jkunux diġà stabbiliti;
18. Jinkoraġġixxi dibattitu pubbliku dwar kif għandu jiġi esplorat il-potenzjal enormi tal-IA ibbażat fuq il-valuri fundamentali Ewropej, il-prinċipji tat-trasparenza, l-ispjegabbiltà, il-ġustizzja, l-għoti ta' rendikont, ir-responsabbiltà u l-affidabbiltà, kif ukoll il-prinċipju li l-IA u r-robotika għandhom ikunu ċċentratu fuq il-bniedem u żviluppanti biex jikkomplementaw lill-bnedmin; jisħaq li f'għadd sinifikanti ta' oqsma tal-ħajja tal-bniedem, mis-sostenibbiltà sal-kura tas-saħħa, l-IA tista' tipprovi benefiċċji bħala għodda awżiljarja għall-utenti u l-professionisti, filwaqt li tawmenta l-kapaċitajiet tal-bnedmin mingħajr ma timpedixxi l-kapaċità tagħhom li jaġixxu u jiddeċiedu b'mod liberu; jisħaq li l-prinċipji u r-rekwiżiti etiċi tal-IA miftiehma għandhom jiġu operazzjonalizzati fid-dominji kollha tal-applikazzjoni tal-IA, filwaqt li jibnu fis-salvagwardji meħtieġa, li se jżidu l-fiducia taċ-ċittadini, u b'hekk jagħmluhom jħaddnu l-benefiċċji tal-IA;
19. Jissottolinja li l-livell ta' riskju ta' applikazzjoni tal-IA partikolari jvarja b'mod sinifikanti skont il-probabbiltà u l-gravità tal-ħsara; jenfasizza, għalhekk, li r-rekwiżiti legali għandhom jiġu aġġustati għal dan, f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq ir-riskju u filwaqt li jiġi kkunsidrat, meta jkun iġġustifikat, il-prinċipju ta' prekawzjoni; jisħaq li f'każijiet bħal dawn, attwali jew futuri, fejn f'każ ta' użu partikolari, is-sistemi tal-IA joħolqu riskji kbar għad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem, huma meħtieġa sorveljanza sħiħa mill-bniedem u intervent regolatorju u li, minħabba l-veloċità tal-iżvilupp teknoloġiku, ir-regolamentazzjoni għas-sistemi tal-IA ta' riskju għoli jeħtieġ li tkun flessibbli u tibqa' valida fil-futur;
20. Juri li dan ir-rapport jindirizza sitt studji tal-każ dwar l-IA fid-dettall, li jiddeskrivu l-opportunitajiet offruti mill-IA fis-settur rispettiv, ir-riskji li għandhom jiġu indirizzati u

l-ostakli li bħalissa qed jipprevjenu lill-Ewropa milli tisfrutta bis-sħiħ il-benefiċċji tal-IA; jenfasizza li l-istudji tal-każ jirrappreżentaw uħud mill-aktar każijiet ta' użu importanti bħalissa dwar l-IA u, fl-istess ħin, jirriflettu xi wħud mis-suġġetti ewlenin tas-seduti pubbliċi li saru mill-Kumitat tal-AIDA matul il-mandat tiegħu, jiġifieri s-saħħa, il-Patt Ekoloġiku, il-politika esterna u s-sigurtà, il-kompetittività, il-futur tad-demokrazija u tas-suq tax-xogħol;

*a) L-IA u s-saħħa*

21. Iqis li l-analiżi metodoloġika ta' ammonti kbar ta' data, inkluż permezz tal-IA, tista' tisfrutta soluzzjonijiet ġodda jew ittejjeb it-tekniki eżistenti fis-settur tas-saħħa li jistgħu jħaffu r-riċerka xjentifika b'mod enormi, jiġu salvati l-ħajjiet tal-bniedem u tittejjeb il-kura tal-pazjenti billi jiġu offruti trattamenti innovattivi u dijanjożi aħjar u billi jitrawmu ambjenti ta' appoġġ għal stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa; jenfasizza li s-sistemi tal-IA jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-aċċessibbiltà, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa, filwaqt li fl-istess ħin jintroduċu vantaġġ kompetittiv għas-setturi Ewropej tal-ICT u tal-kura tas-saħħa jekk ir-riskji inerenti jiġu ġestiti kif xieraq;
22. Jenfasizza li l-użu tal-IA fis-settur tas-saħħa għandu jiġi ankrat fuq rekwiżiti etiċi b'saħħithom bħall-aċċess ekwu għall-kura tas-saħħa, il-privatezza, ir-responsabbiltà, it-trasparenza, l-ispejgabbiltà, l-affidabbiltà, l-inklużività u r-rappreżentanza ta' settijiet ta' data u s-sorveljanza kostanti mill-bniedem; jišhaq li d-disinn ta' sistemi bbażati fuq l-IA jrid jindirizza r-riskju li r-riżorsi jiġu allokat i b'mod żbaljat lil individwi abbażi ta' kategorizzazzjoni difettuża jew preġudikata, prijoritizzazzjoni jew teknoloġija li ma taħdimx tajjeb, li jwasslu għal dijanjożi ħażina, trattament ħażin jew l-ebda trattament; jemmen li għandhom japplikaw l-ogħla standards etiċi għall-applikazzjonijiet kollha tal-kura tas-saħħa u li għandhom jiġu stabbiliti regoli etiċi fi stadju bikri ħafna fl-iżvilupp u d-disinn tagħhom jiġifieri etika ppjanata; jissottolinja li t-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet fl-applikazzjonijiet għall-kura tas-saħħa jista' jgħall-riskji għall-benesseri tal-pazjenti u għad-drittijiet fundamentali u jišhaq li l-IA għalhekk irid ikollha rwol ta' appoġġ fil-kura tas-saħħa, fejn dejjem għandha tinżamm is-sorveljanza professjonali mill-bniedem; jitlob li l-IA fid-dijanjożijiet mediċi fis-sistemi tas-saħħa pubblika tippreserva r-relazzjoni bejn il-pazjent u t-tabib u tkun konsistenti mal-Ġurament ippokratiku f'kull ħin; jinnota, madankollu, li l-IA ttejjeb il-preċiżjoni tal-iskrinjar u li f'diversi każijiet diġà qed tagħmel dijanjożijiet aħjar minn dawk tat-tobba; huwa tal-fehma li l-oqfsa ta' responsabbiltà eżistenti ma jipprovdux biżżejjed ċertezza tad-dritt u ma jirrispettawx id-dritt tal-pazjenti għal rimedju legali fil-każ ta' dijanjożi ħażina u trattament mhux korrett permezz tal-IA; jilqa' f'dan ir-rigward, il-proposta leġiżlattiva li jmiss dwar ir-responsabbiltà tal-IA; jinnota li huwa importanti li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa jiġu protetti bħala utenti tas-sistemi tal-IA, kif ukoll il-pazjenti bħala riċevituri finali, filwaqt li jiġu pprovduti b'informazzjoni suffiċjenti u trasparenti;
23. Jissottolinja li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA diġà qed jintużaw jew jiġu ttestjati f'ambjenti kliniċi bl-għan li jappoġġjaw id-dijanjożi, il-pronjożi, it-trattament u l-involviment tal-pazjenti, u b'hekk jitħaffef u jittejjeb it-trattament u jitnaqqsu interventi bla bżonn; jinnota, barra minn hekk, li l-IA tista' ttejjeb il-mediċina personalizzata u l-kura tal-pazjent; jinnota li bħalissa l-IA qed tkopri firxa wiesgħa ta' oqsmas tas-saħħa, inkluża s-saħħa pubblika, is-servizzi tal-kura, il-kura personali u s-servizzi tas-saħħa; jikkummenta li d-data għandha rwol importanti; huwa tal-fehma li hemm

applikazzjonijiet promettenti għall-IA fl-estrazzjoni ta' informazzjoni minn immaġnijiet u f'apparat mediku ieħor biex tiġi infurmata l-analiżi downstream u jinnota li huwa mistenni wkoll li l-algoritmi ta' apprendiment profund jistgħu jrendu qabża kwantitattiva fil-varjetà ta' kompiti kliniċi;

24. Jenfasizza li t-teknoloġiji tal-IA jistgħu jiġu applikati għar-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni bil-massa ta' prodotti farmaċewtiċi u għandhom il-potenzjal li jħaffu l-iżvilupp ta' mediċini, trattamenti u vaċċini ġodda bi spiża aktar baxxa; huwa tal-fehma li l-IA tista' tgħin biex jiġi previst l-eżitu tar-reazzjonijiet għat-trattamenti u tista' tippermetti lit-tobba jaġġustaw l-istrateġiji terapewtiċi skont il-karatteristiċi ġenetiċi jew fiżjoloġiċi individwali b'livelli dejjem akbar ta' preċiżjoni meta jkunu bbażati fuq data ta' kwalità għolja u suppożizzjonijiet sodi, u b'hekk tiżdied l-effettività tal-kura preventiva, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti etiċi kollha fir-rigward tas-sorveljanza professjonali fuq il-validazzjoni klinika tal-IA, il-privatezza, il-protezzjoni tad-data u l-kunsens infurmat; jinnota li l-big data fis-saħħa tista' tiġi analizzata bl-għajjnuna tal-IA biex jitħaffef l-ipproċessar tagħha; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-computing ta' prestazzjoni għolja jkun interoperabbli mal-IA, peress li setturi ekonomiċi ewlenin inklużi l-manifattura, is-saħħa u l-farmaċewtika jiddependu minn computing ta' prestazzjoni għolja;
25. Jissottolinja li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA għandhom il-potenzjal li jfasslu t-trattamenti u l-iżvilupp tal-mediċini skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-pazjenti u jtejbu l-involviment mal-partijiet ikkonċernati u mal-parteciċipanti fis-sistema tal-kura tas-saħħa; huwa tal-fehma li l-IA u l-aċċess għal settijiet ta' data anonimizzati u rappreżentattivi rilevanti, aġġornati u ta' kwalità għolja, f'konformità mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali, jappoġġjaw lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa biex jgħinuhom jipprovdu kura aħjar għall-pazjenti tagħhom u feedback, gwida u appoġġ aktar personalizzati, jippromwovu s-sikurezza tal-pazjent u jagħmlu t-terapija aktar effettiva; jenfasizza li dan jista' jkun partikolarment utli fl-għażla u r-rieżami tal-ammont dejjem akbar ta' għarfien xjentifiku għall-finijiet tal-estrazzjoni tal-informazzjoni rilevanti għall-professjonisti tas-saħħa; jenfasizza li ċ-ċittadini mill-Istati Membri kollha għandhom ikunu jistgħu jikkondividu d-data dwar is-saħħa tagħhom mal-fornituri tal-kura tas-saħħa u l-awtoritajiet tal-għażla tagħhom; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jinħolqu inċentivi għat-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u fit-taħriġ għal impjieġ ieħor għall-ħaddiema b'karrieri fis-settur tas-saħħa;
26. Isib li l-ġlieda kontra l-COVID-19 aċċellerat kemm ir-riċerka dwar teknoloġiji ġodda kif ukoll l-użu tagħhom, b'mod partikolari l-applikazzjonijiet tal-IA, fit-tfittxija għal titjib fid-detezzjoni tal-każijiet, fir-riċerka dwar il-kura klinika u l-prodotti terapewtiċi u enfasizzat l-utilità tal-IA kif ukoll l-importanza tal-finanzjament u d-data ta' kwalità għolja għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-immudellar effiċjenti tal-firxa ta' tifqigħat ta' mard infettiv, f'konformità mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data; jinnota, madankollu, li l-esperjenzi bl-applikazzjonijiet tal-IA matul il-COVID-19 żvelaw xi wħud mil-limitazzjonijiet fl-użu tal-IA fid-dijanostika medika<sup>26</sup>;

---

<sup>26</sup> Roberts, M., Driggs, D., Thorpe, M. et al., 'Common pitfalls and recommendations for using machine learning to detect and prognosticate for COVID-19 using chest radiographs and CT scans' (Diffikultajiet komuni u rakkomandazzjonijiet għall-użu tat-tagħlim awtomatiku fl-identifikazzjoni u l-pronjożi tal-COVID-19 permezz ta' radjografi u CT scans tas-sider), *Nature Machine Intelligence*, 3, pp. 199-217, 15 ta' Marzu 2021.



27. Jenfasizza l-potenzjal tas-sistemi tal-IA biex itaffu l-piż fuq is-sistemi tas-saħħa u l-professjonisti tas-saħħa b'mod partikolari u jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet biex jipprovdu kura lill-popolazzjonijiet li qed jixjieħu malajr fl-Ewropa u fid-dinja u jiprotegħom minn mard perikoluż;
28. Jenfasizza li l-użu ta' applikazzjonijiet tal-IA sikuri u effiċjenti għall-kompiti amministrattivi li ma jirrikjedux azzjoni mill-bniedem jistgħu jiffrankaw ħafna ħin għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa li minflok jista' jiġi ddedikat għal żjarat tal-pazjent;
29. Jisħaq li l-applikazzjonijiet tas-saħħa tal-konsumatur ibbażati fuq l-IA jistgħu jgħinu biex jiġi traċċat l-istatus tas-saħħa ta' individwu permezz ta' apparati ta' kuljum bħall-ismartphones, li jippermettu lill-utenti jipprovdu data volontarjament li tista' tkun il-bażi għal twissijiet u allerti bikrija dwar mard ta' periklu għall-ħajja bħal attackki ta' puplesija jew attackki tal-qalb; jisħaq li l-applikazzjonijiet tas-saħħa bbażati fuq l-IA jistgħu jinkoraġġixxu wkoll imġiba tajba għas-saħħa u jagħtu s-setgħa lil awtokura responsabbli għall-individwi billi jgħammru lill-pazjenti bil-mezzi addizzjonali biex jimmonitorjaw saħħithom u l-istil ta' ħajja tagħhom u billi jtejbu l-preċiżjoni tal-iskrinjar mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa; jirimarka, madankollu, is-sensittività partikolari tad-data personali dwar is-saħħa u r-riskju ta' ksur tad-data jew użu ħażin f'dan ir-rigward, u jissottolinja l-ħtieġa li jiġu applikati standards b'saħħithom ta' ċibersigurtà għal kwalunkwe applikazzjoni tas-saħħa;
30. Jisħaq li l-IA fis-settur tas-saħħa hija partikolarment dipendenti minn ammonti kbar ta' data personali, il-kondiviżjoni tad-data, data ta' kwalità għolja, l-aċċessibbiltà tad-data u l-interoperabbiltà tad-data biex jitwettaq il-potenzjal sħiħ tal-IA u tas-saħħa; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata r-rabta tar-rekords tas-saħħa elettroniċi ma' sistemi ta' preskrizzjoni elettronika sabiex jippermettu lill-professjonisti tas-saħħa involuti fil-kura tal-pazjent jaċċessaw l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pazjent, soġġett għall-kunsens tiegħu;
31. Jilqa' l-ħolqien ta' spazju Ewropew tad-data dwar is-saħħa sabiex tinbena data ta' kwalità għolja ħafna għall-użu fis-settur tas-saħħa; iqis li l-interkonnnessjoni u l-interoperabbiltà tal-infrastruttura ta' computing ta' prestazzjoni għolja mal-ispazju Ewropew tad-data dwar is-saħħa jiżguraw id-disponibbiltà ta' settijiet ta' data dwar is-saħħa kbar u ta' kwalità għolja, li huma importanti għar-riċerka u t-trattament tal-patoloġiji, speċjalment il-mard rari u l-kondizzjonijiet pedjatriċi;
32. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tinbena l-fiduċja billi tiġi promossa l-interoperabbiltà u aktar kollaborazzjoni bejn professjonisti differenti tal-kura tas-saħħa li jaqdu lill-istess pazjenti; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi offrut taħriġ lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa dwar it-tekniki u l-approċċi tal-IA; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled in-nuqqas ta' fiduċja, bħal pereżempju billi jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-anonimizzazzjoni u l-pseudonimizzazzjoni tad-data, u biex iċ-ċittadini, il-professjonisti tas-saħħa u dawk li jieħdu deċiżjonijiet jiġu infurmati aħjar dwar l-użi, il-benefiċċji u r-riskji tal-IA fil-qasam tas-saħħa, kif ukoll l-iżviluppaturi tal-IA jiġu infurmati dwar l-isfidi u r-riskji tal-ipproċessar ta' data sensitiva f'dan id-dominju;
33. Jemmen, barra minn hekk, li huma meħtieġa standards etiċi u legali vinkolanti u robusti u drittijiet infurzabbli ta' rimedju biex tiġi promossa ekosistema ta' fiduċja fost iċ-

ċittadini u tiġi protetta b'mod adegwat id-data dwar is-saħħa minn użu ħażin potenzjali u aċċess illegali; jaqbel mal-Kummissjoni li ċ-ċittadini għandu jkollhom aċċess sigur għal rekord elettroniku komprensiv tad-data dwar saħħithom, u li għandhom iżommu kontroll fuq id-data personali li tikkonċerna saħħithom u jkunu jistgħu jikkondividuha b'mod sigur, bi protezzjoni effettiva għad-data personali u ċibersigurtà b'saħħitha, ma' partijiet terzi awtorizzati; jenfasizza li l-aċċess u t-tixrid mhux awtorizzati għandhom ikunu pprojbiti u li l-protezzjoni tad-data personali tal-pazjenti trid tiġi ggarantita f'konformità mal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data;

34. Jissottolinja, f'dan ir-rigward, ir-riskju ta' deċiżjonijiet preġudikati li jwasslu għal diskriminazzjoni u ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq fuq il-ħtieġa, għalhekk, ta' kontrolli imparzjali dwar l-algoritmi u s-settijiet ta' data użati, u tal-promozzjoni ta' aktar riċerka dwar il-metodi u l-preġudizzju inkorporati f'sistemi tal-IA mħarrġa sabiex jiġu evitati konklużjonijiet mhux etiċi u diskriminatorji fil-qasam tad-data dwar is-saħħa tal-bniedem;
35. Jisħaq li hija meħtieġa applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-GDPR fl-UE kollha sabiex jingħelbu sfidi bħall-inċertezza tad-dritt u n-nuqqas ta' kooperazzjoni fis-settur tas-saħħa; jisħaq li f'xi każijiet dawn l-isfidi jwasslu għal dewmien fl-iskoperti xjentifiċi u għal piż burokratiku fir-riċerka dwar is-saħħa; jisħaq li l-ħolqien ta' spazju Ewropew tad-data dwar is-saħħa li jiggarrantixxi d-drittijiet tal-pazjenti u l-portabbiltà tad-data jista' jżid il-kooperazzjoni u jstimula l-kondiviżjoni tad-data għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tas-saħħa Ewropew;
36. Jinnota li l-IA tista' tikkontribwixxi għall-progress rapidu ta' teknoloġiji ġodda, bħall-immaġni tal-moħħ, li diġà għandhom applikazzjonijiet importanti fil-mediċina iżda li jinvolvu wkoll riskji sostanzjali għall-aġenzija tal-bniedem u l-espressjoni tad-drittijiet fundamentali mingħajr il-ħtieġa ta' kunsens; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' leġislazzjoni dwar id-data newroloġika u jemmen li l-UE għandha tħabrek biex tikseb pożizzjoni dominanti fid-dinja fl-iżvilupp ta' teknoloġiji newroloġiċi sikuri;

#### *b) L-IA u l-Patt Ekoloġiku*

37. Jenfasizza li ż-żewġ prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni għas-snin li ġejjin huma Ewropa lesta għall-era diġitali u l-Patt Ekoloġiku; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni diġitali tikkontribwixxi għall-ksib tal-iżvilupp sostenibbli u ttipromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika; huwa tal-fehma li dan jirrikjedi aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni b'mod kompatibbli mal-miri klimatiki u l-istandards ambjentali tal-UE; jenfasizza li l-applikazzjonijiet tal-IA jistgħu jwasslu benefiċċji ambjentali u ekonomiċi u jsaħħu l-kapaċitajiet ta' tbassir li jistgħu jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-mira tal-UE li ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050; huwa tal-fehma li l-użu tal-IA għandu l-potenzjal li jnaqqas l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra b'sa 4 % sal-2030<sup>27</sup>; huwa tal-fehma li skont xi stimuli, it-teknoloġiji tal-ICT jistgħu jnaqqsu 10 darbiet aktar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-impronta tagħhom stess<sup>28</sup>, iżda jirrikonoxxi li dan

<sup>27</sup> Studju tad-DĠ IPOL, *Opportunities of Artificial Intelligence* (Opportunitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali), Ġunju 2020.

<sup>28</sup> Dokument ta' ħidma tal-AIDA, *Artificial Intelligence and the Green Deal* (L-Intelliġenza Artifiċjali u l-Patt Ekoloġiku), Marzu 2021.

jirrikjedi għażliet konxji tad-disinn u azzjoni regolatorja; iwissi, fl-istess ħin, li ż-żieda fil-konsum tal-enerġija fil-ħżin tas-settijiet kbar ta' data meħtieġa għat-taħriġ tas-sistemi tal-IA jista' jkollha wkoll effett negattiv; ifakkar fil-fatt li t-traffiku tad-data u l-infrastruttura tal-ICT jikkunsmaw madwar 7 % tal-elettriku tad-dinja llum, ċifra li, mingħajr is-salvagwardji xierqa, hija mbassra li tiżdied għal 13 % sal-2030; iżid li l-użu intensiv tal-materja prima biex jinbnew il-mikroproċessuri u l-apparati ta' teknoloġija avvanzata li jużaw l-IA jista' jikkontribwixxi wkoll għal dan l-impatt negattiv; jissottolinja li sabiex tiġi ggarantita l-"handprint kbira iżda l-impronta żgħira" tal-IA fuq l-ambjent u l-klima, dawn l-impatti ambjentali negattivi diretti u indiretti jeħtieġ li jiġu kkunsidrati u s-sistemi tal-IA jeħtieġ li jiġu ddisinjati biex jippromwovu l-konsum sostenibbli, jillimitaw l-użu tar-riżorsi u l-konsum tal-enerġija, jevitaw operazzjonijiet ta' pproċessar mhux meħtieġa u jipprevjenu ħsara lill-ambjent; jenfasizza li l-indirizzar tal-impatt ambjentali tas-settur tal-ICT jirrikjedi informazzjoni u data rilevanti;

38. Huwa mħasseb li sitt Stati Membri biss inkludew enfasi qawwija fuq l-applikazzjonijiet tal-IA fl-isforzi tagħhom biex jilhq u l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku; huwa tal-fehma li l-IA tista' tintuża biex tinġabar u tiġi organizzata informazzjoni rilevanti għall-ippjanar ambjentali, għat-teħid ta' deċiżjonijiet u għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-progress tal-politiki ambjentali, pereżempju għal arja aktar nadifa, fejn l-applikazzjonijiet tal-IA jistgħu jimmonitorjaw it-tniġġis u jwissu dwar il-perikli; jenfasizza li dawn is-soluzzjonijiet tal-IA u diġitali jistgħu jintużaw f'diversi setturi biex jiżdiedu s-soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;
39. Jenfasizza l-importanza tas-sistemi bbażati fuq l-IA fl-iżvilupp ta' bliet u villaġġi intelliġenti biex jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi u tiżdied ir-reżiljenza tal-infrastruttura, inkluż permezz ta' tbassir u tnaqqis tat-traffiku, ġestjoni tal-enerġija intelliġenti, assistenza f'emerġenza u l-iskart, kif diġà huwa l-każ f'diversi bliet u municiplalitajiet madwar l-UE; jisħaq li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA jistgħu jkomplu jgħinu fil-proċessi ta' ppjanar urban, tal-arkitettura, tal-kostruzzjoni u tal-inġinerija biex inaqqsu l-emissjonijiet, iż-żmien tal-kostruzzjoni, l-ispejjeż u l-iskart;
40. Jisħaq li t-tranżizzjoni tal-enerġija mhux se sseħħ mingħajr id-diġitalizzazzjoni; jenfasizza li l-IA tista' timmonitorja, tottimizza u tnaqqas il-konsum u l-produzzjoni tal-enerġija, kif ukoll tappoġġja l-integrazzjoni tal-enerġiji rinnovabbli fil-grilji tal-elettriku eżistenti; jissottolinja li l-miters intelliġenti, it-tidwil effiċjenti, il-cloud computing u s-software distribwit flimkien ma' komponent tal-IA għandhom il-potenzjal li jittrasformaw ix-xejriet tal-użu tal-enerġija u jippromwovu użu responsabbli;
41. Jenfasizza li l-kumplessità dejjem akbar ta' sistema ta' tranżizzjoni tal-enerġija, b'żieda fil-ġenerazzjoni volatili rinnovabbli u bidliet fil-ġestjoni tat-tagħbija, tagħmel iż-żieda fil-kontroll awtomatizzat meħtieġa għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija; jisħaq li l-IA għandha l-potenzjal li tkun ta' benefiċċju għas-sigurtà tal-provvista, speċjalment fl-operat, il-monitoraġġ, il-manutenzjoni u l-kontroll tan-networks tal-ilma, tal-gass u tal-elettriku; jinnota, madankollu, li t-teknoloġiji tal-grilja mtejba bl-IA se jintroduċu miljuni ta' komponenti intelliġenti b'vulnerabbiltajiet komuni, filwaqt li jżidu għadd kbir ta' punti ta' attakk potenzjali man-networks tal-enerġija u jżidu l-vulnerabbiltajiet tal-infrastruttura kritika, jekk ma jiġux stabbiliti dispożizzjonijiet xierqa taċ-ċibersigurtà; huwa tal-fehma li l-grilji intelliġenti jirrikjedu aktar investiment u riċerka;

42. Isib li l-IA u applikazzjonijiet diġitali oħra għall-mobbiltà u t-trasport għandhom il-potenzjal li jottimizzaw il-flussi tat-traffiku u jtejbu s-sikurezza fit-toroq, inkluż billi jżidu l-effiċjenza tas-sistemi tat-trasport; jirrimarka li l-IA tista' tinforma l-ġestjoni tad-disinn u l-enerġija ta' vetturi effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jenfasizza li l-għażliet għal servizzi ta' rkib, ride pooling u ċar sharing ibbażati fuq applikazzjoni żdiedu b'mod konsiderevoli u l-IA ħafna drabi tintuża f'dawn is-servizzi ta' mobbiltà permezz ta' ppjanar effiċjenti tar-rotta u għażla tal-punt minn fejn jirkebb il-klijent;
43. Jemmen li l-IA jista' jkollha rwol ta' trasformazzjoni fis-settur agrikolu, billi tappoġġja l-ħolqien ta' metodi ġodda ta' ħsad, inklużi t-tbassir tal-ħsad u l-ġestjoni tar-riżorsi agrikoli; jisħaq li l-agrikoltura hija settur ewlieni li fih l-IA tista' tgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-użu tal-pestiċidi, tal-fertilizzanti, tas-sustanzi kimiċi u tal-ilma billi tiffoka l-użu tagħhom fuq l-ammont preċiż u f'erja idjaq; jisħaq ukoll li l-IA tista' tikkontribwixxi għar-restawr tal-bijodiversità billi timmonitorja speċijiet fil-periklu jew issegwi l-attivitajiet ta' deforestazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati linji gwida għall-użu u metodoloġiji ta' valutazzjoni standardizzati biex tiġi appoġġjata l-"IA ekoloġika" f'oqsma bħall-grilji intelliġenti, il-biedja ta' preċiżjoni, u bliet intelliġenti u sostenibbli kif ukoll il-komunitajiet; huwa tal-fehma li l-IA fil-forma ta' biedja ta' preċiżjoni għandha l-potenzjal li tottimizza l-produzzjoni tal-ikel fl-azjenda kif ukoll ġestjoni usa' tal-art billi ttejjeb l-ippjanar tal-użu tal-art, tipprevedi bidla fl-użu tal-art u timmonitorja s-saħħa tal-għelejjel, kif ukoll il-potenzjal li tittrasforma t-tbassir ta' avvenimenti tat-temp estremi;
44. Jisħaq li l-IA tista' tikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari billi tagħmel il-proċessi u l-imġiba tal-produzzjoni, tal-konsum u tar-riċiklaġġ aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u żżid it-trasparenza tal-użu tal-materjali, pereżempju fir-rigward tal-akkwist etiku ta' materja prima u tnaqqis fl-iskart; jenfasizza li l-IA għandha l-potenzjal li żżid l-għarfien tan-negozji dwar l-emissjonijiet tagħhom, inklużi fil-ktajjen tal-valur, u b'hekk tgħin biex jiġu aġġustati u jintlaħqu l-miri individwali tal-emissjonijiet; jissottolinja li l-għodod diġitali jistgħu jgħinu lin-negozji jimplementaw il-passi meħtieġa lejn imġiba aktar sostenibbli, speċjalment l-SMEs li altrimenti ma jkollhomx ir-riżorsi biex jagħmlu dan;
45. Jenfasizza li bħalissa mhux possibbli li l-IA tintuża biex tkejjel bis-siġħ l-impatti ambjentali; huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' aktar studji dwar ir-rwol tal-IA fit-tnaqqis tal-impatti ambjentali; jisħaq li hija meħtieġa aktar data ambjentali sabiex jinkiseb aktar għarfien u jiġi xprunat aktar il-progress permezz ta' soluzzjonijiet tal-IA; jissottolinja li l-użu tal-IA biex id-data dwar l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tiġi konnessa sistematikament mad-data dwar ix-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum, il-ktajjen tal-provvista u r-rotot tal-loġistika jista' jiżgura li jiġu identifikati l-attivitajiet li għandhom impatt pożittiv jew negattiv;

*c) Il-politika esterna u d-dimensjoni tas-sigurtà tal-IA*

46. Itenni li l-UE qed tinsisti għal ftehim globali dwar standards komuni għall-użu responsabbli tal-IA, li huwa ta' importanza kbira; jemmen, madankollu, bħala kwistjoni ta' prinċipju, fil-potenzjal tad-demokrazzi tal-istess fehma li jaħdmu flimkien biex isawru b'mod konġunt id-dibattitu internazzjonali dwar qafas tal-IA li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, li jaħdmu flimkien lejn ċerti normi u prinċipji,

standards tekniċi u etiċi, u linji gwida għal imġiba tal-Istat responsabbli, speċjalment taħt l-umbrella ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi bħan-NU u l-OECD, u b'hekk jipromwovu l-multilateraliżmu, l-iżvilupp sostenibbli, l-interoperabbiltà u l-kondiviżjoni tad-data fix-xena internazzjonali; jappoġġja l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ tan-NU dwar l-ICT u s-sigurtà internazzjonali; jissottolinja li l-miżuri ta' bini tal-fiduċja huma essenzjali biex jiżdied il-livell ta' djalogu u fiduċja; jappella, għalhekk, għal aktar trasparenza fl-użu tal-IA sabiex jiġi żgurat obbligu ta' rendikont aħjar;

47. Jilqa' l-inizjattivi multilaterali reċenti biex jiġu żviluppati linji gwida u standards għal użu etikament responsabbli tal-IA bħall-prinċipji tal-OECD dwar l-IA, is-Sħubija Globali dwar l-IA, ir-rakkomandazzjoni tal-UNESCO dwar l-etika tal-IA, is-Summit Globali dwar l-IA għall-Ġid, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa għal qafas legali possibbli dwar l-IA, u l-gwida ta' politika tal-UNICEF dwar l-IA għat-tfal; jilqa' l-ħidma li għaddejja fil-livell internazzjonali dwar l-istandards tal-IA u l-progress li sar bl-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni dwar l-implikazzjonijiet ta' governanza tal-IA;
48. Jilqa', barra minn hekk, l-istabiliment u l-operazzjonalizzazzjoni tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC) bejn l-UE u l-Istati Uniti; jilqa' l-eżitu tal-ewwel laqgħa tat-TTC f'Pittsburgh; iqis it-TTC bħala forum potenzjali għall-koordinazzjoni globali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għall-istabiliment ta' regoli globali għall-IA u standards teknoloġiċi globali li jissalvagwardjaw il-valuri komuni tagħna, għat-tiħ tal-investment, ir-riċerka u l-iżvilupp konġunti, u għal koordinazzjoni politika aktar mill-qrib fl-istituzzjonijiet internazzjonali dwar kwistjonijiet relatati mat-teknoloġija u l-IA;
49. Jenfasizza r-rwol ewlieni li l-UE jista' jkollha fl-istabiliment ta' standards globali, bħala l-ewwel blokk fid-dinja li tintroduċi leġislazzjoni dwar l-IA; jisħaq li l-qafas legali tal-Unjoni dwar l-IA jista' jagħmel lill-Ewropa tikseb pożizzjoni dominanti fid-dinja fis-settur u għalhekk għandu jiġi promoss madwar id-dinja billi jkun hemm kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali kollha filwaqt li jkompli d-djalogu kritiku u bbażat fuq l-etika ma' pajjiżi terzi li għandhom mudelli u standards alternattivi ta' governanza dwar l-IA;
50. Josserva li l-Gvern Ċiniż iffirma standards u ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' 52 pajjiż permezz tal-Inizjattiva tiegħu "Belt and Road"; iwissi li peress li bosta minn dawn l-istandards, inkluż dwar it-teknoloġiji tal-IA u b'mod partikolari fir-rigward tas-sorveljanza tal-gvern u l-libertajiet individwali, mhumiex konformi mad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri tal-UE, l-attiviżmu tal-istandards taċ-Ċina joħloq sfida għall-UE;
51. Jisħaq li t-teknoloġiji tal-IA, speċjalment dawk li ma ġewx iddisinjati u żviluppati bil-proċeduri espliċiti ta' kontroll stabbiliti u li jintużaw b'mod mhux xieraq u mingħajr sorveljanza f'ċentri ta' kmand militari jew f'faċilitajiet ta' varar bil-missili, jinvolvu riskji partikolarment sinifikanti u jistgħu jeskalaw il-kunflitt reċiproku awtomatizzat;
52. Jinnota li l-użu tas-sistemi tal-IA fl-iżviluppi relatati mad-difiża jitqies bħala bidla fundamentali fl-operazzjonijiet militari permezz tal-analiżi tad-data, il-kapaċità li tiġi riflessa kumplessità tas-sitwazzjoni akbar, il-potenzjal li tittejjeb il-preċiżjoni fil-mira, li jiġu ottimizzati l-loġistika u jkun hemm involviment f'kunflitti armati b'riskju iżgħar ta'

ħsara fiżika lill-popolazzjonijiet ċivili u lill-persunal militari proprju ta' dak li jkun, kif ukoll li tintuża data għall-iżvilupp ta' modi ta' azzjoni bħall-involviment f'kampanja jew kors ta' azzjoni bl-użu ta' strateġiji ta' eżerċizzju militari; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, li dan jista' jwassal għal limitu aktar baxx għall-użu tal-forza, u għalhekk għal aktar kunflitti; jafferma li l-magni ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet bħal dawk li jieħdu l-bnedmin, li jinvolvu l-prinċipji legali ta' distinzjoni, proporzjonalità u prekawzjoni; jafferma li l-bnedmin għandu jibqa' jkollhom il-kontroll tad-deċiżjoni li jutilizzaw u jużaw armi u jibqgħu responsabbli għall-użu tal-forza letali u għal deċiżjonijiet dwar ħajja u mewt; huwa tal-fehma li s-sistemi tal-armi bbażati fuq l-IA għandhom ikunu soġġetti għal standards globali u kodiċi ta' kondotta etika internazzjonali biex isostnu l-użu tat-teknoloġiji tal-IA f'operazzjonijiet militari, b'rispett sħiħ tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u f'konformità mad-dritt u l-valuri tal-Unjoni;

53. Huwa mħasseb dwar ir-riċerka militari u l-iżviluppi teknoloġiċi li qed jiġu segwiti f'xi pajjiżi fir-rigward ta' sistemi ta' armi awtonomi letali mingħajr kontroll mill-bniedem sinifikattiv; josserva li s-sistemi ta' armi awtonomi letali diġà jintużaw f'kunflitti militari; ifakkar fil-fatt li l-Parlament appella diversi drabi għal projbizzjoni internazzjonali fuq l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-użu ta' sistemi ta' armi awtonomi letali u li jinbdew negozjati effettivi dwar il-projbizzjoni tagħhom; jiśhaq li s-sistemi abilitati bl-IA taħt l-ebda ċirkostanza ma jistgħu jitħallew jissostitwixxu t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-bniedem li jinvolvi l-prinċipji legali ta' distinzjoni, proporzjonalità u prekawzjoni;
54. Jinnota, b'mod partikolari, li t-teknoloġija tal-IA tista' tinvolvi riskji potenzjali bħala mezz ta' kif jitwettqu diversi forom ta' gwerra ibrida u ndħil barrani; jispeċifika li din tista' pereżempju tiġi mmobilizzata biex tiskatta diżinformazzjoni, billi jintużaw bots jew kontijiet foloz tal-media soċjali, biex l-interdipendenza tiġi adattata għall-użu fi gwerra, billi tinġabar informazzjoni siewja jew billi jiġi miċħud l-aċċess għan-network lill-opponenti, biex jinħolqu disturbi fis-sistemi ekonomiċi u finanzjarji ta' pajjiżi oħra, biex jitħammeġ id-dibattitu politiku u jiġu ffavoriti gruppi estremi jew jiġu mmanipulati l-elezzjonijiet għad-destabilizzazzjoni tad-demokraziji;
55. Jenfasizza li t-teknoloġiji tal-IA jistgħu jinkludu wkoll malware li jaħdem bl-IA, serq tal-identità, avvelenament tad-data jew forom oħra ta' tagħlim awtomatiku kontenzjuż li jikkawża interpretazzjoni ħażina tal-input minn sistemi oħra tal-IA; jindika, b'mod partikolari, iż-żieda fid-deepfakes, li mhumiex neċessarjament attakki ċibernetiċi iżda jwasslu għal dubji dwar l-awtentiċità tal-kontenut diġitali kollu, inklużi vidjos, u għalhekk jirrikjedu attenzjoni partikolari f'termini tar-rekwiżiti tat-trasparenza; iwissi li d-deepfakes jistgħu jikkontribwixxu għal nuqqas mifruż ta' fiduċja pubblika fl-IA, kif ukoll għal polarizzazzjoni soċjopolitika aktar profonda fis-soċjetajiet tagħna;
56. Jelabora li bl-użu tas-sistemi tal-IA f'ammont sinifikanti ta' infrastruttura kritika ewlenija bħal grilji tal-enerġija u tat-trasport, is-settur tal-ispazju, il-katina alimentari, l-infrastruttura bankarja u finanzjarja u l-faċilitajiet tal-isptarijiet, ħoloq vulnerabbiltajiet ġodda li jirrikjedu miżuri robusti taċ-ċibersigurtà biex jiġi evitat it-theddid; jirrimarka, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-azzjoni kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fost l-Istati Membri; jissottolinja l-importanza li titrawwem ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi għat-theddid ibridu;

57. Iwissi li l-kapaċitajiet tal-IA jistgħu joħolqu wkoll riskji għas-sigurtà, peress li jistgħu jwasslu lill-bnedmin fi stat fejn tant ikollhom fiduċja fl-IA li jafdawha aktar mill-ġudizzju tagħhom stess; jinnota li l-użu ta' approċċ human-in-the-loop bħala mekkaniżmu korrettiv mhuwiex fattibbli fil-każijiet kollha; jinnota li l-esperimenti wrew li dan jista' jżid l-livell ta' awtonomija tal-IA lil hinn mir-rwol ta' appoġġ li għalih kienet imfassla oriġinarjament u jfisser li l-bnedmin jitolfu l-opportunitajiet li jiksibu esperjenza u jirfinaw il-ħiliet u l-għarfien tagħhom tas-sistemi tal-IA; jisħaq, għalhekk, li huma meħtieġa s-sikurezza mid-disinn u s-sorveljanza sinifikanti mill-bniedem abbażi ta' taħriġ xieraq kif ukoll salvagwardji xierqa għas-sigurtà u l-privatezza f'sistemi tal-IA ta' riskju għoli sabiex jingħeleb dan il-preġudizzju tal-awtomatizzazzjoni;
58. Jenfasizza, madankollu, li l-IA tista' tintuża biex tbassar il-qtugħ tad-dawl u biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' manutenzjoni bi preċiżjoni kbira; jispeċifika, barra minn hekk, li din tista' tintuża biex jiġu ssintetizzati ammonti kbar ta' data permezz ta' estrazzjoni awtomatizzata tal-informazzjoni jew klassifikazzjoni awtomatizzata tal-informazzjoni u biex jiġu identifikati xejriet speċifiċi; jisħaq li dawn l-elementi jippermettu tbassir u valutazzjoni aħjar tal-livell ta' theddid u tal-vulnerabbiltajiet tas-sistema, proċessi aktar rapidi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, reattività mtejba u l-iżgurar tal-apparati tal-punt tat-tmiem b'mod aktar effettiv;
59. Jissottolinja, b'mod partikolari, il-potenzjal inerenti li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jitħallew jidentifikaw u jiġġieldu l-attività kriminali, li huwa meġħjun mit-teknoloġija tal-IA; jissottolinja li tali attivitajiet ta' infurzar tal-liġi relatati mill-IA, madankollu, jirrikjedu rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, sorveljanza demokratika stretta, regoli ċari dwar it-trasparenza, infrastruttura tal-IT b'saħħitha, sorveljanza mill-bniedem, impjegati b'livell għoli ta' ħiliet u aċċess għal data rilevanti u ta' kwalità għolja;

*d) L-IA u l-kompetittività*

60. Jinnota li aktar u aktar prodotti u servizzi tul il-katina tal-valur se jkunu interkonnessi fil-futur qrib, bl-IA u l-awtomatizzazzjoni jkollhom rwol importanti f'bosta proċessi tal-manifattura, operazzjonijiet u mudelli ta' negozju; jissottolinja l-importanza kbira tar-riċerka bażika għall-iżvilupp ta' ekosistemi industrijali tal-IA kif ukoll investiment sostanzjali għall-promozzjoni tal-amministrazzjoni pubblika diġitali u għat-titjib tal-infrastruttura diġitali;
61. Josserva li minkejja ż-żieda sinifikanti fil-kapital ta' riskju u finanzjament ieħor fi stadju bikri f'dawn l-aħħar sentejn, bosta industrij Ewropej għadhom lura u l-livelli ta' finanzjament attwali fl-UE għadhom insuffiċjenti u għandhom jissaħħu sostanzjalment sabiex jaqblu mad-dinamiżmu ta' ekosistemi ewlenin tal-IA bħal Silicon Valley u bnadi oħra; jenfasizza l-istruttura partikolari tan-network ta' raggruppamenti tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE, għall-kuntrarju ta' ekosistemi tal-innovazzjoni ċentralizzati (u appoġġjati mill-Istat);
62. Jissottolinja li l-IA tista' tkun bidla fundamentali għall-kompetittività tal-industrija tal-UE u għandha l-potenzjal li żżid il-produttività, taċċellera l-innovazzjoni, ittejjeb il-proċessi tal-manifattura u tgħin fil-monitoraġġ tar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista Ewropej;

63. Jindika r-riskju ta' tfixkil ta' ktajjen tal-provvista li qed jiġu mfixkla minħabba avvenimenti ta' diżakkoppjament jew katastrofiċi bħall-pandemiji jew fenomeni relatati mat-tibdil fil-klima; jisħaq li l-użu tal-IA jista' jgħin biex jiġu identifikati xejriet ta' tfixkil fil-ktajjen tal-provvista u tiġi infurmata l-manutenzjoni predittiva, li tista' tappoġġja d-diversifikazzjoni tal-fornituri;
64. Jinnota li l-kumpaniji li bdew it-tfixkil diġitali ħafna drabi ġew ippremjati bi qligħ sinifikanti fis-sehem mis-suq; jinnota li studji reċenti jindikaw li din ix-xejra x'aktarx tirrepeti ruħha b'saħansitra aktar intensità peress li l-kumpaniji li jadottaw l-IA għandhom it-tendenza li jiġbru ammonti kbar ta' data, bil-probabbiltà li dan iteġġeb il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom; huwa mħasseb dwar ir-riskji li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni tas-suq għad-detriment tal-SMEs u tan-negożji l-ġodda;
65. Jenfasizza li din il-prospettiva hija partikolarment ta' tħassib peress li l-akbar kumpaniji tat-teknoloġija eżistenti li x'aktarx se jiddominaw ukoll it-teknoloġiji tal-IA huma gwardjani għas-swieq, filwaqt li jieħdu l-biċċa l-kbira tal-valur li jiġi ġġenerat; jisħaq li minħabba li d-data li tixpruna s-settur tal-IA tinġabar fil-biċċa l-kbira mill-istess kumpaniji kbar tat-teknoloġija, li joffru lill-utenti aċċess għas-servizzi bi skambju għad-data u l-esponiment għar-reklamar immirat, il-pożizzjoni dominanti eżistenti tagħhom fis-suq aktarx, fiha nnifisha, issir xprunatur ta' pożizzjoni aktar dominanti fis-suq; jirrimarka li bosta minn dawn il-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-UE iżda xorta jirnexxilhom jiġbru l-valur iġġenerat mid-data tal-klijenti Ewropej, u b'hekk jiksbu vantaġġ kompetittiv;
66. Jilqa' l-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni li tappella għall-aġġornament tar-regoli tal-kompetizzjoni biex ikunu adatti għall-era diġitali<sup>29</sup> u jisħaq fuq ir-rwol ewlieni tal-miżuri *ex ante*, inkluż l-Att futur dwar is-Swieq Diġitali, fil-kontrobilanċjar tal-konċentrazzjoni qabel ma dan jirriżulta; jissottolinja, barra minn hekk, ir-rwol li jista' jkollhom l-istandardizzazzjoni u l-koooperazzjoni regolatorja fl-indirizzar ta' din il-kwistjoni, billi jiġi ffaċilitat l-iżvilupp globali tal-prodotti u s-servizzi irrispettivament mill-post fiżiku tagħhom;
67. Jissottolinja li l-SMEs u n-negożji ġodda għandhom rwol ċentrali fl-introduzzjoni tat-teknoloġiji tal-IA fl-UE peress li jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji kollha u huma sors kritiku ta' innovazzjoni; josserva, madankollu, li negożji ġodda promettenti tal-IA jiffaċċjaw ostakli sinifikanti biex jespandu madwar l-Ewropa minħabba s-suq uniku diġitali mhux komplut u d-diverġenza regolatorja f'bosta Stati Membri, jew, meta jirnexxilhom jespandu, jiġu akkwistati minn kumpaniji kbar tat-teknoloġija; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-SMEs ħafna drabi jiffaċċjaw nuqqas ta' finanzjament, proċeduri amministrattivi kumplessi u nuqqas ta' ħiliet adegwati u aċċess għall-informazzjoni; jinnota li l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-UE fil-passat ippermettew il-biċċa l-kbira tal-akkwiżizzjonijiet barranin ta' kumpaniji Ewropej tal-IA u tar-robotika;
68. Jisħaq li l-użu intensiv tal-algoritmi, pereżempju għall-iffissar tal-prezzijiet, jista' joħloq ukoll problemi kompletament ġodda speċifiċi għall-IA fi ħdan is-suq uniku; jinnota li l-awtoritajiet tal-antitrust jistgħu, pereżempju, isibuha diffiċli biex juru kollużjoni fil-prezzijiet bejn is-sistemi tal-istabbiliment tal-prezzijiet xprunati mill-IA; iżid jgħid,

<sup>29</sup> Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-18 ta' Novembru 2021 dwar politika ta' kompetizzjoni lesta għal sfidi ġodda (COM(2021)0713).



barra minn hekk, li l-ftit fornituri tal-IA li diġà qed jipparteċipaw fin-negozjar tal-ishma jistgħu jippreżentaw riskju sistemiku għas-swieq finanzjarji, inkluż permezz ta' kollużjoni; jisħaq li l-kollużjoni algoritmika tista' tkun diffiċli ħafna biex tiġi identifikata, peress li s-sistemi bbażati fuq l-IA ma jeħtieġx li jikkomunikaw ma' xulxin bil-mod li l-bnedmin jagħmlu dan għal prattiki kollużivi, li jistgħu jagħmluha impossibbli li tintwera l-intenzjoni ta' kollużjoni; jissottolinja r-riskju li dan joħloq għall-istabbiltà tas-suq u l-ħtieġa li l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jiżviluppaw strateġiji u għodod xierqa; jenfasizza, barra minn hekk, ir-riskju sistemiku għas-swieq finanzjarji mill-użu mifruq ta' mudelli u sistemi ta' negozjar algoritmiku mingħajr l-ebda interazzjoni umana, li fil-passat amplifika ħafna l-movimenti tas-suq, u li x'aktarx jerġgħu jagħmlu dan fil-futur;

69. Josserva li bosta kumpaniji tal-IA fl-UE bħalissa jiffaċċjaw inċertezza tad-dritt fir-rigward ta' kif jistgħu jiżviluppaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom b'mod assigurat b'riżultat ta' ostakli burokratiċi, koinċidenza bejn il-leġiżlazzjoni eżistenti speċifika għas-settur u n-nuqqas ta' standards u normi stabbiliti tal-IA;
70. Jenfasizza l-isfida għall-kumpaniji tal-IA f'termini ta' kontroll tal-kwalità u protezzjoni tal-konsumatur; jikkonkludi li t-trasparenza u l-affidabbiltà huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-kumpaniji tal-UE jkollhom vantaġġ kompetittiv, peress li dawn il-kunsiderazzjonijiet fil-futur se jiddeċiedu dwar jekk prodott jew servizz eventwalment jiġix aċċettat mis-suq;
71. Jinnota li għalkemm 26 % tal-pubblikazzjonijiet ta' riċerka ta' valur għoli dwar l-IA ġejjin mill-Ewropa, erbgħa biss mill-aqwa 30 applikant (13 %) u 7 % tan-negozji involuti fil-privattivi tal-IA madwar id-dinja, huma Ewropej;
72. Iqis li l-liġijiet tal-UE dwar il-proprietà intellettwali jirrikjedu armonizzazzjoni u infurzar ċar u trasparenti, u qafas bilanċjat, li jista' jiġi infurzat u prevedibbli biex in-negozji Ewropej, u b'mod partikolari l-SMEs u n-negozji l-ġodda, ikunu jistgħu jiżguraw il-protezzjoni tal-proprietà intellettwali;
73. Huwa mħasseb li l-użu mill-SME tal-protezzjoni tal-PI għadu limitat, peress li ħafna drabi l-SMEs ma jużawx il-protezzjoni tal-PI peress li mhumiex konxji bis-sħiħ tad-drittijiet tagħhom u lanqas ma għandhom biżżejjed riżorsi biex jappoġġjawhom; jenfasizza l-importanza tal-informazzjoni u tal-istatistika dwar il-protezzjoni tal-PI fost l-SMEs attivi f'setturi intensivi fl-għarfien u jilqa' l-isforzi, inklużi proċeduri simplifikati ta' reġistrazzjoni u tariffi amministrattivi aktar baxxi, biex jipprovdur lill-SMEs u lin-negozji ġodda b'għarfien aħjar u jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-protezzjoni tal-PI; jinnota li sabiex il-kumpaniji tal-UE jiġu meġġuna jipproteġu d-drittijiet tagħhom tal-PI tal-IA, il-pożizzjoni tal-UE bħala entità li tistabbilixxi l-istandards fuq livell globali għandha tissaħħaħ; jisħaq li l-kompetittività u l-attrazzjoni internazzjonali madankollu għandhom l-għeruq tagħhom f'suq intern b'saħħtu u reżiljenti, inkluż fil-protezzjoni u l-infurzar tal-PI;
74. Jiddikjara li l-analitika tad-data, kif ukoll l-aċċess għal, il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid ta' data mhux personali, diġà huma essenzjali għal bosta prodotti u servizzi xprunati mid-data llum, iżda se jkun importanti għall-iżvilupp u l-użu tas-sistemi tal-IA li ġejjin; jisħaq, madankollu, li l-biċċa l-kbira tad-data mhux personali ġġenerata fl-UE

s'issa ma tintużax, filwaqt li suq uniku għad-data għadu qed jiġi żviluppat;

75. Jirrimarka l-importanza li jiġu ffaċilitati l-aċċess għad-data u l-kondiviżjoni tad-data, u l-istandards miftuħa u t-teknoloġija b'sors miftuħ bħala mod kif jittejbu l-investimenti u tingħata spinta lill-innovazzjoni fit-teknoloġiji tal-IA fl-UE; jispeċifika li armonizzazzjoni aħjar fuq l-interpretazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data kif ukoll fuq gwida dwar it-tekniki ta' data mħallta u depersonalizzazzjoni tkun utli għall-iżviluppaturi tal-IA;
76. Jenfasizza r-rwol li jista' jkollha l-IA fl-assistenza ta' azzjoni ta' infurzar mill-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali, b'mod partikolari fl-oqsma tad-dwana u tas-sorveljanza tas-suq; huwa tal-fehma li l-proċeduri kummerċjali u doganali jistgħu jsiru aktar effiċjenti u aktar kosteffettivi permezz tal-IA, billi tiżdied il-konformità u jiġi żgurati li prodotti sikuri biss jidħlu fis-suq uniku; jindika l-eżempju tas-sistema ta' Valutazzjoni u ta' Ġestjoni tad-Dħul tal-Aġenzija tas-Servizzi tal-Fruntieri tal-Kanada (CARM), li tissimplifika ħafna l-proċeduri tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni bl-użu ta' valutazzjoni tar-riskju tal-IA kwalifikat u ġestjoni ta' informazzjoni diġitalizzata simplifikata biex titnaqqas il-ħtieġa ta' spezzjonijiet twal;

*e) L-IA u s-suq tax-xogħol*

77. Jinnota li l-IA qed tinfluwenza dejjem aktar is-suq tax-xogħol, il-post tax-xogħol u l-qasam soċjali u li l-impatti tat-tibdil teknoloġiku fuq ix-xogħol u l-impjiegi huma multidimensjonali; jenfasizza li l-użu tal-IA f'dan il-qasam jagħti lok għal għadd ta' sfidi etiċi, legali u relatati mal-impjiegi; huwa mħasseb li f'termini tas-suq tax-xogħol, id-diġitalizzazzjoni tista' twassal għal riorganizzazzjoni tal-forza tax-xogħol u l-għejbien potenzjali ta' ċerti setturi tal-impjiegi; jemmen li l-adozzjoni tal-IA, jekk tkun ikkombinata mal-infrastruttura ta' appoġġ, l-edukazzjoni u t-taħriġ meħtieġa, tista' żżid il-produttività tal-kapital u tax-xogħol, l-innovazzjoni, it-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi;
78. Jisħaq li għalkemm l-IA tista' tissostitwixxi xi kompiti, inklużi dawk ripetittivi, tqal, ta' xogħol intensiv ħafna jew perikolużi, din tista' tgħin ukoll fit-titjib tal-ħiliet, iżżid il-kwalità tax-xogħol u toħloq impjiegi ġodda u ta' valur miżjud ogħla, li tħalli aktar ħin għall-istimulazzjoni tal-kompiti u l-iżvilupp tal-karriera; jisħaq li l-IA bħalissa diġà qed tissostitwixxi jew tikkomplementa l-bnedmin f'subsett ta' kompiti iżda li għad ma għandhiex konsegwenzi aggregati sinifikanti tas-suq tax-xogħol li jistgħu jiġu identifikati<sup>30</sup>; jisħaq, madankollu, il-potenzjal għal żieda fl-inugwaljanza fl-introjtu jekk l-IA żżid l-okkupazzjonijiet b'livell għoli ta' ħiliet u tissostitwixxi l-okkupazzjonijiet b'livell baxx ta' ħiliet; iżid li kwalunkwe implikazzjoni ekonomika u soċjali li tirriżulta jeħtieġ li tiġi mmitigata b'miżuri, riċerka u prospettiva xierqa u tiġi mħejjija billi jsir investment fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol b'enfasi fuq gruppi sottorappreżentati bħan-nisa u l-minoranzi, li x'aktarx ikunu l-aktar affettwati minn din it-tranżizzjoni, u billi tiġi promossa d-diversità fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp tas-sistemi tal-IA; huwa mħasseb li l-IA tista' tipproduċi proċessi ta' tneħħija tal-ħiliet u toħloq u tintegra xogħol bi ħlas baxx, b'awtonomija baxxa u testendi xogħol atipiku u flessibbli (jew "gig"); jissottolinja li l-ġestjoni algoritmika tista' twassal għal żbilanċi fil-

<sup>30</sup> Acemoglu, D., et al., *AI and Jobs: (L-IA u l-Impjiegi:) Evidence from Online Vacancies* (Evidenza minn Postijiet Vakanti Online), l-Uffiċċju Nazzjonali tar-Riċerka Ekonomika, Diċembru 2020.

poter bejn il-maniġment u l-impjegati u oskurità dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet;

79. Jenfasizza li l-użu tal-IA joffri opportunità biex titrawwem bidla kulturali sinifikanti fl-organizzazzjonijiet, inkluż permezz ta' sikurezza mtejba fuq il-post tax-xogħol, bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u li jiġi offrut id-dritt għall-iskonnessjoni u opportunitajiet ta' taħriġ u gwida aktar effettivi għall-impjegati; jindika, f'dan ir-rigward, ir-rakkomandazzjonijiet tal-OECD li jisħqu li l-awtomazzjoni tista' wkoll tagħti bidu għal tnaqqis fil-ħin tax-xogħol, u b'hekk jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u s-saħħa tal-ħaddiema; huwa tal-fehma li l-applikazzjonijiet tal-IA li jagħtu s-setgħa lill-bniedem jistgħu joħolqu wkoll opportunitajiet ġodda ta' impjieg, b'mod partikolari għal dawk li, minħabba restrizzjonijiet bħal diżabilitajiet jew ċirkostanzi ta' għajxien, s'issa kienu marbuta ma' impjegi b'inqas kwalifiki; jisħaq fuq il-ħtieġa li tintuża l-assistenza tal-IA fuq il-post tax-xogħol biex jingħata ħin lill-bnedmin ħalli jtejbu l-kwalità tal-produzzjoni tagħhom minflok iżidu biss l-ammont ta' xogħol;
80. Jikkundanna ż-żieda fir-rikors għal sorveljanza bbażata fuq l-IA fuq il-post tax-xogħol, li ħafna drabi sseħħ mingħajr l-għarfien tal-ħaddiema, wisq inqas bil-kunsens tagħhom, b'mod partikolari anke fil-kuntest tat-telexogħol; isostni li din il-prattika ma għandhiex tkun permessa, peress li tabbuża ħafna mid-dritt fundamentali għall-privatezza, għall-protezzjoni tad-data u għad-dinjità tal-bniedem tal-ħaddiem u għad-drittijiet soċjali u tax-xogħol, u għandha wkoll effetti negattivi fuq is-saħħa mentali tal-ħaddiema minħabba l-grad ta' intrużjoni, l-effett ġenerali jew indiskriminat tagħha, u n-nuqqas ta' salvagwardji għall-individwi affettwati;
81. Huwa mħasseb li riskju simili ta' sorveljanza huwa preżenti wkoll fl-ambjent tal-iskola, bl-adozzjoni dejjem tiżdied ta' sistemi tal-IA fl-iskejjel, li jimminaw id-drittijiet fundamentali tat-tfal; jinnota li l-implikazzjonijiet li għandha l-IA għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tat-tfal jaqgħu fuq spettru wiesa', minn benefiċċji relatati mal-kapaċità li jiġi mifhum it-theddid li jiffaċċjaw it-tfal bi speċifiċità u preċiżjoni akbar, sar-riskji marbuta ma' ksur mhux intenzjonat tal-privatezza; jissottolinja li kemm l-implikazzjonijiet pożittivi kif ukoll dawk negattivi għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tat-tfal jitolbu eżaminazzjoni mill-qrib u salvagwardji korrispondenti; jisħaq ukoll li jeħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni u protezzjoni speċjali lit-tfal meta jiġu żviluppanti sistemi tal-IA minħabba n-natura partikolarment sensittiva tagħhom u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi;
82. Jisħaq li huwa importanti ħafna li l-individwi jiġu pprovduti bi programmi komprensivi ta' żvilupp tal-ħiliet fl-istadji kollha tal-ħajja, sabiex ikunu jistgħu jibqgħu produttivi f'post tax-xogħol li qed jevolvi kontinwament u tiġi evitata l-esklużjoni tagħhom mis-suq tax-xogħol; iqis li l-adattament tal-forza tax-xogħol f'termini ta' edukazzjoni dwar l-IA, tagħlim tul il-ħajja u ħiliet mill-ġdid huwa ta' importanza vitali; jenfasizza li l-kunċetti attwali ta' tagħlim u ta' xogħol għadhom definiti żżejjed mid-dinja prediġitali, li qed jikkontribwixxi għal diskrepanza dejjem akbar fil-ħiliet u għal distakk diġitali ġdid għaċ-ċittadini li ma għandhomx aċċess għal spazju diġitali sigur; jisħaq li t-titjib tal-litteriżmu diġitali jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, b'mod partikolari dawk dwar l-edukazzjoni, il-kapital uman u l-infrastruttura; jenfasizza l-gwadann inkredibbli fl-għarfien ta' forom ġodda ta' xogħol u tagħlim minħabba l-kriżi tal-COVID-19 li jistgħu jkomplu jiġu esplorati;

83. Jissottolinja li biex jiġu sfruttati l-benefiċċji kollha tad-diġitalizzazzjoni, l-Unjoni jeħtiġilha tindirizza l-litteriżmu u l-ħiliet diġitali għal kulħadd; jemmaen li l-litteriżmu diġitali huwa prekundizzjoni għall-fiduċja taċ-ċittadini fl-impatti tal-IA u s-sensibilizzazzjoni dwarhom; jenfasizza l-importanza li jiġi inkluż taħriġ bażiku fil-ħiliet diġitali u l-IA fis-sistemi edukattivi nazzjonali; jemmaen li l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-IA fil-qasam tal-lingwi minoritarji jistgħu jwasslu biex jagħtu spinta lill-għarfien u l-użu tagħhom; jisħaq li aktar minn 70 % tan-negozji jirrapportaw nuqqas ta' persunal b'ħiliet diġitali u tal-IA adegwati bħala ostaklu għall-investment; huwa mħasseb li mill-2019, kien hemm 7.8 miljun speċjalist tal-ICT fl-UE, b'rata ta' tkabbir annwali preċedenti ta' 4.2 %, li hija ferm anqas mill-20 miljun espert li huma meħtieġa għal oqsma ewlenin bħall-analiżi tad-data, kif ipproġettat mill-Kummissjoni;
84. Huwa mħasseb dwar id-differenza estensiva bejn il-ġeneri f'dan il-qasam, fejn waħda biss minn kull sitt speċjalisti tal-ICT u waħda minn kull tliet gradwati fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika (STEM) hija mara;<sup>31</sup> jinnota bi tħassib li d-distakk bejn il-ġeneri qed jippersisti speċjalment fil-qasam tan-negozji ġodda, fejn fl-2019, USD 92 minn kull USD 100 investiti f'kumpaniji tat-teknoloġija Ewropej marru għand timijiet fundaturi li kienu ffurmati minn irġiel biss; jirrakkomanda inizjattivi mmirati biex jappoġġjaw lin-nisa fi STEM sabiex titnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet f'dan is-settur; jisħaq li dan id-distakk inevitabbilment jirriżulta f'algoritmi preġudikati; jenfasizza l-importanza tat-tiħiħ tal-pożizzjoni u tal-motivazzjoni tal-bniet lejn karrieri STEM u l-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-ġeneri f'dan il-qasam;

*f) L-IA u l-futur tad-demokrazija*

85. Jiddikjara li l-IA, minn naħa waħda, għandha l-potenzjal li tgħin fil-bini ta' settur pubbliku aktar trasparenti u effiċjenti, iżda min-naħa l-oħra, li l-iżviluppi tekniċi fil-qasam tal-IA, ħafna drabi xprunati minn loġika ta' tkabbir u profitti, huma rapidi u dinamiki ħafna, u b'hekk jagħmluha diffiċli għal dawk li jfasslu l-politika li jkollhom fehim suffiċjenti ta' kif jaħdmu l-applikazzjonijiet ġodda tal-IA u x'tip ta' eżiti jistgħu jipproduċu dawk l-applikazzjonijiet, għalkemm għandhom id-dmir li jipprovdu qafas biex jiżguraw li l-IA tikkonforma mad-drittijiet fundamentali u tkun tista' tintuża għall-benefiċċju tas-soċjetà; jenfasizza li l-previzzjonijiet tal-esperti dwar l-impatt futur tal-IA jvarjaw ukoll, u jissuġġerixxu li jista' jkun diffiċli anke għalihom li jipprevedu l-eżiti tal-użu ta' teknoloġiji ġodda tal-IA; jargumenta, għalhekk, li din l-inċertezza tagħmilha meħtieġa għal-leġiżlaturi li jqisu kif xieraq il-prinċipju ta' prekawzjoni fir-regolamentazzjoni tal-IA; jemmaen li huwa kruċjali li jiġu kkonsultati esperti b'għarfien espert u sfondi differenti sabiex tinholq leġiżlazzjoni solida, li tista' taħdem u li tibqa' valida fil-futur; iwissi kontra l-inċertezza tad-dritt bħala waħda mill-akbar impedimenti għall-innovazzjoni; jinnota, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-promozzjoni tal-litteriżmu fl-IA fost iċ-ċittadini, inklużi r-rappreżentanti eletti u l-awtoritajiet nazzjonali;
86. Iwissi li ċ-ċikli leġiżlattivi għalhekk ħafna drabi ma jkunux sinkronizzati mar-ritmu tal-progress teknoloġiku, u b'hekk iġiegħlu lil dawk li jfasslu l-politika jilħqu l-istess livell u jiffavorixxu r-regolamentazzjoni tal-każijiet ta' użu diġà fis-suq; jirrimarka li approċċ

<sup>31</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" (COM(2021)0118),

regolatorju sod għall-IA jrid ikun ippreċedut minn analiżi eżawrjenti tal-proporzjonalità u l-ħtieġa, biex jiġi evitat it-tfixkil tal-innovazzjoni u tal-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE;

87. Jisħaq li l-użu tal-IA biex tinkiseb data bijometrika jista' jkun kemm intrużiv kif ukoll dannuż jew ta' benefiċċju għall-individwu, kif ukoll għall-pubbliku ġenerali;
88. Jinnota bi tħassib li tali teknoloġiji tal-IA jgħolqu kwistjonijiet etiċi u legali kruċjali; jinnota li ċerti teknoloġiji tal-IA jabilitaw l-awtomatizzazzjoni tal-ipproċessar tal-informazzjoni għal skala mingħajr preċedent, li jwitti t-triq għal sorveljanza tal-massa u ndħil illegali ieħor u joħloq theddida għad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data;
89. Jisħaq li bosta reġimi awtoritarji jużaw is-sistemi tal-IA biex jikkontrollaw, jeżerċitaw sorveljanza tal-massa fuq, jispjajaw, jimmonitorjaw u jikklassifikaw liċ-ċittadini tagħhom jew jirrestrinġu l-libertà ta' moviment; jisħaq li kwalunkwe forma ta' punteġġ taċ-ċittadini normattiv mill-awtoritajiet pubbliċi, speċjalment fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, tal-kontroll fil-fruntieri u tal-ġudikatura, kif ukoll l-użu tagħha minn kumpaniji privati jew individwi, twassal għat-telf tal-awtonomija u tal-privatezza, tintroduċi riskji ta' diskriminazzjoni u mhijiex konformi mal-valuri Ewropej; ifakkar fil-fatt li teknoloġiji bħas-sorveljanza ċibernetika u r-rikonossiment bijometriku, li jistgħu jintużaw għal dawn il-finijiet, huma soġġetti għar-Regolament tal-UE dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni; huwa mħasseb ħafna dwar il-kumpaniji tal-UE li jbigħu sistemi bijometriċi li jkunu illegali għall-użu fl-UE lil reġimi awtoritarji f'pajjiżi mhux tal-UE, u jikkundannahom;
90. Jinnota li l-pjattaformi teknoloġiċi dominanti llum il-ġurnata mhux biss għandhom kontroll sinifikanti fuq l-aċċess għall-informazzjoni u d-distribuzzjoni tagħha, iżda jużaw ukoll it-teknoloġiji tal-IA biex jiksbu aktar informazzjoni dwar l-identità, l-imġiba ta' persuna u għarfien dwar l-istorja tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha; jemmen li tali tfassil ta' profil kriminali joħloq riskji għas-sistemi demokratiċi kif ukoll għas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali u l-awtonomija taċ-ċittadini; jisħaq li dan joħloq żbilanċ tal-poter u joħloq riskji sistemiċi li jistgħu jaffettwaw id-demokrazija;
91. Jirrimarka li l-pjattaformi diġitali jistgħu, inkluż permezz ta' applikazzjonijiet tat-tqegħid fis-suq ibbażati fuq l-IA, jintużaw għal indħil barrani u biex ixerrdu d-diżinformazzjoni u d-deepfakes, billi jaġixxu bħala networks għall-propaganda, għat-trolling u għall-fastidju bil-għan li jimminaw il-proċessi elettorali; jisħaq li t-tagħlim awtomatiku jippermetti, b'mod partikolari, l-użu mmirat tad-data personali biex jiġu mmanipulati l-votanti mhux konxji, billi jinħolqu messaġġi personalizzati u konvinċenti; jisħaq fuq l-importanza ta' obbligi ta' trasparenza b'saħħithom li jkunu infurzati b'mod effettiv;
92. Jissottolinja li l-IA tista', madankollu, tintuża wkoll biex tnaqqas l-attivitajiet antidemokratiċi u mhux etiċi fuq il-pjattaformi, u bħala mezz biex tiġi llimitata d-distribuzzjoni ta' aħbarijiet foloz u diskors ta' mibegħda, minkejja li t-testijiet tal-kapaċitajiet tagħha li tifhem kontenut speċifiku għall-kuntest s'issa wrew riżultati batuti; huwa mħasseb dwar il-fatt li l-lingwa diviżiva tista' twassal għal involviment akbar tal-utenti, u din hija r-raġuni għaliex it-tneħħija ta' tali lingwa tkun f'kunflitt dirett ma' tali

mudell ta' negozju tal-pjattaforma li huwa bbażat fuq il-massimizzazzjoni tal-involvement tal-utenti; huwa tal-fehma li s-soluzzjonijiet li jaħdmu bl-IA jridu jkunu bbażati fuq ir-rispett sħiħ għal-libertà tal-espressjoni u tal-opinjoni, u fuq evidenza b'saħħitha favur tagħhom, qabel l-użu eventwali tagħhom;

93. Jisħaq li l-preġudizzju fis-sistemi tal-IA, speċjalment fir-rigward ta' sistemi ta' apprendiment profund, ħafna drabi jseħħ minħabba nuqqas ta' data għat-taħriġ u l-ittejtjar diversa u ta' kwalità għolja, pereżempju fejn jintużaw settijiet ta' data li mhumiex rappreżentattivi biżżejjed tal-gruppi vulnerabbli, jew fejn id-definizzjoni tal-kompitu jew l-istabbiliment tar-rekwiżit stess kienu preġudikati; jinnota li jista' jinħoloq preġudizzju wkoll minħabba nuqqas possibbli ta' diversità fit-timijiet tal-iżviluppatur, filwaqt li jiġu mtennija preġudizzji intrinsiċi, minħabba volum limitat ta' data għat-taħriġ u l-ittejtjar, jew fejn żviluppatur tal-IA preġudikat ikun ikkomprometta l-algoritmu; jirrimarka li d-differenzjazzjoni motivata tinħoloq ukoll intenzjonalment sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tat-tagħlim tal-IA taħt ċerti ċirkostanzi;
94. Jisħaq li l-preġudizzji strutturali preżenti fis-soċjetà tagħna ma għandhomx jiġu ripetuti jew saħansitra jiżiedu permezz ta' settijiet ta' data ta' kwalità baxxa; jispeċifika f'dan ir-rigward li l-algoritmi jitgħallmu jkunu diskriminatorji daqs id-data li qed jaħdmu biha u, bħala riżultat ta' data ta' taħriġ ta' kwalità baxxa jew preġudizzji u diskriminazzjoni osservati fis-soċjetà, jistgħu jissuġġerixxu deċiżjonijiet li huma diskriminatorji b'mod inerenti, li jikkontribwixxi għall-aggravar tad-diskriminazzjoni fis-soċjetà; jinnota, madankollu, li l-preġudizzji tal-IA xi drabi jistgħu jiġu kkoreġuti; jikkonkludi li huwa għalhekk meħtieġ li jiġu applikati mezzi tekniċi u jiġu stabbiliti saffi ta' kontroll differenti fuq is-sistemi tal-IA, inkluż is-software, l-algoritmi u d-data użati u prodotti minnhom, sabiex jiġi mminimizzat dan ir-riskju; jargumenta li l-IA tista' u għandha tintuża biex tnaqqas il-preġudizzji u d-diskriminazzjoni u tippromwovi d-drittijiet ugwali u bidla soċjali pożittiva fis-soċjetajiet tagħna, inkluż permezz ta' rekwiżiti normattivi dwar settijiet ta' data użati għat-taħriġ tas-sistemi tal-IA; jisħaq li wieħed mill-aktar modi effiċjenti biex jitnaqqas il-preġudizzju fis-sistemi tal-IA huwa li jiġi żgurat, sa fejn ikun possibbli skont id-dritt tal-Unjoni, li jkun disponibbli l-ammont massimu ta' data mhux personali għal skopijiet ta' taħriġ u tagħlim awtomatiku;

*g) Sejbiet rikorrenti fis-sitt studji tal-każ kollha*

95. Jinnota li hemm benefiċċji u opportunitajiet tas-soċjetà ċari assoċjati mal-adozzjoni tat-teknoloġiji tal-IA, li jistgħu jiġu sfruttati biss jekk jiġu indirizzati l-ostakli trażversali fl-UE, f'konformità mad-drittijiet fundamentali, il-valuri u l-leġiżlazzjoni; jiddikjara li s-sovrapożizzjoni tal-leġiżlazzjoni, il-frammentazzjoni tas-suq, l-ostakli burokratiċi, nuqqas ta' infrastruttura diġitali aċċessibbli u ħiliet diġitali fis-soċjetà usa', u investiment insuffiċjenti fir-riċerka u l-iżvilupp jistgħu jiġu osservati b'mod partikolari bħala ostakli għall-applikazzjoni b'suċċess tal-IA f'data fl-oqsma kollha analizzati;
96. Jikkonkludi wkoll mill-istudji tal-każ eżaminati li hemm ċerti każijiet ta' użu li huma riskjużi jew dannużi, iżda li mhumiex neċessarjament it-teknoloġiji tal-IA speċifiċi nfushom iżda l-oqsma ta' applikazzjoni tagħhom; jirrikonoxxi li r-regolamentazzjoni futura jeħtieġ li tindirizza t-tħassib leġittimu relatat ma' dawn ir-riskji sabiex it-teknoloġiji tal-IA jsibu applikazzjoni wiesgħa fl-UE;

97. Jiddikjara li huwa importanti li jiġu eżaminati u kkategorizzati r-riskji potenzjali maħluqa mill-IA, l-istudji tal-każ urew li t-teknoloġiji tal-IA jistgħu jipprovdulna kontromiżuri effettivi li jistgħu jimmitigaw jew jeliminaw dawn ir-riskji; jissottolinja li peress li l-IA għadha fl-istadji bikrija tal-iżvilupp tagħha f'kuntest usa' ta' teknoloġiji emerġenti, il-potenzjal reali tagħha kif ukoll ir-riskji mhumiex ċerti; jirrimarka li hemm bżonn li wieħed iħares mhux biss lejn ir-riskji għall-individwi, iżda wkoll lejn il-ħsarat soċjetali usa' u l-ħsara individwali mhux materjali; jenfasizza l-iżbilanċi sinifikanti tas-saħħa fis-suq preżenti fis-swieq tad-data u l-ekonomija tal-IA relatata; jisħaq li l-kompetizzjoni ġusta u t-tneħħija tal-ostakli għall-kompetizzjoni għan-negozji ġodda u l-SMEs huma essenzjali biex jitqassmu b'mod ġust il-benefiċċji potenzjali tal-IA f'termini ekonomiċi u tas-soċjetà, li jidhru li huma sinifikanti kemm fl-UE kif ukoll globalment;

### **3. *Il-post tal-UE fil-kompetizzjoni globali tal-IA***

98. Josserva kompetizzjoni globali ħarxa tal-IA, fejn l-UE għadha ma laħqitx l-aspirazzjonijiet tagħha; jeżamina fit-taqsimiet li ġejjin il-kompetittività globali tal-UE fir-rigward tal-IA billi jqabbilha ma' dik ta' Ċina u tal-Istati Uniti, b'enfasi fuq tliet elementi ewlenin: l-approċċ regolatorju, il-pożizzjoni fis-suq u l-investimenti; jirrikonoxxi, madankollu, li s-swieq u l-korporazzjonijiet tranżnazzjonali ma jistgħux jiġu delineati faċilment bejn il-fruntieri nazzjonali, peress li l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom klijenti, azzjonisti, impjegati u fornituri f'bosta pajjiżi differenti;

#### *a) Approċċ regolatorju*

99. Jinnota li l-Istati Uniti għandhom ma introduċewx leġiżlazzjoni orizzontali fil-qasam diġitali, u s'issa għamlu enfasi fuq liġijiet speċifiċi għas-settur u li jiffaċilitaw l-investimenti, inkluż permezz ta' miżuri tat-taxxa fuq l-innovazzjoni tas-settur privat, b'mod partikolari fost il-ġganti tat-teknoloġija u l-universitajiet ewlenin tiegħu; josserva li, minkejja l-iżviluppi reċenti li wrew rwol aktar attiv fit-tfassil tal-politika, l-approċċ tal-Istati Uniti s'issa kien jirrifletti l-aktar enfasi fuq l-għoti ta' gwida legali lin-negozji, l-investment fi proġetti ta' riċerka u t-tneħħija ta' ostakli perċepiti għall-innovazzjoni;

100. Jisħaq li l-Att Amerikan tal-2019 dwar l-Inizjattiva tal-IA wassal għal allinjament mill-ġdid żgħir, peress li minbarra r-ridirezzjoni tal-finanzjament, it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u t-tiħiħ tal-infrastruttura diġitali, il-Gvern tal-Istati Uniti ħabbar l-iżvilupp ta' standards komuni għal IA affidabbli; jinnota, madankollu, li l-10 prinċipji li jirriżultaw ġew ifformulati b'mod wiesa' ħafna sabiex kull aġenzija tal-gvern tkun tista' toħloq regolamenti speċifiċi għas-settur; jistenna li għalkemm l-amministrazzjoni attwali tal-Istati Uniti qed tippjana li tressaq abbozz ġdid ta' drittijiet biex tillimita l-ħsarat kkawżati mill-IA fl-2022, l-approċċ tal-Istati Uniti se jibqa' xprunat mis-suq;

101. Jenfasizza li l-President Ċiniż Xi Jinping issottolinja sa mill-2013 l-importanza tat-teknoloġiji fil-ġeopolitika, ir-rwol tal-politiki pubbliċi fid-definizzjoni tal-oġġettivi fit-tul u l-fatt li t-teknoloġiji tal-IA joffru opportunità biex tiġi mnedija mill-ġdid is-setgħa militari tagħha; jisħaq ukoll li l-Gvern Ċiniż sussegwentement ippreżenta l-pjan Made in China 2025 fl-2015 u l-Pjan ta' Żvilupp tal-IA tal-Ġenerazzjoni li Jmiss fl-2017, li t-tnejn li huma kellhom il-miri ċari li jagħmlu liċ-Ċina l-mexxejja globali fl-IA sal-2030; jinnota li l-white paper ta' Ċina tal-2018 dwar l-istandardizzazzjoni tal-IA spjegat aktar

kif l-ekonomija tas-suq soċjalista tista' tiżviluppa standards internazzjonali u tinvolvi ruħha b'mod strateġiku f'organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istandardizzazzjoni; jinnota l-introduzzjoni ta' regoli dwar sistemi ta' rakkomandazzjoni kif ukoll kodiċi tal-etika dwar l-IA fiċ-Ċina;

102. Josserva li fix-xena globali, iċ-Ċina tippromwovi b'mod attiv is-sħubijiet internazzjonali dwar l-IA bħala mod kif tesporta l-prattiki tagħha stess ta' sorveljanza bbażata fuq l-IA, is-sistema ta' punteġġ għaċ-ċittadini u l-istrateġiji ta' ċensura; jenfasizza li investment kbir barra mill-pajjiż fl-ambitu tal-inizjattiva "Digital Silk Road" jintuża wkoll bħala mezz biex tinxtered l-influwenza Ċiniża u t-teknoloġija tal-IA tagħha globalment, li jista' jkollu implikazzjonijiet estensivi lil hinn mill-impożizzjoni ta' standards teknoloġiċi jew iż-żamma tal-kompetittività teknoloġika; jikkonkludi li l-approċċ tal-Gvern Ċin iż-żgħir huwa għalhekk mibni fuq l-użu domestiku tal-IA kif ukoll fuq l-esportazzjoni tat-teknoloġija tal-IA abbażi ta' standards determinati minn qabel li huma konformi mal-ideoloġija tal-Gvern Ċin;
103. Jinnota li l-Kummissjoni bdiet il-ħidma tagħha fuq ir-regolamentazzjoni tal-IA fl-2018 billi ppubblikat l-istrateġija Ewropea għall-IA u stabbiliet Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli u introduċiet pjan ikkoordinat<sup>32</sup> biex trawwem "l-IA magħmula fl-Ewropa"; jinnota li l-white paper tal-2020 dwar l-IA ipproponiet bosta miżuri u għażliet ta' politika għar-regolament futur dwar l-IA u eventwalment irriżultat fl-Att orizzontali dwar l-IA<sup>33</sup>, li ġie ppreżentat flimkien ma' pjan ikkoordinat rivedut dwar l-IA<sup>34</sup> f'Mejju 2021; jirrimarka li minn Ġunju 2021, 20 Stat Membru ppubblikaw strateġiji nazzjonali dwar l-IA, filwaqt li sebgħa oħra jinsabu fl-istadji preparatorji finali tal-adozzjoni tal-istrateġiji tagħhom;
104. Jenfasizza li fiċ-ċentru tal-approċċ regolatorju tal-UE hemm attenzjoni qawwija għall-iżvilupp ta' suq uniku diġitali Ewropew kif ukoll għal kunsiderazzjonijiet etiċi f'konformità mal-valuri ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi; jirrikonoxxi li l-istabbiliment tal-ewwel qafas regolatorju tad-dinja għall-IA jista' jagħti ingranaġġ lill-UE u vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel fl-istabbiliment ta' standards internazzjonali tal-IA bbażati fuq id-drittijiet fundamentali kif ukoll jesporta b'suċċess "IA affidabbli" iċċentrata fuq il-bniedem madwar id-dinja; jissottolinja li dan l-approċċ jeħtieġ li jiġi appoġġjat minn koordinazzjoni u konverġenza regolatorja ma' sħab internazzjonali;

*b) Is-sitwazzjoni tas-suq*

105. Jinnota li ħafna mill-100 kumpanija ewlenin tal-IA globalment għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Istati Uniti, filwaqt li ftit biss jinsabu fl-UE; jinnota li l-Istati Uniti jinsabu l-ewwel wkoll fl-għadd totali ta' negozji ġodda tal-IA;

---

<sup>32</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (COM(2018)0795).

<sup>33</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni (COM(2021)0206).

<sup>34</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Inrawmu approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali (COM(2021)0205).



106. Jirrimarka li fi snin reċenti, diversi kumpaniji diġitali Ewropej ġew akkwistati minn ġganti tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tindirizza akkwisti li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni effettiva fis-suq diġitali u li tillimita l-akkwiżizzjonijiet killer; jirrimarka, madankollu, li f'xi każijiet, l-akkwist jista' jkun objettiv primarju tal-ħallieqa ta' negozji ġodda u l-finanzjaturi tagħhom, bħala metodu leġittimu wieħed biex jinkisbu benefiċċji mill-ideat tagħhom;
107. Jisħaq li filwaqt li l-Istati Uniti u ċ-Ċina qed jippruvaw jaċċelleraw l-użu tat-teknoloġiji tal-IA fis-setturi pubbliċi u privati, l-adozzjoni tal-IA fl-UE għadha lura; jiddikjara li fl-2020, 7 % biss tal-kumpaniji tal-UE b'mill-inqas 10 impjegati kienu qed jużaw teknoloġiji tal-IA, b'differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri kif ukoll fost setturi kummerċjali differenti;
108. Huwa mħasseb dwar il-fatt li filwaqt li l-Istati Uniti u ċ-Ċina għandhom kull wieħed suq diġitali unifikat b'sett koerenti ta' regoli, is-suq uniku diġitali tal-UE għadu mhux komplut u għad fadallu ostakli mhux ġustifikati; jisħaq li l-iżvilupp tal-prodotti u s-servizzi tal-IA jista' jkompli jitnaqqas bil-ħidma li għaddejja fuq 27 strateġija nazzjonali differenti tal-IA;
109. Jindika wkoll il-fatt li l-inkonsistenzi fid-dritt tal-Unjoni, is-sovrapożizzjoni ta' inizjattivi leġislattivi differenti, il-kontradizzjonijiet bejn il-liġijiet tal-UE u dawk nazzjonali, l-interpretazzjonijiet legali differenti u nuqqas ta' infurzar fost l-Istati Membri kollha jipprevjenu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jippreżentaw ir-riskju li joħolqu inċertezza tad-dritt għall-kumpaniji Ewropej peress li jistgħu jsibuha diffiċli biex jiddeterminaw jekk l-innovazzjonijiet tagħhom tal-IA humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni;
110. Jinnota li l-frammentazzjoni tas-suq għall-kumpaniji tal-IA hija aggravata aktar minn nuqqas ta' standards u normi komuni f'xi setturi, inkluż dwar l-interoperabbiltà tad-data; jesprimi dispjaċir għar-riskju regulatorju li jirriżulta mid-dewmien tal-leġislazzjoni, bħar-Regolament dwar il-Privatezza online; jenfasizza bħala eżempju l-fatt li l-iżviluppaturi tal-IA tal-UE jiffaċċjaw sfida tad-data li l-kontropartijiet tagħhom tal-Istati Uniti u dawk Ċiniżi ma jiffaċċjawx minħabba s-suq uniku diġitali Ewropew mhux komplut; josserva li ħafna drabi dawn ma jkollhomx biżżejjed data ta' kwalità għolja biex iħarrġu u jittestjaw l-algoritmi tagħhom, u jsibu diffikultà b'nuqqas ta' spazji tad-data settorjali u interoperabbiltà transsettorjali, kif ukoll restrizzjonijiet fuq il-flussi tad-data transfruntiera;

### *c) Investimenti*

111. Josserva li l-kumpaniji u l-gvernijiet Ewropej jinvestu ħafna inqas fit-teknoloġiji tal-IA mill-Istati Uniti jew miċ-Ċina; jirrimarka li għalkemm l-investimenti privati fl-industrija tal-IA tal-UE qed jiżdiedu b'mod sinifikanti, l-UE għadha mhix tinvesti biżżejjed b'mod sostanzjali fl-IA meta mqabbla ma' reġjuni ewlenin oħra, peress li l-Istati Uniti u ċ-Ċina jammontaw għal aktar minn 80 % tal-investimenti annwali ta' ekwità ta' EUR 25 biljun fl-IA u fil-blockchain, filwaqt li s-sehem tal-UE jammonta biss għal 7 % jew madwar EUR 1.75 biljun; jisħaq li l-likwidità tas-swieq ta' finanzjament tal-UE għall-kumpaniji tat-teknoloġija għadha nieqsa mill-iskala ta' swieq komparabbli fl-Istati Uniti; jinnota li l-Istati Uniti qed imexxu wkoll fil-kapital ta' riskju u fil-finanzjament ta' ekwità privata,

li huwa partikolarment importanti għal negozji ġodda tal-IA, bi EUR 12.6 biljun fl-2019, meta mqabbel ma' EUR 4.9 biljun għaċ-Ċina u EUR 2.8 biljun għall-UE; jinnota li bħala konsegwenza, l-imprediture Ewropej tal-IA qed jaqsmu l-Atlantiku biex jespandu n-negozji tagħhom fl-Istati Uniti;

112. Jiddikjara li flimkien ma' inizjattivi nazzjonali, l-investiment pubbliku annwali stmat tal-UE fl-IA ta' EUR 1 biljun<sup>35</sup> huwa ħafna inqas mill-EUR 5.1 biljun investiti kull sena fl-Istati Uniti u sa EUR 6.8 biljun fiċ-Ċina<sup>36</sup>; jiddikjara, madankollu, li bejn l-2017 u l-2020, il-finanzjament pubbliku tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA żdied b'70 % meta mqabbel mal-perjodu preċedenti, u fl-2019, l-UE investiet bejn EUR 7.9 u 9 biljun fl-IA, li kien 39 % aktar mis-sena preċedenti; jirrikonoxxi u jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni li żżid aktar l-investiment permezz tal-programm Ewropa diġitali, Orizzont Ewropa, InvestEU, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-Fond Ewropew tal-Investiment, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fit-Telekomunikazzjoni, u diversi programmi ta' politika ta' koeżjoni, li se jkomplu jiġu kkomplementati u msaħħa aktar mill-mira ta' nefqa ta' 20 % għat-tranżizzjoni diġitali fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, kif miftiehem mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-ambitu tal-Faċilità ta' Rkupru u Reżiljenza; jissottolinja, madankollu, ir-rapport reċenti tal-Bank Ewropew tal-Investiment li jikkwantifika d-diskrepanza fl-investiment fl-IA u t-teknoloġiji blockchain fl-UE ta' madwar EUR 5-10 biljun fis-sena;
113. Jisħaq li l-kumpaniji tal-IA fl-UE għandhom kompetizzjoni qawwija għall-impjegati kwalifikati, li qed tiggrava minħabba l-fatt li 42 % tal-popolazzjoni tal-UE ma għandhomx ħiliet diġitali bażiċi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi mħarreġ u attirat numru sostanzjalment oġhla ta' gradwati b'edukazzjoni tajba, inkluż nisa, biex jaħdmu fis-settur diġitali;
114. Josserva li għalkemm l-UE għad għandha komunità eċċellenti ta' riċerkaturi dwar l-IA, l-eżodu ta' mħuħ tar-riċerkaturi tal-UE għadu problema; jisħaq li hemm bżonn ta' miżuri biex jattiraw ir-riċerkaturi ewlenin; jinnota li l-UE nefqet biss 2.32 % tal-PDG tagħha fuq ir-riċerka u l-iżvilupp fl-2020, filwaqt li l-Istati Uniti nefqu 3.08 %; ifakkar fil-fatt li l-Istati Membri jeħtiġilhom iżommu l-impenn tagħhom li jinvestu 3 % tal-PDG tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp, sabiex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fil-qasam diġitali;
115. Jinnota li l-infrastruttura diġitali tal-UE teħtieġ aġġornament sostanzjali, b'25 % biss tan-nies fl-UE jistgħu jaqbd u ma' network 5G, meta mqabbla ma' 76 % tan-nies fl-Istati Uniti; josserva li l-UE ma għandhiex biżżejjed infrastruttura diġitali ta' prestazzjoni għolja bi spazji tad-data interoperabbli, rati u volumi għoljin ta' trażmissjoni, affidabbiltà u dewmien qasir; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-ekosistemi tal-IA Ewropej b'raggruppamenti ta' eċċellenza;

#### *d) Konklużjoni*

116. Jikkonkludi li l-Istati Uniti għadhom il-mexxejja ġenerali fl-IA peress li jinsabu 'l quddiem f'bosta kategoriji, bil-kumpaniji li għandhom il-kwartieri ġenerali fl-Istati Uniti

<sup>35</sup> Data mill-2018.

<sup>36</sup> Koerner, K., *(How) will the EU become an AI superstar?* ((Kif) l-UE se tispikka fl-IA?), Deutsche Bank, Marzu 2020.

li qegħdin fuq quddiem fl-iżvilupp tat-teknoloġija f'oqsma bħall-cloud computing u l-kapaċitajiet ta' computing ta' prestazzjoni għolja, u anke fir-rigward tal-investment, l-attirar ta' talent, riċerka u infrastruttura tal-IA; jenfasizza, madankollu, li ċ-Ċina, li f'it snin ilu kienet għadha lura b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-Istati Uniti fl-indikaturi kollha, issa malajr qed tlaħħaq; jirrikonoxxi li ż-żewġ pajjiżi għandhom il-vantaġġ ta' suq uniku unifikat u impenn aktar b'saħħtu biex jibqgħu mexxejja fl-IA;

117. Jisħaq li minkejja l-pożizzjoni b'saħħitha tal-UE fis-software industrijali u r-robotika, l-atturi tal-UE għandhom lura mill-pari tagħhom tal-Istati Uniti u taċ-Ċina f'bosta kategoriji; jissottolinja li l-UE għandha tiżviluppa pjan ambizzjuż għall-IA Ewropea ċċentrata fuq il-bniedem; jinnota li l-UE, madankollu, hija minn ta' quddiem fir-rigward tal-approċċi regolatorji; jirrimarka li strateġija vijabbli tal-UE biex issir aktar kompetittiva fl-IA tinvolvi li ssir enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-ħiliet, l-infrastruttura u l-investment, filwaqt li fl-istess ħin tipprova tistabbilixxi qafas regolatorju orjentat lejn il-futur, orizzontali u favur l-innovazzjoni għall-iżvilupp u l-użu tal-IA, u simultanament tiżgura li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE u l-istat tad-dritt;
118. Jissottolinja li Brexit kellu impatt negattiv fuq l-isforzi tal-UE biex issaħħaħ l-impronta globali tal-IA tagħha, peress li r-Renju Unit kien wieħed mill-pajjiżi ewlenin tal-UE fl-IA; jisħaq, madankollu, li r-Renju Unit għandu jibqa' sieħeb ta' valur tal-UE, li jsaħħaħ il-kompetittività taż-żewġ sħab u l-promozzjoni ta' prospetti regolatorji kondiviżi fl-istabiliment ta' standards globali;
119. Jikkonkludi li l-UE bħalissa għadha 'l bogħod milli tissodisfa l-aspirazzjoni tagħha li ssir kompetittiva fl-IA fuq livell globali, u tista' tkun friskju li taqa' aktar lura f'xi kategoriji; isostni li azzjoni rapida dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-IA deskritt hawn taħt toħloq opportunità biex tinbidel din is-sitwazzjoni;
120. Jispeċifika li peress li l-UE ma għandhiex is-setgħa leġiżlattiva biex tindirizza l-punti kollha elenkati fil-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-IA, il-kumitat speċjali jirrakkomanda li jiġu mfittxija diskussjonijiet ulterjuri ta' livell għoli u proċessi politiċi fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri sabiex issir ħidma għal approċċ aktar armonizzat għall-IA u l-Istati Membri jiġu meġġuna jikkoordinaw l-isforzi tagħhom; jirreferi f'dan ir-rigward għall-aġenda ta' Liżbona 2000 tal-UE, li, minkejja l-kritika, kellha rwol importanti fit-tmexxija tal-orjentazzjoni tal-politika tal-UE matul 20 sena u fiż-żamma tal-pressjoni fuq l-Istati Membri għar-riforma;

#### **4. "Ewropa lesta għall-era diġitali" – Pjan direzzjonali biex issir mexxejja globali**

##### *a) Ambjent regolatorju favorevoli*

##### **i. TFASSIL TAL-LIĠIJET**

121. Jistieden lill-Kummissjoni tippromponi biss atti leġiżlattivi fil-forma ta' regolamenti għal liġijiet diġitali ġodda f'oqsma bħall-IA, peress li s-suq uniku diġitali jeħtieġ li jgħaddi minn proċess ta' armonizzazzjoni ġenwina; huwa konvint li minħabba l-iżvilupp teknoloġiku rapidu, il-leġiżlazzjoni diġitali dejjem għandha tkun flessibbli, ibbażata fuq il-prinċipji, newtrali għat-teknoloġija, tibqa' valida fil-futur u proporzjonata, filwaqt li tadotta approċċ ibbażat fuq ir-riskju fejn xieraq, abbażi tar-rispett għad-drittijiet

fundamentali u tipprevjeni piż amministrattiv addizzjonali mhux meħtieġ għall-SMEs, għan-negozji ġodda, għall-akkademja u għar-riċerka; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza ta' grad għoli taċ-ċertezza tad-dritt u, konsegwentement, fuq il-ħtieġa ta' kriterji ta' applikabbiltà, definizzjonijiet u obbligi robusti, prattiċi u mhux ambigwi, fit-testi legali kollha rigward il-bejgħ, l-użu jew l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-IA;

122. Jemmen li l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar hija element ewlieni biex l-istrateġija tal-UE dwar l-IA tkun ta' suċċess; jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir enfasi fuq il-mekkaniżmi ta' rieżami, adattament, implimentazzjoni u infurzar tal-liġijiet diġà eżistenti qabel ma jiġu proposti atti leġislattivi ġodda;
123. Ihegġegħ lill-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* fil-fond bi tbassir u analiżi tar-riskju adegwati qabel ma toħroġ proposti diġitali ġodda f'oqsma bħall-IA; jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom ifasslu u jevalwaw b'mod sistematiku l-leġislazzjoni eżistenti rilevanti, filwaqt li jipprevjenu kwalunkwe duplikazzjoni jew kunflitt;
124. Jissuġġerixxi li l-liġijiet ġodda f'oqsma bħall-IA għandhom jiġu kkomplementati bil-promozzjoni ta' standards Ewropej żviluppatti mill-partijiet ikkonċernati; huwa tal-fehma li l-UE għandha tistinka biex tevita l-frammentazzjoni u li l-istandards internazzjonali jistgħu jservu bħala referenza utli, iżda li l-UE għandha tagħti prijorità lill-iżvilupp tal-istandards tagħha stess; jenfasizza li tali standards għandhom jirriżultaw minn kompetizzjoni ġusta għall-aħjar standards fl-UE, li l-UE u l-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għandhom iwieġbu għalihom; jinnota li l-istandards tekniċi u l-istruzzjonijiet tad-disinn jistgħu mbagħad jiġu kkombinati ma' skemi ta' tikkettar bħala mod biex tinbena l-fiduċja tal-konsumatur u billi jiġu pprovduti servizzi u prodotti affidabbli; jisħaq fuq ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni tal-UE fl-iżvilupp ta' standards tekniċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku; jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-ħruġ ta' mandati ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni skont ir-Regolament 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea<sup>37</sup>;
125. Jispjega li pjattaforma ta' ċertifikazzjoni miftuħa tista' tistabbilixxi ekosistema ta' fiduċja li tinvolvi lill-gvernijiet, lis-soċjetà ċivili, lin-negozji u lil partijiet ikkonċernati oħra;
126. Jitlob lill-Parlament, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill itejbu l-kapaċitajiet tagħhom li jittrattaw kunflitti ta' kompetenza interna fir-rigward ta' suġġetti ġenerali bħall-IA, peress li tali kunflitti joħolqu r-riskju li jdewmu l-proċedura leġislattiva, b'effetti sekondarji f'termini tad-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni;

## ii. GOVERNANZA U INFURZAR

127. Jappella għall-koordinazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar konsistenti madwar l-UE tal-leġislazzjoni relatata mal-IA;
128. Jispjega li fora ta' konsultazzjoni bbażati fuq il-partijiet ikkonċernati bħall-Bord għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data, li għandu jiġi stabbilit mill-Att dwar il-Governanza tad-Data, jew l-Alleanza Ewropea dwar l-IA, li tinkludi sħubijiet pubbliċi-privati, bħall-

<sup>37</sup> ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

Alleanza Ewropea għad-Data Industrijali, għall-Edge u għall-Cloud huma approċċ ta' governanza promettenti; jellabora li dan l-approċċ jippermetti lill-ekosistema tal-IA tal-UE toperazzjonalizza l-prinċipji, il-valuri, l-oġġettivi tagħha u tirrifletti l-interessi tas-soċjetà fil-livell tal-kodiċi tas-software;

129. Jenfasizza li l-"problema tal-pass" tirrikjedi enfasi speċjali fuq l-infurzar *ex post* effettiv mill-qrati u mill-aġenziji regolatorji kif ukoll approċċi *ex ante* biex jiġu ttrattati l-isfidi legali ppreżentati mit-teknoloġiji emerġenti; jappoġġja, għalhekk, l-użu ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji, li jagħti lill-iżviluppaturi tal-IA l-oportunità unika li jesperimentaw b'mod mgħaġġel, aġili u kkontrollat taħt is-supervizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti; jinnota li dawn l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji jkunu spazji sperimentali li fihom jiġu ttestjati s-sistemi tal-IA u mudelli ta' negozju ġodda f'kundizzjonijiet tad-dinja reali f'ambjent ikkontrollat qabel ma jidħlu fis-suq;

### iii. QAFAS LEGALI GĦALL-IA

130. Jenfasizza li oġġettiv sottostanti tal-istrategġija diġitali tal-UE, kif ukoll dak tal-istrategġija tal-IA huwa li jinħoloq "Approċċ Ewropew" f'dinja diġitalizzata; jiċċara li dan l-approċċ għandu jkun iffukat fuq il-bniedem, affidabbli, iggwidat mill-prinċipji etiċi u bbażat fuq il-kunċett tal-ekonomija tas-suq soċjali; jissottolinja li l-individwu u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu għandhom dejjem jibqgħu fiċ-ċentru tal-kunsiderazzjonijiet politiċi u leġiżlattivi kollha;
131. Jaqbel mal-konklużjoni misluta mill-Kummissjoni fil-White Paper tagħha tal-2020 dwar l-intelliġenza artifiċjali li hemm il-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas legali bbażat fuq ir-riskju għall-IA, li b'mod partikolari jkopri standards etiċi ta' livell għoli bbażati fuq it-trasparenza, l-awditabbiltà, u l-obbligu ta' rendikont, flimkien ma' dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza tal-prodott, regoli ta' responsabbiltà xierqa u dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdi lin-negozji u lill-utenti b'biżżejjed flessibbiltà u ċertezza tad-dritt u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni biex jitravmu l-implimentazzjoni u l-innovazzjoni tal-IA;
132. Jirrimarka l-valur miżjud ta' gwida tat-teħid tal-kunċetti, tat-terminoloġija u tal-istandards żviluppati mill-OECD bħala ispirazzjoni għad-definizzjoni tal-IA fil-leġiżlazzjoni; jisħaq li jekk isir dan, l-UE tingħata vantaġġ fit-tfassil ta' sistema internazzjonali futura ta' governanza tal-IA;
133. Huwa konvint li mhijiex dejjem l-IA bħala teknoloġija li għandha tiġi regolata, iżda li l-livell tal-intervent regolatorju għandu jkun proporzjonat għat-tip ta' individwu u/jew riskju tas-soċjetà mġarrab mill-użu ta' sistema ta' IA; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza li ssir distinzjoni bejn każijiet ta' użu tal-IA ta' "riskju għoli" u ta' "riskju baxx"; jikkonkludi li l-kategorija preċedenti teħtieġ salvagwardji leġiżlattivi addizzjonali stretti filwaqt li każijiet ta' użu ta' "riskju baxx" jistgħu, f'bosta każijiet, jirrikjedu rekwiżiti ta' trasparenza għall-utenti finali u għall-konsumaturi;
134. Jispeċifika li l-klassifikazzjoni tas-sistemi tal-IA bħala "riskju għoli" għandha tkun ibbażata fuq l-użu konkret tagħhom u l-kuntest, in-natura, il-probabbiltà, is-severità u l-irreversibbiltà potenzjali tal-ħsara li tista' tkun mistennija li sseħħ bi ksur tad-drittijiet fundamentali u tar-regoli dwar is-saħħa u s-sikurezza kif stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni; jisħaq li din il-klassifikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn gwida u l-promozzjoni

tal-iskambju tal-aħjar prattiki għall-iżviluppaturi tal-IA; jisħaq li d-dritt għall-privatezza għandu dejjem jiġi rrispettat u li l-iżviluppaturi tal-IA għandhom jiggarrantixxu konformità sħiħa mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data;

135. Jissottolinja li s-sistemi tal-IA li x'aktarx jinteraġixxu mat-tfal jew li jaffettwaw lit-tfal b'xi mod ieħor iridu jqisu d-drittijiet u l-vulnerabbiltajiet tagħhom u jissodisfaw l-ogħla standards disponibbli ta' sikurezza, sigurtà u privatezza mid-disinn u b'mod prestabbilit;
136. Jinnota li l-ambjenti li fihom joperaw is-sistemi tal-IA jistgħu jvarjaw f'ambjent minn negozju għal negozju (B2B) meta mqabbla ma' ambjent minn negozju għall-konsumatur (B2C); jirrimarka li d-drittijiet tal-konsumatur jeħtieġ li jiġu protetti legalment permezz ta' leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur; jisħaq li, filwaqt li l-kumpaniji jistgħu jsolvu sfidi relatati mar-responsabbiltà u sfidi legali oħra malajr u b'mod kosteffettiv permezz ta' mezzi kuntrattwali mas-sħab kummerċjali direttament, il-leġislazzjoni tista' tkun meħtieġa biex tiproteġi negozji iżgħar mill-abbuż tas-saħħa tas-suq minn atturi dominanti permezz ta' lock-in kummerċjali jew teknoloġiku, ostakli għad-dħul fis-suq jew problemi ta' informazzjoni asimmetrika; jenfasizza li hemm ukoll il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tal-SMEs u n-negozji ġodda b'rekwiżiti leġislattivi kumplessi, li jpoġġuhom fi żvantaġġ meta mqabbla ma' kumpaniji akbar, li għandhom ir-riżorsi biex iżommu dipartimenti legali u ta' konformità mdaqqsqa;
137. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi applikat approċċ ibbażat fuq il-prinċipji għal kwistjonijiet etiċi miftuħa li jitqajmu minn possibbiltajiet teknoloġiċi ġodda li jirriżultaw mill-bejgħ u l-użu ta' applikazzjonijiet tal-IA, inkluż permezz tal-użu ta' prinċipji fundamentali u obligatorji bħall-prinċipju ta' nuqqas ta' maleficienza, il-prinċipju tar-rispett tad-dinjità tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali, u l-protezzjoni tal-proċess demokratiku; jinnota li l-prattiki tajba fl-iżvilupp tal-IA bħall-IA ċċentrata fuq il-bniedem, il-governanza responsabbli u l-prinċipji ta' trasparenza u spjegabbiltà, kif ukoll prinċipji ta' IA sostenibbli li huma allinjati bis-sħiħ mal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli huma komponenti importanti oħra fit-tiswir tal-ekonomija tal-IA;
138. Jirrikonoxxi li mhux dejjem ikun possibbli li l-algoritmi tal-IA jitneħħielhom il-preġudizzju għalkollox peress li l-oġettiv ideali ta' data mingħajr żbalji huwa diffiċli ħafna jew kważi impossibbli li jintlaħaq; jinnota li anke sistema ta' IA li tkun ġiet ittestjata inevitabbilmment se tiltaqa' ma' xenarji tad-dinja reali li jistgħu jipproduċu riżultati preġudikati meta tiġi użata f'ambjent li jvarja mill-kompożizzjoni tad-data tat-taħriġ u tal-ittestjar tagħha; jisħaq li l-UE għandha tagħmel hilita biex ittejjeb it-trasparenza tas-settijiet u tal-algoritmi tad-data, tikkoopera mill-qrib ħafna mal-iżviluppaturi tal-IA biex jikkontrobalanċjaw u jnaqqsu l-preġudizzji strutturali tas-soċjetà u tikkunsidra regoli obligatorji tad-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem fi stadju bikri tal-iżvilupp;
139. Jelabora li filwaqt li l-obbligi sinifikattivi tat-trasparenza jew tal-isjegabbiltà għas-sistemi tal-IA jistgħu jkunu ta' għajjnuna f'ħafna każijiet, jista' ma jkunx possibbli li dawn jiġu implimentati f'kull każ; jinnota li d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u s-sigriet kummerċjali jridu jiġu protetti minn prattiki iġusti bħall-ispjunaġġ industrijali;
140. Jiddikjara li l-qafas leġislattiv dwar il-proprjetà intellettuali jrid ikompli jinċentiva u jiproteġi lill-innovaturi tal-IA billi jagħtihom privattivi bħala premju għall-iżvilupp u l-

pubblikazzjoni tal-kreazzjonijiet tagħhom; huwa tal-fehma li l-liġijiet eżistenti fil-biċċa l-kbira tagħhom jibqgħu validi fil-futur, iżda jipproponi ċerti aġġustamenti, inkluża l-integrazzjoni ta' elementi ta' sors miftuħ, kif ukoll l-użu tal-akkwist pubbliku biex jiġi awtorizzat, fejn xieraq, software b'sors miftuħ għal soluzzjonijiet tal-IA; jipproponi forom ġodda ta' liċenzjar tal-privattivi biex jiġi żgurat li jkunu disponibbli għodod għar-reġjuni u inizjattivi li altrimenti ma jkollhomx il-mezzi finanzjarji għalihom;

141. Iqis li awtovalutazzjonijiet tar-riskju *ex ante* obligatorji bbażati fuq regoli u standards ċari, kif ukoll valutazzjonijiet tal-impatt tal-protezzjoni tad-data, ikkomplementati minn valutazzjonijiet tal-konformità ta' partijiet terzi b'markatura CE rilevanti u xierqa, flimkien ma' infurzar *ex post* mis-sorveljanza tas-suq, jistgħu jkunu utli biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-IA fis-suq ikunu sikuri u affidabbli; jemmen li sabiex jiġi evitat li l-SMEs jiġu mbuttati barra mis-suq, għandhom jiġu żviluppati standards u gwida dwar il-konformità mal-leġislazzjoni tal-IA bl-involvement mill-qrib tan-negozji ż-żgħar, allinjati internazzjonalment sal-akbar limitu possibbli, li jkunu disponibbli mingħajr ħlas;
142. Jinnota li sabiex tiżdied is-sikurezza tal-prodott u tittejjeb l-identifikazzjoni tad-difetti, l-iżviluppaturi tal-IA ta' riskju għoli għandhom jiżguraw li jinżammu b'mod sigur rekords aċċessibbli ta' attività algoritmika; iqis li, fejn rilevanti, l-iżviluppaturi għandhom jiddisinjaw sistemi tal-IA ta' riskju għoli b'mekkaniżmi inkorporati – "interruttori ta' emerġenza" – għall-intervent tal-bniedem biex iwaqqfu b'mod sikur u effiċjenti l-attivitajiet awtomatizzati fi kwalunkwe mument u jiżguraw approċċ human-in-the-loop; iqis li l-produzzjoni u r-raġunament tas-sistema tal-IA għandhom dejjem ikunu jinftiehm u mill-bnedmin;
143. Jirrikonoxxi l-isfidi legali kkawżati mis-sistemi tal-IA, u li hemm hteġa li tiġi kkunsidrata reviżjoni ta' partijiet speċifiċi tar-regoli eżistenti dwar ir-responsabbiltà; iħares 'il quddiem, f'dan ir-rigward, għall-preżentazzjoni tal-proposta leġislativa tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltà tal-IA; jisħaq li d-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti<sup>38</sup> u r-reġimi nazzjonali ta' responsabbiltà bbażata fuq negliġenza jistgħu, fil-prinċipju, jibqgħu l-leġislazzjoni ċentrali kontra l-biċċa l-kbira tal-ħsara kkawżata mill-IA; jissottolinja li f'xi każijiet jista' jkun hemm eżiti mhux xierqa, iżda javża li kwalunkwe reviżjoni għandha tqis il-leġislazzjoni eżistenti dwar is-sikurezza tal-prodotti u għandha tkun ibbażata fuq lakuni identifikati b'mod ċar, filwaqt li tibqa' valida fil-futur u kapaċi li tiġi implimentata b'mod effettiv u tiżgura l-protezzjoni tal-individwi fl-UE;
144. Jissottolinja li l-qafas legali ma għandux jagħmel lit-tfal soġġetti għall-istess livell ta' responsabbiltà personali bħall-adulti biex jifhmu r-riskju;
145. Jinnota li ċerti bidliet fid-definizzjonijiet legali ta' "prodott", inklużi applikazzjonijiet ta' software integrati, servizzi diġitali u dipendenza bejn prodotti differenti, u "produttur", inkluż operatur back-end, fornitur ta' servizzi u fornitur tad-data, jistgħu jiġu kkunsidrati biex jiġi żgurat li jkun hemm kumpens disponibbli għall-ħsara kkawżata minn dawn it-teknoloġiji; jisħaq, madankollu, li għandu jiġi evitat approċċ wiesa' wisq jew dejjaq

---

<sup>38</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi, ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29.

iżżejjed għad-definizzjoni ta' "prodott";

146. Jirrimarka li, minħabba l-karatteristiċi tas-sistemi tal-IA, bħall-kumplessità, il-konnettività, l-opaċità, il-vulnerabbiltà tagħhom, il-kapaċità li jiġu mmodifikati permezz ta' aġġornamenti, il-kapaċità għall-awtotagħlim u l-awtonomija potenzjali, kif ukoll l-għadd kbir ta' atturi involuti fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni u fl-użu tagħhom, hemm sfidi sinifikanti għall-effettività tad-dispożizzjonijiet tal-qafas ta' responsabbiltà tal-Unjoni u nazzjonali; iqis, għalhekk, li għalkemm ma hemm l-ebda ħtieġa ta' reviżjoni sħiħa tar-reġimi ta' responsabbiltà li jiffunzjonaw tajjeb, huma meħtieġa aġġustamenti speċifiċi u kkoordinati għar-reġimi ta' responsabbiltà Ewropej u nazzjonali biex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha l-persuni li jġarrbu ħsara jew li l-proprjetà tagħhom iġġarrab ħsara jispiċċaw mingħajr kumpens; jispeċifika li filwaqt li s-sistemi tal-IA ta' riskju għoli għandhom jaqgħu taħt liġijiet stretti ta' responsabbiltà, flimkien ma' kopertura obbligatorja tal-assigurazzjoni, kwalunkwe attività, apparat jew proċess ieħor xprunat minn sistemi tal-IA li jikkawżaw dannu jew ħsara għandhom jibqgħu soġġetti għal responsabbiltà bbażata fuq negliġenza; jemmen li l-persuna affettwata għandha madankollu tgawdi minn preżunzjoni ta' negliġenza min-naħa tal-operatur, sakemm dan tal-aħħar ma jkunx jista' juri li mexxa mad-dmir tiegħu ta' diliġenza;

#### iv. SFIDA TAD-DATA TAL-UE

147. Jieħu nota tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tal-2020 bit-titolu "Strateġija Ewropea għad-data" u mill-Parlament fir-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-istess suġġett, li tiddikjara li l-ħolqien ta' spazju uniku Ewropew tad-data akkumpanjat mill-iżvilupp ta' spazji tad-data settorjali u enfasi fuq standards komuni huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-iskalabbiltà rapida tas-soluzzjonijiet tal-IA fl-UE u lil hinn minnha, kif ukoll biex jiġu żgurati l-awtonomija strateġika miftuħa u l-prosperità ekonomika tal-UE; ifakkar fir-rabta essenzjali bejn id-disponibbiltà ta' data ta' kwalità għolja u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-IA; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li jiġu implimentati servizzi ta' cloud robusti, affidabbli u interoperabbli fi ħdan l-UE, kif ukoll soluzzjonijiet li jingranaw l-analitika tad-data deċentralizzata u l-arkitettura edge; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara d-drittijiet għall-aċċess, l-użu u l-kondiviżjoni tad-data għad-detenturi ta' data mhux personali maħluqa b'mod konġunt; jisħaq li l-aċċess għad-data jrid isir teknikament possibbli, inkluż permezz ta' interfaċċi standardizzati interoperabbli u software interoperabbli; jisħaq li l-ostakli għall-kondiviżjoni tad-data jwasslu għal inqas innovazzjoni, kompetizzjoni mnaqqsa u t-tkomplija tal-istrutturi oligopolistiċi tas-suq, li jiffaċċjaw riskju qawwi li jsostnu lilhom infushom fis-suq biswit għall-applikazzjonijiet tal-IA;
148. Jisħaq fuq l-importanza ewlenija li jinfetħu silos tad-data u jitrawwem l-aċċess għad-data għar-riċerkaturi u l-kumpaniji tal-IA kif deskritt fir-risoluzzjoni tal-Parlament dwar l-istrateġija Ewropea għad-data; jisħaq li l-iżbilanċi tas-suq li jirriżultaw mir-restrizzjoni miżjuda tad-data minn kumpaniji privati jżidu l-ostakli għad-dħul fis-suq u jnaqqsu l-aċċess u l-użu ta' data usa', u jagħmluha speċjalment diffiċli għan-negozji ġodda u r-riċerkaturi biex jakkwistaw jew jillieċenzjaw id-data li jeħtieġu biex iħarrġu l-algoritmi tagħhom; jissottolinja l-ħtieġa li tiġi stabbilita ċ-ċertezza tad-dritt meħtieġa u l-infrastruttura teknika interoperabbli, filwaqt li d-detenturi tad-data fl-Ewropa jiġu mmotivati wkoll biex jagħmlu disponibbli l-ammonti kbar tagħhom ta' data mhux



utilizzata; jikkunsidra li l-kondiviżjoni volontarja tad-data bejn in-negozji bbażata fuq arranġamenti kuntrattwali ġusti tikkontribwixxi biex jintlaħaq dan l-għan; jinnota, madankollu, li l-ftehimiet kuntrattwali B2B ma jiggerantixxux neċessarjament aċċess adegwat għad-data għall-SMEs minħabba d-disparitajiet fil-poter ta' negozjar jew fl-għarfien espert; jenfasizza li s-swieq tad-data miftuħa jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tad-data billi jgħinu lill-kumpaniji u lir-riċerkaturi tal-IA jakkwistaw jew jilliċenzjaw id-data mingħand dawk li jixtiequ jagħmlu d-data disponibbli fuq tali swieq, li jinkludu katalgi tad-data u jippermettu lid-detenturi tad-data u lill-utenti jinnegozjaw tranżazzjonijiet ta' kondiviżjoni tad-data; jilqa' f'dan il-kuntest ir-regoli dwar is-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data fl-Att dwar il-Governanza tad-Data;

149. Jilqa' l-inizjattivi tal-federazzjoni Ewropea tal-cloud, bħall-Alleanza Ewropea għad-Data Industrijali, għall-Edge u għall-Cloud, kif ukoll il-proġett GAIA-X, li għandhom l-għan li jiżviluppaw infrastruttura tad-data federata u joħlqu ekosistema li tippermetti l-iskalabbiltà, l-interoperabbiltà u l-awtodeterminazzjoni tal-fornituri tad-data; jinnota li l-ġabra ta' regoli tal-UE dwar il-cloud li tiġbor il-leġiżlazzjoni eżistenti u l-inizjattivi awtoregulatorji tgħin ukoll biex issarraf il-prinċipji u l-valuri komuni tal-UE fi proċessi u kontrolli azzjonabbli għall-prattikanti tekniċi;
150. Jirrakkomanda li l-interoperabbiltà tad-data tissaħħaħ aktar u li jiġu stabbiliti standards komuni sabiex jiġi ffaċilitat il-fluss tad-data bejn il-magni u l-entitajiet differenti, tittejjeb il-kondiviżjoni tad-data bejn il-pajjiżi u s-setturi u jkun permess il-ħolqien fuq skala kbira ta' settijiet ta' data ta' kwalità għolja; jinnota li l-inkoraġġiment ta' standards miftuħa, is-software b'sors miftuħ, il-liċenzji komuni kreattivi u l-interfaċċi miftuħa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs) jista' wkoll ikollhom rwol ewlieni fl-aċċellerazzjoni tal-kondiviżjoni tad-data; jenfasizza r-rwol ta' spazji Ewropej komuni tad-data biex jiffaċilitaw il-moviment liberu tad-data fl-ekonomija Ewropea tad-data;
151. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggerantixxu li kundizzjonijiet kuntrattwali ġusti jkunu infurzati b'mod aktar qawwi fl-ambitu tar-regoli tal-kompetizzjoni bl-għan li jiġu indirizzati l-iżbilanċi tas-saħħa fis-suq mingħajr ma jinterferixxu mal-libertà kuntrattwali, u li l-awtoritajiet tal-antitrust ikunu mgħammra u jkollhom ir-riżorsi biex jiġġieldu t-tendenzi ta' konċentrazzjoni tad-data; jissottolinja li l-ispace Ewropej tad-data jippermettu lill-kumpaniji jikkooperaw aktar mill-qrib ma' xulxin, u għalhekk iqis li hemm bżonn ta' aktar gwida u ċarezza tad-dritt għan-negozji dwar il-liġi tal-kompetizzjoni u l-kooperazzjoni dwar il-kondiviżjoni u l-għbir tad-data; jisħaq li l-kooperazzjoni tad-data, inkluż għat-taħriġ tal-applikazzjonijiet tal-IA jew fl-industrija tal-internet tal-oġġetti (IoT), taħt l-ebda ċirkostanza ma għandha tiffaċilita l-iffurmar ta' kartelli jew toħloq ostakli għal parteċipanti ġodda f'suq; jenfasizza l-importanza li jiġu ċċarati d-drittijiet kuntrattwali tal-iżviluppaturi tal-IA u l-kumpaniji li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' data permezz tal-użu ta' algoritmi jew magni tal-IoT, u b'mod partikolari d-drittijiet għall-aċċess għad-data, għall-portabbiltà tad-data, biex iħeġġu parti oħra biex tieqaf tuża d-data, u jikkoreġu jew iħassru d-data;
152. Jistieden lill-Istati Membri, fir-rigward tad-data miżmuma mill-gvern, jimplimentaw malajr id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa<sup>39</sup> u japplikaw kif xieraq l-Att dwar il-

---

<sup>39</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56.

Governanza tad-Data, billi jagħmlu settijiet ta' data ta' valur għoli disponibbli idealment mingħajr ħlas u jfornuhom f'formati li jinqraw mill-magni u APIs; jisħaq li din l-inizjattiva tnaqqas l-ispejjeż għall-korpi pubbliċi biex ixerrdu u jerġgħu jużaw id-data tagħhom u tgħin lir-riċerkaturi u lill-kumpaniji tal-UE b'mod enormi biex itejbu t-teknoloġiji diġitali tagħhom f'oqsma bħall-IA;

153. Jappella għal implimentazzjoni uniformi tal-GDPR madwar l-UE billi jiġi applikat b'mod effettiv u rapidu l-mekkaniżmu ta' konsistenza u billi jiġu allinjati l-interpretazzjonijiet nazzjonali differenti tal-liġi; huwa tal-fehma li hemm bżonn ukoll li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jiġu mgħammra aħjar, inkluż b'għarfien espert tekniku;
154. Jieħu nota tal-gwida prattika tal-Kummissjoni tal-2019 dwar kif jiġu pproċessati settijiet ta' data mħallta; jirrimarka li n-nuqqas ta' kondiviżjoni ta' settijiet ta' data ħafna drabi għadu l-aħjar għażla għar-riċerkaturi u l-kumpaniji tal-IA minħabba l-inċertezza dwar jekk id-data hijiex anonimizzata biżżejjed;
155. Iqis l-Artikolu 29 tal-opinjoni tal-2014 tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data dwar it-tekniki ta' anonimizzazzjoni bħala ħarsa ġenerali utli, li tista' tiġi żviluppata aktar; jistieden lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) jadotta linji gwida bbażati fuq każijiet ta' użu speċifiċi u sitwazzjonijiet rilevanti għal tipi differenti ta' kontrolluri u proċessuri tad-data u sitwazzjonijiet ta' pproċessar differenti, inkluża lista ta' kontroll bir-reqwiżiti kollha li jridu jiġu ssodisfati biex id-data ssir anonima biżżejjed; jinnota, madankollu, li t-tekniki tal-anonimizzazzjoni bħalissa mhumiex kapaċi jiggwarantixxu protezzjoni sħiħa u kompleta tal-privatezza, peress li l-esperimenti wrew li s-sistemi tal-IA moderni madankollu jirnexxielhom jidentifikaw persuna mill-ġdid;
156. Jitlob lill-EDPB joħroġ aktar gwida għar-riċerkaturi u l-kumpaniji f'oqsma bħall-IA dwar kif jipproċessaw b'mod effettiv id-data personali barra mill-UE b'mod konformi mal-GDPR;
157. Jissuġġerixxi l-finanzjament ta' aktar riċerka dwar l-istandardizzazzjoni ta' approċċi ta' "privatezza mid-disinn", kif ukoll il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet kriptografiċi u taġħlim awtomatiku li jippreserva l-privatezza, peress li huwa kruċjali li jiġi żgurat li tkun tista' tintuża data ta' kwalità għolja biex jitħarrġu l-algoritmi u jitwettqu kompiti tal-IA mingħajr ksur tal-privatezza; jinnota li trusts tad-data, ċertifikazzjonijiet għal applikazzjonijiet tal-IA ta' riskju għoli, sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni personali u l-użu ta' data sintetika wkoll jidhru promettenti;
158. Ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jingranaw il-proġett tal-OECD stabbilit reċentement dwar l-aċċess fdat tal-gvern għal data personali miżmuma mis-settur privat bħala punt ta' referenza għal dawk li jfasslu l-politika globalment biex jaħdmu lejn soluzzjoni internazzjonali u konverġenza regolatorja tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-fluss liberu tad-data u tal-metadata bejn il-fruntieri internazzjonali, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ l-*acquis* tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, huwa faċilitatur kruċjali għall-innovazzjoni diġitali fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni għalhekk toqgħod lura milli timponi reqwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data, ħlief meta dan ikun meħtieġ biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali, inkluż il-

protezzjoni tad-data, jew f'każijiet limitati, proporzjonati u ġustifikati li fihom tali politika tkun fl-interess tal-UE jew tkun meħtieġa biex jiġu sostnuti l-istandards Ewropej;

159. Jistieden lill-Kummissjoni twieġeb għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) li l-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. huwa invalidu billi tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li kwalunkwe deċiżjoni ġdida ta' adegwatezza fir-rigward tal-Istati Uniti tikkonforma bis-siġħ mal-GDPR, mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u kull aspekk tas-sentenza tal-QĠUE, filwaqt li jiġu ssimplifikati wkoll il-flussi tranżatlantiċi tad-data; jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssewwi taħditiet dwar l-adekwatezza tad-data ma' pajjiżi oħra mhux tal-UE, peress li dan huwa l-aħjar mod biex jiġu promossi l-politiki tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u jiġi permess l-iskambju internazzjonali tad-data;

*b) L-ikkompletar tas-suq uniku diġitali*

i. STRATEĠIJI NAZZJONALI DWAR L-IA

160. Jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar l-IA, peress li diversi minnhom għadhom vagi u ma għandhomx għanijiet ċari, inkluż fir-rigward tal-edukazzjoni diġitali għas-soċjetà kollha kif ukoll kwalifiki avvanzati għall-ispeċjalisti; jirrakkomanda li l-Istati Membri jifformulaw azzjonijiet konkreti, kwantifikabbli u speċifiċi, filwaqt li jippruvaw joħolqu sinerġiji bejniethom;
161. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri jistabbilixxu l-prijoritajiet u jallinjaw kemm jista' jkun l-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar l-IA u l-ambjenti regolatorji sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza madwar l-UE; jirrimarka li, filwaqt li diversità ta' approċċi nazzjonali hija mod tajjeb biex jiġu stabbiliti l-aħjar Prattiki, l-iżviluppaturi u r-riċerkaturi tal-IA jiffaċċjaw ostakli kbar jekk ikunu soġġetti għal parametri operattivi u obbligi regolatorji differenti f'kull wieħed mis-27 Stat Membru;

ii. OSTAKLI GħAS-SUQ

162. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma tagħha fuq it-tneħħija ta' ostakli mhux ġustifikati għat-tlestija sħiħa tas-suq uniku diġitali, inkluż diskriminazzjoni bbażata fuq il-pajjiż mhux dovuta, rikonossiment reċiproku mhux komplut tal-kwalifiki professjonali, proċeduri ta' aċċess għas-suq b'piż żejjed, spejjeż tal-konformità regolatorja għoljin bla bżonn u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità diverġenti, u tindirizza l-użu frekwenti ta' derogi li jirriżulta f'regoli diverġenti fost il-ġurisdizzjonijiet differenti tal-Istati Membri; jenfasizza li għall-kumpaniji li joperaw f'ambjent transfruntier, ir-regoli madwar l-UE kollha dwar l-IA, b'kuntrast ma' approċċ frammentat pajjiż b'pajjiż, huwa żvilupp milqugħ li se jgħin biex titrawwem pożizzjoni ta' tmexxija Ewropea dwar l-iżvilupp u l-użu tal-IA;
163. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-istabbiliment ta' unjoni reali tas-swieq kapitali; jišhaq fuq il-ħtieġa li jitjieb l-aċċess għar-riżorsi finanzjarji, speċjalment għall-SMEs, għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu;
164. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu konklużi malajr in-negozjati dwar il-fajls leġiżlattivi pendenti mmirati lejn it-tlestija tas-suq uniku diġitali;

165. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura infurzar konsistenti mar-regoli tas-suq uniku;
166. Jinnota li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jiġi aġġornat bir-reqqa u jiġi allinjat mal-prodotti u s-servizzi diġitali; jipproponi li l-enfasi għandha titqiegħed fuq l-immodernizzar u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' konformità billi jiġu introdotti alternattivi diġitali għal mezzi eżistenti analogi u bbażati fuq il-karta li jippermettu lill-kumpaniji jużaw, pereżempju permezz tal-markatura CE diġitali, it-tikkettar elettroniku jew struzzjonijiet ta' sikurezza diġitalizzati;
167. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tappoġġja n-negozji offline li jixtiequ joperaw online; ihegġegħ aktar kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn l-SMEs u n-negozji ġodda b'antiċipazzjoni għal leġiżlazzjoni ġdida u futura tal-UE f'dan ir-rigward, kif ukoll żieda fl-infurzar tar-regoli tas-sorveljanza tas-suq bħala mezz biex tiżdied il-fiduċja tal-konsumaturi Ewropej;

### iii. KUNDIZZJONIJIET EKWIVALENTI TA' KOMPETIZZJONI

168. Huwa konvint li l-oqfsa attwali nazzjonali u Ewropej tal-kompetizzjoni u tal-antitrust jehtiegħ li jiġu riformati sabiex jiġu mmirati aħjar l-abbużi tas-saħħa tas-suq u l-kollużjoni algoritmika fl-ekonomija diġitali, u kwistjonijiet relatati mal-akkumulazzjoni tad-data, kif ukoll biex jiġu indirizzati aħjar ir-riskji ta' monopolji emerġenti ġodda mingħajr ma tiġi compromessa l-innovazzjoni; jilqa' l-approvazzjoni li jmiss tal-Att dwar is-Swieq Diġitali; jappella għall-konsiderazzjoni speċifikata ta' kwistjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-IA;
169. Jinnota li tali riforma għandha ssaħħaħ approċċ ibbażat fuq l-evidenza u tqis aktar il-valur tad-data u l-implikazzjonijiet tal-effetti tan-network, tintroduċi regoli ċari għal pjattaformi dominanti fis-suq u żżid iċ-ċertezza tad-dritt għall-kooperazzjoni fl-ekonomija diġitali;
170. Jistqarr, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni għandha tadatta l-prattiki tagħha ta' definizzjoni tas-suq biex tiddefinixxi s-swieq b'mod aktar preċiż u f'konformità mar-realtajiet moderni tas-suq fis-settur diġitali, filwaqt li twettaq analiżi dinamika u tadotta perspettiva fit-tul biex tivvaluta l-eżistenza ta' pressjonijiet kompetittivi;
171. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jżidu l-isforzi tagħhom biex jimmonitorjaw is-swieq diġitali fuq bażi kontinwa, u b'hekk jidentifikaw restrizzjonijiet kompetittivi u ostakli fil-kompetizzjoni, u sussegwentement jimponu azzjonijiet korrettivi aktar ta' spiss fuq kumpaniji li jabbużaw mill-pożizzjoni dominanti tagħhom jew li jimpenjaw ruħhom f'imġiba antikompetittiva;
172. Jistieden lill-Istati Membri jżidu b'mod sostanzjali l-finanzjament għall-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-kapaċità teknika tagħhom sabiex jiżguraw l-infurzar effettiv u rapidu tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-ekonomija diġitali b'ritmu mgħaġġel u kumplessa; jissottolinja li l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni għandhom iħaffu l-proċedimenti ta' abbuż u, fejn mehtiegħ, japplikaw miżuri interim biex jippreservaw u jippromwovu l-kompetizzjoni ġusta, filwaqt li fl-istess ħin jiggerantixxu d-drittijiet ta' difiża proċedurali tal-kumpaniji;

### *c) Infrastruttura ekoloġika diġitali*

## i. KONNETTIVITÀ U QAWWA KOMPUTAZZJONALI

173. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-ambizzjoni tagħha li tinċentiva 75 % tal-intrapriżi Ewropej biex sal-2030 jadottaw servizzi tal-computing cloud, big data u IA sabiex jibqgħu kompetittivi fuq livell globali u jaċċelleraw il-miri tan-newtralità klimatika tagħha biex jiżguraw li dawn jintlaħqu sal-2050; huwa tal-fehma li l-allokazzjoni ta' EUR 2.07 biljun f'finanzjament għall-infrastruttura diġitali fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa mhijiex biżżejjed;
174. Jisħaq li l-bidla fil-volum u fl-ipproċessar tad-data għall-IA tirrikjedi wkoll l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-ipproċessar tad-data li jinkludu l-edge, u b'hekk jitbiegħdu minn mudelli ta' infrastruttura ċentralizzati bbażati fuq il-cloud filwaqt li jersqu lejn żieda fid-deċentralizzazzjoni tal-kapaċitajiet tal-ipproċessar tad-data; iħeġġeġ it-tisħiħ tal-investment u tar-riċerka fir-raggruppamenti distribwiti tal-computing, fin-nodi tal-edge u fl-inizjattivi diġitali tal-mikrokontrollur; jinnota li t-tranżizzjoni għal użu wiesa' ta' soluzzjonijiet edge tista' tkun aktar intensiva fir-riżorsi, peress li l-benefiċċji tal-ottimizzazzjoni tal-ġbir jintilfu u jisħaq li l-ispiża/il-benefiċċju ambjentali tal-infrastrutturi edge għandhom jiġu eżaminati fl-livell sistemiku fi strateġija Ewropea dwar il-cloud, inkluż biex jiġi ottimizzat il-konsum tal-enerġija tal-IA;
175. Jisħaq li l-IA tirrikjedi hardware b'saħħtu biex ikunu jistgħu jintużaw algoritmi sofistikati, inklużi l-computing ta' prestazzjoni għolja u l-computing kwantistiku u l-IoT; jappella għal żidiet kontinwi fil-finanzjament pubbliku u privat għal soluzzjonijiet innovattivi li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija, inkluż l-ekodisinn tas-software; jappella għall-iżvilupp ta' standards dwar il-kejl tal-użu tar-riżorsi mill-infrastruttura diġitali fil-livell tal-UE, ibbażati fuq l-aħjar prattiki; jinsab imħasseb dwar il-kriżi globali tal-mikroproċessuri u jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni għal Att dwar iċ-Ċipep biex titnaqqas id-dipendenza attwali tal-UE fuq fornituri esterni; iwissi, madankollu, dwar ir-riskji futuri ta' kapaċità żejda fis-suq u jwissi dwar il-kunsiderazzjoni bir-reqqa taċ-ċiklu tal-investment;
176. Jenfasizza li infrastruttura funzjonali u rapida għall-IA trid tkun ibbażata fuq konnettività diġitali b'veloċità għolja ġusta u sikura, li tirrikjedi t-tnedija tal-5G fiż-żoni urbani kollha sal-2030, kif ukoll aċċess wiesa' għal networks tal-broadband ultraveloċi u politika tal-ispettru b'kundizzjonijiet ta' liċenzja li jiżguraw il-prevedibbiltà, irawmu l-investment fit-tul u ma jxekklu il-kompetizzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu jimplimentaw is-sett ta' għodod tal-5G; jitlob li d-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża għall-Broadband<sup>40</sup> titqiegħed fil-prattika biex tiffaċilita l-użu tan-network; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali fuq il-5G; jisħaq fuq l-importanza li jiġi miġġieled it-tixrid tad-diżinformazzjoni relatata man-networks 5G bi strateġija ta' komunikazzjoni tal-UE; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li dibattitu wiesa' u inklużiv fl-aħħar mill-aħħar se jikkontribwixxi biex tinholq il-fiduċja fost iċ-ċittadini fir-rigward tal-azzjonijiet lejn l-iżvilupp kontinwu tan-networks mobbli;
177. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi skedi ta' żmien għall-Istati Membri, il-bliet, ir-reġjuni u l-industrija, u ttejjeb il-proċessi ta' approvazzjoni amministrattiva għall-5G; jitlob li f'reġjuni fejn it-tnedija ssir mis-settur pubbliku, isiru disponibbli aktar fondi

<sup>40</sup> ĠU L 155, 23.5.2014, p. 1.

biex iwasslu l-konnettività b'veloċità għolja fil-komunitajiet remoti u jikkontribwixxu biex jitnaqqas id-distakk diġitali; jappella għal appoġġ għal proġetti ta' broadband u konnettività skont il-qafas finanzjarju pluriennali, b'aċċess aktar faċli għall-awtoritajiet lokali biex jevitaw in-nuqqas ta' użu tal-fondi pubbliċi;

178. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-interazzjoni bejn l-IA u l-mewġa li jmiss ta' infrastruttura diġitali, li tippermetti lill-Ewropa tkun fuq quddiem fin-networks tal-ġenerazzjoni li jmiss, inkluż is-6G;
179. Jappella għal strateġija ċara dwar l-użu tan-network tal-fibra ottika u t-tnedija tal-broadband fiż-żoni rurali, li hija wkoll kruċjali għal teknoloġiji intensivi fid-data bħall-IA; jappella, f'dan ir-rigward għal appoġġ akbar mill-Bank Ewropew tal-Investment għall-proġetti ta' konnettività fiż-żoni rurali;
180. Jisħaq li l-investment sinifikanti meħtieġ għall-implimentazzjoni tan-network u t-tnedija rapida sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti mill-Kumpass Diġitali jirrikjedi ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-infrastruttura, li huma wkoll kruċjali għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà u għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija; jisħaq li dawn l-isforzi għadhom fil-bidu tagħhom u jeħtieġ li jiġu estiżi aktar;

## ii. SOSTENIBBILTÀ

181. Ihegġegħ lill-UE tiegħu pożizzjoni ta' tmexxija biex tagħmel l-infrastruttura diġitali ekoloġika newtrali għall-klima u effiċjenti fl-użu tal-enerġija sal-2030 f'konformità mal-miri tal-Ftehim ta' Pariġi u integrata mal-programm ta' politika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; inkluż billi jiġi vvalutat l-impatt ambjentali tal-użu fuq skala kbira ta' sistemi bbażati fuq l-IA, filwaqt li titqies iż-żieda fil-ħtiġijiet tal-enerġija tal-iżvilupp u l-użu tal-IA; jappella għal azzjoni multilaterali globali koordinata biex l-IA tintuża fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali u ekoloġika, kif ukoll fit-telfien tal-bijodiversità;
182. Ihegġegħ l-użu tal-IA biex jiġi mmonitorjat il-konsum tal-enerġija fil-muniċipalitajiet u jiġu żviluppati miżuri għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija;
183. Jirrikonoxxi l-karattru intensiv fid-data u fl-użu tar-riżorsi ta' xi applikazzjonijiet tal-IA fuq skala kbira u l-impatti rispettivi tagħhom fuq l-ambjent; ifakkar fil-fatt li biex l-IA Ewropea tkun sostenibbli u ambjentalment responsabbli, is-sistemi tal-IA għandhom jiġu ddisinjati, żviluppati u użati bl-għan li jinkisbu t-tranżizzjoni ekoloġika, in-newtralità klimatika u l-ekonomija ċirkolari;
184. Jistieden lill-Kummissjoni tinċentiva l-użu ta' ċentri tad-data effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jstgħu jappoġġjaw in-newtralità tal-karbonju;
185. Jenfasizza li n-nuqqas attwali ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni taċ-ċentri tad-data jfikkil il-possibbiltà li tittieħed azzjoni pubblika adegwata u jkun hemm ħarsa ġenerali komparattiva tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċentri tad-data; jappella għal żieda sinifikanti fl-għadd ta' valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali mwettqa fuq l-iżvilupp tal-IA; jappella għall-iżvilupp ta' rekwiżiti biex jiġi żgurat li tkun disponibbli evidenza xierqa biex titkejje l-impronta ambjentali tal-applikazzjonijiet tal-IA fuq skala kbira; jindika l-ħtieġa ta' regoli u linji gwida ċari għall-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali

dwar l-IA, inklużi valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja bi kriterji multipli; jappella għal aċċess miftuħ għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċentri tad-data, l-iżvilupp ta' standards tal-UE u l-ħolqien ta' tikketti ekoloġiċi tal-UE għall-cloud computing;

186. Jappella għal pjan ta' ekonomija ċirkolari għat-teknoloġiji diġitali u l-IA u jenfasizza li l-UE għandha tiżgura katina b'saħħitha ta' riċiklaġġ tal-ICT;
187. Jirrakkomanda li jitrawwem l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA f'konformità mat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali fis-setturi kollha, biex jiġu kkoordinati standards sostenibbli għan-negozji u jkun possibbli l-monitoraġġ tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-għbir ta' informazzjoni dwar l-emissjonijiet u ċ-ċikli tal-ħajja tal-prodotti;
188. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi kompetizzjonijiet u missjonijiet għal soluzzjonijiet tal-IA li jindirizzaw problemi ambjentali speċifiċi u ssaħħaħ dan il-komponent f'Orizzont Ewropa u fil-programm Ewropa diġitali; ifakkar fil-fatt li l-proġetti relatati mal-potenzjal tal-IA biex tindirizza t-tħassib ambjentali għandhom jitwettqu abbażi ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli u etiċi;
189. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kriterji ambjentali u torbot l-allokazzjoni tal-baġit tal-UE, il-finanzjament u l-proċeduri tal-akkwist pubbliku għall-IA mal-prestazzjoni ambjentali tagħhom;
190. Jistieden lill-Kummissjoni trawwem bliet intelliġenti, li jkopru bini intelliġenti, grilji intelliġenti, karozzi konnessi, pjattaformi mobbli, servizzi pubbliċi u loġistika; jappoġġja l-iżvilupp ta' ġabra komuni tal-aħjar Prattiki għal proġetti u applikazzjonijiet; jisħaq li l-bliet intelliġenti jirrikjedu kooperazzjoni tajba bejn il-gvernijiet statali u lokali, kif ukoll fost l-aġenziji u l-partijiet privati tagħhom;
191. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ddefiniti prinċipji biex jiġi żgurat li d-data rilevanti dwar il-klima u s-sostenibbiltà tkun tista' tiġi integrata meta jiġu stabbiliti spazji ġodda tad-data dwar is-sostenibbiltà;
192. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mal-Istati Membri u mas-settur privat biex tistabbilixxi u tappoġġja faċilitajiet ta' ttestjar fejn l-applikazzjonijiet tal-IA jistgħu jiġu ttestjati fuq il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tagħhom u toffri gwida dwar kif tittejjeb l-impronta ambjentali ta' dawn l-applikazzjonijiet; ihegġegħ l-adattament ta' faċilitajiet ta' ttestjar eżistenti biex jiffokaw fuq każijiet ta' użu fil-produzzjoni ċirkolari;
193. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi infrastruttura tat-trasport sostenibbli li tuża l-IA biex iżżid l-effiċjenza, tnaqqas it-tniġġis u tippromwovi l-adattabilità għall-ħtiġijiet tal-utenti;

#### *d) Ekosistema ta' eċċellenza*

##### *i. TALENT*

194. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq qafas ta' ħiliet fl-IA għall-individwi, li jibni fuq il-qafas ta' kompetenza diġitali, li jipprovdi liċ-ċittadini, lill-ħaddiema u lin-negozji b'opportunitajiet rilevanti ta' taħriġ u ta' taġħlim tal-IA u jtejjeb il-kondiviżjoni tal-

għarfien, l-aħjar Prattiki u l-litteriżmu tal-media u tad-data bejn l-organizzazzjonijiet u l-kumpaniji kemm fil-livell tal-UE kfir ukoll nazżjonali; jitlob lill-Kummissjoni taħdem malajr fuq il-ħolqien ta' tali qafas ta' kompetenza billi tibni fuq skemi eżistenti tal-edukazzjoni dwar l-IA; jirrakkomanda li jiġi stabbilit spazju Ewropew tad-data dwar il-ħiliet tal-IA biex jiġi appoġġjat it-taħriġ Ewropew dwar il-ħiliet fil-livelli settorjali u reġjonali fl-Istati Membri kollha; jisħaq li l-akkwist u t-tagħlim tal-ħiliet diġitali u tal-IA jeħtieġ li jkun aċċessibbli għal kulħadd, u b'mod partikolari għan-nisa u l-gruppi vulnerabbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw korsijiet online bla ħlas li jtejbu t-taħriġ bażiku fl-IA;

195. Iħeġġeġ l-investiment fir-riċerka biex jiġu mifhuma aħjar ix-xejriet strutturali relatati mal-IA fis-suq tax-xogħol, inkluż liema ħiliet huma f'domanda akbar jew friskju ta' nuqqas fil-futur biex jiġu infurmati l-iskemi ta' tranżizzjoni tal-impjegati;
196. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' miżuri mmirati u sistematiċi fit-taħriġ professjonali għall-adulti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki inkluż investiment xieraq fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, inkluż billi jinfirmaw liċ-ċittadini dwar kif joperaw l-algoritmi u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja ta' kuljum; jappella biex tingħata attenzjoni speċjali lil dawk li tilfu l-impjieg tagħhom jew li huma friskju li jtilfuh minħabba t-tranżizzjoni diġitali, bil-għan li jitħejjew biex jaħdmu b'teknoloġiji relatati mal-IA u l-ICT; jistieden lill-Kummissjoni biex tinċentiva u tinvesti fi sħubijiet ta' ħiliet ta' bosta partijiet ikkonċernati biex tittestja l-aħjar Prattiki; jirrakkomanda li jiġi mmonitorjat il-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità marbuta mal-IA fl-UE;
197. Jisħaq li l-lakuni diġitali eżistenti jistgħu jingħalqu biss b'miżuri mmirati u inklużivi kemm lejn in-nisa kif ukoll lejn l-anzjani u għalhekk jappella għal investimenti sostanzjali f'miżuri mmirati ta' titjib fil-ħiliet u edukattivi biex jingħalqu tali lakuni diġitali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu kultura u kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali għall-ġeneru f'dan ir-rigward;
198. Jappella lill-Kummissjoni tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'kumpaniji li jaħdmu fuq attivitajiet relatati mal-IA u l-ICT, inkluż permezz tal-finanzjament ta' proġetti mmexxija minn nisa fis-settur diġitali u l-promozzjoni ta' numru minimu ta' riċerkaturi nisa li jipparteċipaw f'sejħiet ta' finanzjament ta' riċerka relatata mal-IA u l-ICT;
199. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' talent billi jiġu żgurati t-tkabbir, l-attrazzjoni u ż-żamma tal-aqwa talent; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi l-għan tagħha li jkollha 20 miljun speċjalista tal-ICT impjegati fl-UE; jisħaq li sabiex iżżomm l-aqwa talent tal-IA u tipprevjeni l-eżodu ta' mħuħ, l-UE teħtieġ li tippermetti salarji kompetittivi, kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, kooperazzjoni transfruntiera u infrastruttura kompetittiva;
200. Jenfasizza l-valur miżjud li jkun hemm qafas tal-Unjoni simplifikat biex jattira talent internazzjonali fis-settur tat-teknoloġija, sabiex jippermetti l-fluss tat-talent u l-mobilità fi ħdan l-UE u minn barra, itejjeb l-aċċess tat-talent internazzjonali għas-suq tax-xogħol tal-Unjoni u jattira ħaddiema u studenti fuq talba; jenfasizza li huma meħtieġa għodod innovattivi u leġiżlazzjoni ġodda biex jgħinu jqabblu lill-impjegaturi ma' ħaddiema



prospettivi tal-ICT, jindirizzaw in-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol, u jiffaċilitaw ir-rikonoxximent ta' kwalifiki u ħiliet internazzjonali; jirrakkomanda l-ħolqien ta' riżerva ta' talent tal-UE u pjattaforma ta' tqabbil biex iservu ta' punt uniku ta' servizz għat-talenti internazzjonali li jixtiequ japplikaw għal xogħol fl-UE, kif ukoll għall-impjegaturi li jfittxu impjegati potenzjali barra mill-pajjiż; jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta Blu tal-UE biex tiżgura li l-Ewropa tibqa' miftuħa għat-talent globali;

201. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza d-domanda akbar għal xogħol mill-bogħod bejn il-fruntieri tal-Istati Membri biex tippermetti lill-impjegati tal-UE u internazzjonali jaħdmu mill-bogħod fi Stat Membru differenti minn dak li jkunu qed joqogħdu fih; jirrakkomanda, f'dan il-kuntest, rieżami komprensiv tal-ostakli leġiżlattivi u ostakli oħrajn għax-xogħol mill-bogħod u li dawn jiġu indirizzati fi proposti leġiżlattivi sussegwenti;
202. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-koeżjoni tal-innovazzjoni fost ir-reġjuni tal-UE u l-Istati Membri, peress li t-talent jista' jkun distribwit b'mod inugwali;
203. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw protezzjoni xierqa tad-drittijiet u l-benesseri tal-ħaddiema, bħan-nondiskriminazzjoni, il-privatezza, l-awtonomija u d-dinjità tal-bniedem fl-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika, inkluż fir-rigward ta' prattiki ta' sorveljanza mhux xierqa; jisħaq li meta tintuża l-IA fuq il-post tax-xogħol, l-impjegaturi jeħtiġilhom ikunu trasparenti dwar il-mod kif jintuża u l-influenza tagħha fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u jisħaq li l-ħaddiema għandhom dejjem jiġu infurmati u kkonsultati qabel l-użu ta' apparati u prattiki bbażati fuq l-IA; jenfasizza l-fatt li l-algoritmi dejjem irid ikollhom sorveljanza mill-bniedem u li d-deċiżjonijiet tagħhom iridu jkunu responsabbli, kontestabbli u, fejn rilevanti, riversibbli; jemmen li għandu jitħeġġeġ it-taħriġ tal-iżviluppaturi tal-algoritmi fi kwistjonijiet etiċi, ta' trasparenza u antidiskriminatorji;
204. Jappella għal strateġija Ewropea għal użu sikur tal-IA fir-rigward tat-tfal li hija ddisinjata biex tinforma lit-tfal dwar l-interazzjoni mal-IA bil-għan li tipproteġihom mir-riskji u mill-ħsara potenzjali;
205. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-ħiliet u l-litteriżmu diġitali komponent tal-edukazzjoni bażika u tat-tagħlim tul il-ħajja; jappella għal sistema edukattiva tal-IA ta' prestazzjoni għolja li trawwem il-litteriżmu diġitali, il-ħiliet u r-reżiljenza diġitali minn stadju bikri, li tibda mill-edukazzjoni primarja; jenfasizza li l-iżvilupp ta' kurrikuli effettivi għall-edukazzjoni diġitali jirrikjedi rieda politika, riżorsi suffiċjenti u riċerka xjentifika; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-introduzzjoni ta' korsijiet ta' kompetenza tal-IA u dik komputazzjonali fl-iskejjel, fl-universitajiet u fl-istituzzjonijiet edukattivi Ewropej kollha; jenfasizza li tali żvilupp tal-ħiliet huwa meħtieġ fl-edukazzjoni tal-adulti daqs kemm fl-edukazzjoni primarja jew sekondarja; jappella għal inizjattiva ta' politika komprensiva u konsistenti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri dwar il-ħiliet u l-edukazzjoni tal-IA fil-livell tal-UE, kif ukoll għal inizjattiva leġiżlattiva dwar l-IA fuq il-post tax-xogħol;
206. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' kurrikuli universitarji multidixxiplinari li jiffokaw fuq il-ħiliet diġitali u tal-IA, inkluż fis-saħħa, u ċentri ta' riċerka transdixxiplinari;

jemmen li għandhom jiġu enfasizzati wkoll il-perkorsi lejn edukazzjoni ulterjuri biex jispeċjalizzaw fl-IA (eż. lawrji ta' Master's u PhD, u studju part-time);

207. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-iżvilupp ta' metodi ta' taġġim u kurrikuli innovattivi fl-oqsma u fl-iprogrammar ta' STEM, b'mod partikolari biex isaħħu l-kwalità tal-matematika u l-analiżi statistika għall-għan biex jinftehm u l-algoritmi tal-IA; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu d-dixxiplini akkademiċi STEM biex jizjed in-numru ta' studenti f'dawn l-oqsma; jisħaq li dixxiplini oħra li jinteraġixxu mad-dixxiplini STEM se jkunu wkoll kruċjali għall-promozzjoni tal-ħiliet diġitali;
208. iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-parteeipazzjoni tan-nisa fi studji u karrieri relatati mas-suġġetti STEM, l-ICT u l-IA biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż billi tiġi ddefinita mira għall-parteeipazzjoni ta' riċerkaturi nisa fi proġetti STEM u tal-IA;
209. Jisħaq li l-edukazzjoni diġitali għandha żżid ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar aspetti tal-ħajja ta' kuljum li potenzjalment jiġu affettwati mit-tagħlim awtomatiku, inklużi magni ta' rakkomandazzjoni, reklamar immirat, algoritmi tal-media soċjali u deepfakes; jisħaq li r-reżiljenza diġitali tirrikjedi edukazzjoni addizzjonali fil-media biex tgħin fil-kuntestwalizzazzjoni ta' ħiliet diġitali u tal-IA ġodda u għalhekk jappella għal appoġġ lejn korsijiet ġodda u diġà eżistenti tal-litteriżmu aċċessibbli tal-IA għaċ-ċittadini kollha, u approvazzjoni dwarhom;
210. Jappella għal miżuri biex jiġi żgurat li kull faċilità edukattiva jkollha aċċess għall-broadband, kif ukoll infrastruttura ta' taġġim diġitali b'saħħitha; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-universitajiet Ewropej u n-networks taġġim jiġu pprovduti bir-riżorsi komputazzjonali adegwati meħtieġa għat-taħriġ tal-mudelli tal-IA, li qed isiru dejjem aktar għaljin; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-għalliema jkollhom il-ħiliet u l-għodod meħtieġa tal-IA; jappella għal żieda fl-enfasi fuq it-taħriġ tekniku għall-għalliema u l-iżvilupp ta' taġġim u għodod ta' taġġim innovattivi;
211. Jitlob investiment f'inizjattivi ta' ħiliet ta' kodifikazzjoni taż-żgħażaġħ biex jitrawmu ħiliet tal-IA taż-żgħażaġħ u kwalifiki ta' livell għoli, inklużi akkademiċi tal-kodifikazzjoni, programmi tal-iskejjel tas-sajf u boroż ta' studju speċifiċi għall-IA; huwa tal-opinjoni li t-Traineeships ta' Opportunità Diġitali tal-UE għandhom jiġu estiżi aktar għat-taħriġ vokazzjonali;

## ii. RIĊERKA

212. Jitlob lill-UE żżid l-investiment fir-riċerka fl-IA u f'teknoloġiji ewlenin oħra, bħar-robotika, il-computing kwantistiku, il-mikroelettronika, l-IoT, in-nanoteknoloġija u l-istampar 3D; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u żżomm pjan direzzjonali strateġiku Ewropew għar-riċerka għall-IA li jindirizza l-isfidi interdixxiplinari ewlenin fejn l-IA tista' tkun parti mis-soluzzjoni; jissottolinja li l-investimenti għandhom ikunu diretti lejn każijiet ta' użu li x'aktarx iżidu s-soluzzjonijiet sostenibbli, il-benessri u l-inklużjoni fis-soċjetà;
213. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jonfqu proporzjon ikbar mill-PDG taġġim fuq riċerka dwar it-teknoloġiji diġitali; iħeġġeġ it-tisħiħ kontinwu tal-programm Orizzont

Ewropa, b'mod partikolari s-sħubija tiegħu dwar l-IA, id-data u r-robotika u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni; iħeġġeġ l-espansjoni tal-programm Ewropa diġitali u jqis li l-finanzjament allokat tiegħu ta' EUR 7.6 biljun għandu jiżdied;

214. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi pprijoritizzata r-riċerka fil-livell tal-UE fl-qasam tal-IA; jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika l-istruttura tal-finanzjament tar-riċerka, inkluż ir-rekwiżiti u l-procetti tal-applikazzjoni għal għotja; jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjbu l-kwalita u l-konsistenza tar-rieżamijiet tal-proposti u li tiżdied il-prevedibbiltà tal-istrumenti ta' finanzjament u taż-żmien tagħhom biex jiġi appoġġjat l-ippjanar fit-tull, permezz tal-pjan direzzjonali Ewropew għar-riċerka dwar l-IA; jistieden lill-Kummissjoni tiffinanzja aktar applikazzjonijiet fil-qasam tal-IA, billi tgħaqqad strumenti differenti, bħall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-Azzjonijiet Marie Curie, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija;
215. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-finanzjament tar-riċerka dwar l-IA li tiffoka fuq IA sostenibbli u soċjalment responsabbli, li tikkontribwixxi biex jinstabu soluzzjonijiet li jissalvagwardjaw u jippromwovu d-drittijiet fundamentali, u jevitaw programmi ta' finanzjament li joħolqu riskju inaċċettabbli għal dawn id-drittijiet, inklużi sistemi ta' finanzjament ta' sorveljanza tal-massa, punteġġ soċjali u sistemi oħra li għandhom il-potenzjal li jwasslu għal impatti soċjali negattivi, kif ukoll teknoloġiji li jikkontribwixxu għall-ħsara ambjentali;
216. Jinkoraġġixxi li jinħolqu aktar karigi ta' għalliema dwar l-IA fl-universitajiet Ewropej, salarji adegwati għar-riċerka dwar l-IA u l-għoti ta' aktar finanzjament pubbliku sabiex il-ġenerazzjoni attwali u li jmiss ta' rikerkaturi u talent tiġi mħarrġa u tinżamm u jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-ostakli burokratiċi għar-riċerkaturi universitarji fl-aċċess ta' fondi faċilment u jistieden lill-Kummissjoni tippovdi għodod biex tiżdied l-interkonnnettività diġitali bejn l-universitajiet fi ħdan u bejn l-Istati Membri; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' networks trażversali għall-IA madwar l-universitajiet, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u s-settur privat Ewropej, kif ukoll ċentri ta' riċerka multidixxiplinarji tal-IA dedikati;
217. Jirrakkomanda li l-universitajiet isaħħu l-finanzjament għal proġetti ta' riċerka applikata li fihom jitqiesu d-dimensjonijiet tal-IA;
218. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb it-trasferimenti tal-għarfien bejn ir-riċerka dwar l-IA u l-pubbliku billi tistabbilixxi networks tan-negozju u punti ta' kuntatt mal-professjonisti legali u konsulenti tan-negozju f'universitajiet, kif ukoll billi tistabbilixxi panels taċ-ċittadini, pjattaformi tax-xjenza u tas-soċjetà, u tinvolvi lill-pubbliku fit-tfassil tal-aġendi tar-riċerka dwar l-IA; jissottolinja l-importanza ta' tranżizzjoni bla xkiel mill-akkademja għall-industrija u l-valur miżjud tal-prossimità bejn dawn it-tnejn għal ekosistemi u ċentri industrijali tal-IA ta' suċċess u dinamiċi;
219. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati t-trasferimenti tal-għarfien fl-UE mir-riċerka u x-xjenza għall-applikazzjonijiet tal-IA fl-industrija u fis-settur pubbliku; jilqa' l-ħolqien ta' sħubija pubblika-privata dedikata dwar l-IA; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi ċentri Ewropej tad-data dwar l-IA, żviluppata b'mod konġunt mal-industrija u mas-soċjetà ċivili; jisħaq fuq l-importanza tas-siti tal-ittejtjar għall-IA; jagħmel referenza speċifika għall-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, l-Impriża

Konġunta Teknoloġġi Diġitali Ewlenin u n-Networks Intelliġenti u l-Impriża Konġunta tas-Sistemi;

220. Jappella għall-istabbiliment ta' fanali tal-IA appoġġjati fl-ambitu tal-qafas ta' Orizzont Ewropa, li jibnu fuq in-networks eżistenti u futuri ta' ċentri ta' eċċellenza reġjonali tal-IA, bil-għan li tinbena alleanza ta' organizzazzjonijiet għar-riċerka Ewropej b'saħħithom li jkollhom pjan direzzjonali komuni biex tiġi appoġġjata l-eċċellenza fir-riċerka bażika u applikata, jiġu allinjati l-isforzi nazzjonali fl-IA, jitrajmu l-innovazzjoni u l-investimenti, jiġi attirat u jinżamm it-talent fl-IA fl-Ewropa, u jinħolqu sinerġiji u ekonomiji ta' skala; jemmen li l-kunċett ta' fanal għandu l-potenzjal li jattira l-aqwa mħuħ minn pajjiżi oħra, kif ukoll li jattira investiment privat sostanzjali lejn l-Ewropa;
221. Iżid jgħid li l-fanali tal-IA, f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra tar-riċerka u mal-industrija, għandhom ikunu ffinanzjati biżżejjed; jenfasizza l-benefiċċji ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji kkontrollati sew għall-ittejtjar tal-prodotti, tas-servizzi u tal-approċċi tal-IA f'ambjent tad-dinja reali kkontrollat qabel ma jitqiegħdu fis-suq;
222. Jirrimarka li d-deżinjazzjoni ta' Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali (EDIH) fl-ambitu tal-programm Ewropa diġitali hija pass ieħor importanti fil-bini ta' ekosistema tal-IA ta' eċċellenza bbażata fuq raggruppamenti bejn l-universitajiet u l-industrija; jikkritika, madankollu, li l-kriterji għad-deżinjazzjoni tal-EDIH għandhom vagi u b'hekk l-EDIHs madwar l-Ewropa għandhom kapaċitajiet u żvilupp differenti, u li l-interazzjoni ma' ċentri diġitali oħra ddeżinjati mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u fl-ambitu tal-qafas Orizzont Ewropa għadha mhijiex ċara; jissuġġerixxi, konsegwentement, li huma meħtieġa aktar koordinazzjoni u sforzi fin-nefqa, kif ukoll l-istabbiliment ta' raggruppament ġenerali li jikkoopera ta' ċentri deċentralizzati tal-IA bbażati fuq qafas madwar l-UE għall-għarfien espert legali, id-data, il-finanzjament u l-inċentivi; jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi networks ta' negozji ġodda madwar l-UE u anke lil hinn minnha, bħal Startup Europe u Startup Europe Mediterranean sabiex jitrajmu l-iskambji tal-ideat, tan-negozju, u tal-opportunitajiet ta' networking;
223. Jipproponi l-espansjoni u l-allinjament tal-inizjattivi eżistenti, bħal-Laboratorju Ewropew għat-Tagħlim u s-Sistemi Intelliġenti u l-Konfederazzjoni tal-Laboratorji għar-Riċerka dwar l-Intelliġenza Artifiċjali fl-Ewropa, u proġetti ewlenin, bħan-Network Uman tal-IA u l-AI4EU, sabiex jiġu promossi għanijiet u proġetti ambizzjużi, kollaborattivi u madwar l-UE kollha ta' riċerka u żvilupp;

*e) Ekosistema ta' fiduċja*

i. IS-SOĊJETÀ U L-IA

224. Jipproponi, minbarra t-taħriġ issuġġerit dwar l-IA, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom joħlqu kampanji ta' sensibilizzazzjoni, inklużi diskussjonijiet pubbliċi fil-livell lokali, bħala mezz addizzjonali biex jintlaħqu, jiġu infurmati u tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' ċittadini biex jifhmu aħjar l-opportunitajiet, ir-riskji u l-impatt soċjetali, legali, u etiku tal-IA biex jikkontribwixxu aktar għall-affidabbiltà u għad-demokratizzazzjoni tal-IA; huwa konvint li dan, b'mod parallel mal-ohlqien ta' qafas legali ċar u sod dwar l-IA ċċentrata fuq il-bniedem u affidabbli, se jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tħassib ta' ċittadini li jista' jkun assoċjat mal-użu mifruż tal-IA fl-Ewropa;

225. Jappella lill-UE tiżgura li l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu tal-IA jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet fundamentali u jirrispettaw il-liġi b'mod li tkun tista' tiġġieled il-mekkaniżmi ta' sorveljanza u ma tfixkilx b'mod mhux xieraq l-elezzjonijiet jew tikkontribwixxi għat-tixrid tad-diżinformazzjoni;
226. Jisħaq li l-gvernijiet u n-negozji għandhom jużaw u jakkwistaw biss sistemi affidabbli tal-IA li huma mfassla, fejn rilevanti, biex jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema u jippromwovu edukazzjoni u litteriżmu diġitali ta' kwalità u li ma jżidux id-differenza bejn il-ġeneri jew id-diskriminazzjoni billi jipprevjenu opportunitajiet indaqs għal kulħadd;
227. Jappoġġja aġġustamenti għal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur bħala mod ieħor biex tinbena l-fiduċja fl-IA, pereżempju billi l-konsumaturi jingħataw id-dritt li jkunu jafu jekk humiex qed jinteraġixxu ma' aġent tal-IA, li jippermettilhom jinsistu fuq rieżami mill-bniedem tad-deċiżjonijiet tal-IA, u billi jingħataw il-mezzi biex jiġġieldu s-sorveljanza kummerċjali jew ipprezzar personalizzat;
228. Jisħaq li l-introduzzjoni ta' ċerti teknoloġiji tal-IA fuq il-post tax-xogħol, bħal dawk li jużaw id-data tal-ħaddiema, għandha ssir b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u mas-sħab soċjali; jirrimarka li l-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu jistgħu jitolbu informazzjoni mill-impjegaturi dwar x'data tingħabar, fejn tinħażen din id-data, kif tiġi pproċessata din id-data u s-salvagwardji li hemm stabbiliti biex jiproteġuha;
229. Jistieden lill-UE tiżgura li s-sistemi tal-IA jirriflettu d-diversità kulturali u l-multilingwiżmu biex jiġu pprevenuti l-preġudizzji u d-diskriminazzjoni; jenfasizza li sabiex jiġi indirizzat il-preġudizzju fl-IA, hemm bżonn li tiġi promossa d-diversità fit-timijiet li jiżviluppaw, jimplimentaw u jivvalutaw ir-riskji ta' applikazzjonijiet speċifiċi tal-IA; jisħaq fuq il-ħtieġa li tintuża data diżaggregata skont il-ġeneru fl-evalwazzjoni tal-algoritmi tal-IA u li l-analiżi tal-ġeneru tkun parti mill-valutazzjonijiet tar-riskju kollha tal-IA;
230. Jissottolinja l-importanza ta' riċerka u monitoraġġ kontinwi dwar l-impatti tal-IA fuq diversi aspetti tas-soċjetà, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE; jissuġġerixxi li jkunu involuti l-Eurostat u aġenziji oħra tal-UE f'dan;
231. Jenfasizza li, abbażi tar-risultati tas-sistema ta' monitoraġġ, jista' jitqies fond Ewropew ta' tranżizzjoni biex jgħin fil-ġestjoni, pereżempju, tat-telf ta' impjiegi f'setturi vulnerabbli jew bejn ir-regġuni;

## ii. Governanza elettronika

232. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw id-Dikjarazzjoni ta' Tallinn dwar il-Gvern elettroniku, li tqiegħed liċ-ċittadini fiċ-ċentru tas-servizz u jistabbilixxu mekkaniżmi biex jipprovdu servizzi pubbliċi diġitali mingħajr fruntieri, interoperabbli, personalizzati, faċli għall-utent, u minn tarf sa tarf ibbażati fuq l-IA liċ-ċittadini kollha fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika; huwa tal-fehma li l-oġettiv għandu jkun li jiġi stabbilit il-forniment ta' servizzi tal-Gvern elettroniku diġitalizzati u bbażati fuq l-IA liċ-ċittadini matul il-ħames snin li ġejjin, filwaqt li xorta jipprovdi interazzjoni umana; ifakkar li l-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-pjanijiet nazzjonali

għall-irkupru u r-reżiljenza se jkollhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward; jistieden lill-korpi pubbliċi jappoġġjaw u jżviluppaw l-IA fis-settur pubbliku; jilqa' r-reviżjoni tar-Regolament eIDAS<sup>41</sup> u r-rwol tiegħu biex isaħħaħ il-provvista ta' servizzi pubbliċi diġitali; jisħaq li ħadd ma għandu jitħalla jibqa' lura u li dejjem għandhom jiġu pprovduti alternattivi offline;

233. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded il-pjan ta' azzjoni dwar il-Gvern elettroniku u toħloq sinerġiji mal-programm Ewropa diġitali biex tappoġġja lill-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-adozzjoni tal-IA f'konformità mal-istrateġija Ewropea għal software b'sors miftuħ;
234. Jenfasizza li l-Gvern elettroniku għandu rwol sinifikanti fl-iżvilupp tal-ekonomija tad-data u l-innovazzjoni diġitali fis-suq uniku diġitali; jinnota li l-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni ta' Prattiki tajbin fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u bejn il-fruntieri huma partijiet essenzjali mill-implimentazzjoni tal-Gvern elettroniku madwar l-UE; jappella għal proċeduri ta' amministrazzjoni pubblika standardizzati u simplifikati għal skambji aktar effiċjenti fl-Istati Membri tal-UE u fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni;
235. Jinnota li huma meħtieġa esperti kapaċi għall-iżvilupp ta' servizzi online ta' kwalità għolja; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdied ir-reklutaġġ tal-gvern u l-politiki ta' taħriġ għal persuni b'ħiliet diġitali li għandhom għarfien tal-IA;
236. Jappella għat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-gateway diġitali unika u għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' pjattaformi interoperabbli li joffru servizzi transfruntiera fl-UE, filwaqt li jiġu ssodisfati l-istandards tas-sigurtà komuni fl-Istati Membri kollha; jisħaq li għandha tiġi kkunsidrata espansjoni possibbli lil hinn mis-sett limitat ta' servizzi attwalment inkluż fir-Regolament (UE) 2018/1724<sup>42</sup> li jistabilixxi gateway diġitali unika;
237. Jisħaq li l-pjattaformi ta' konsultazzjoni pubblika tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri jżidu l-involvement u l-aċċess għall-informazzjoni diġitali; jirrakkomanda li jsir investiment f'titjib għall-kapaċità tal-utilizzabbiltà u l-aċċessibbiltà, bħall-provvista ta' sommarji u informazzjoni f'diversi lingwi, kif ukoll fil-kummerċjalizzazzjoni dedikata u s-sensibilizzazzjoni mmirata għall-pjattaformi ta' interazzjoni diġitali mal-pubbliku;
238. Jirrakkomanda l-intensifikazzjoni tad-djalogi interattivi u personali maċ-ċittadini tal-UE permezz ta' konsultazzjonijiet online maċ-ċittadini, formati ta' djalogu mal-partijiet ikkonċernati jew funzjonijiet diġitali għall-ikkumentar dwar il-leġiżlazzjoni u l-inizjattivi tal-UE;

### iii. E-SAĦĦA

239. Jappella għal disinn iffukat fuq il-bniedem u approċċ ibbażat fuq l-evidenza għall-IA fis-saħħa li jiffoka fuq kura tas-saħħa personalizzata, iffukata fuq il-pazjent, kosteffiċjenti u ta' kwalità għolja, żviluppata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-professjonisti tas-saħħa u mal-pazjenti, filwaqt li jinżammu s-sorveljanza mill-bniedem u t-teħid ta' deċiżjonijiet; iħeġġeġ il-prijoritizzazzjoni tal-finanzjament, l-istabiliment

<sup>41</sup> ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.

<sup>42</sup> ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1.

ta' għanijiet strateġiċi, it-trawwim ta' kooperazzjoni u l-adozzjoni ta' applikazzjonijiet tal-IA fil-kura tas-saħħa bħala settur kritiku fejn l-opportunitajiet offruti mill-IA jistgħu jgħolqu benefiċċji enormi għas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini, sakemm ir-riskji inerenti jiġu ġestiti kif xieraq;

240. Jenfasizza li l-adozzjoni tal-IA fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa għandha tiġi promossa bħala għodda biex tassisti u tnaqqas il-piż tal-professjonisti tas-saħħa, sabiex ikunu jistgħu jiffukaw fuq il-kompiti kliniċi taġġhom, u mhux bħala sostituzzjoni tal-professjonisti tas-saħħa jew bħala attur indipendenti fis-sistemi tas-saħħa; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat livell ta' kwalità, sikurezza u sigurtà komparabbli ma' dak li jinsab fil-proċess ta' approvazzjoni regolatorju għall-mediċini, il-vaċċini u l-apparat mediku; jitlob metodu simili għal prova klinika biex tiġi ttestjata l-adekwatezza u jiġi mmonitorjat il-varar tal-IA f'ambjenti kliniċi; huwa tal-fehma li huwa ta' benefiċċju li jiġi evalwat liema servizzi tal-kura tas-saħħa jistgħu jiġu awtomatizzati b'mod etiku u responsabbli;
241. Iqis li l-aċċess ekwitabbli għall-kura tas-saħħa bħala prinċipju għandu jiġi estiż għal applikazzjonijiet tal-IA relatati mas-saħħa, inklużi sistemi għad-detezzjoni ta' mard, il-ġestjoni ta' kundizzjonijiet kroniċi, il-forniment ta' servizzi tas-saħħa u l-iskoperta ta' mediċini; jenfasizza l-ħtieġa tal-adozzjoni ta' miżuri xierqa biex jiġu indirizzati r-riskji relatati mas-saħħa dwar id-distakk diġitali, il-preġudizzju fl-algoritmi u d-diskriminazzjoni, u l-emarginalizzazzjoni ta' persuni vulnerabbli jew minoranzi kulturali, li għandhom aċċess limitat għall-kura tas-saħħa;
242. Ifakkar fil-pożizzjoni tal-Parlament li l-kumpaniji tal-assigurazzjoni jew kwalunkwe fornitur ta' servizzi ieħor intitolati biex jaċċessaw l-informazzjoni maħżuna fl-applikazzjonijiet tas-saħħa elettronika ma jitħallewx jużaw dik id-data bil-għan li jwettqu diskriminazzjoni fl-istabbiliment tal-prezzijiet;
243. Huwa konvint li l-proġetti u l-inizjattivi attwali tal-UE, bħall-EU4 Health, l-ispazji Ewropej tad-data dwar is-Saħħa u l-Pjattaforma Ewropea dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Mard Rari, huma passi fit-triq it-tajba, peress li jippermettu lill-Istati Membri jiġbru flimkien ir-riżorsi, iżidu l-kooperazzjoni ta' benefiċċju bejn is-sistemi tas-saħħa, u jippermettu l-iskambju sigur u li jippreserva l-privatezza ta' data ta' kwalità għolja għar-riċerka u l-innovazzjoni;
244. Jappella għal ankrar legali u pożizzjonament xierqa ta' qafas "L-IA fis-Saħħa" fil-livell tal-Unjoni; jissottolinja li hemm bosta livelli ta' riskju li jevolvu maż-żmien permezz tal-avvanz tat-teknoloġiji tal-IA;
245. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar gwida dwar l-ipproċessar tad-data dwar is-saħħa skont il-GDPR sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-IA għall-benefiċċju tal-individwi, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta armonizzazzjoni aktar rapida u aħjar tal-istandards li jirregolaw l-ipproċessar, inkluż il-kondiviżjoni, l-anonimizzazzjoni u l-interoperabbiltà, tad-data dwar is-saħħa madwar l-Istati Membri;
246. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-integrazzjoni ta' regoli etiċi f'kull stadju fl-iżvilupp, id-disinn u l-użu tal-applikazzjonijiet tal-IA; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi promossa aktar riċerka dwar il-metodi u l-preġudizzji involuti f'sistema ta' IA mħarrġa

sabiex jiġu evitati konklużjonijiet mhux etiċi u diskriminatorji meta jiġu applikati għad-data dwar is-saħħa tal-bniedem; jirrakkomanda l-ħolqien ta' Kodiċi ta' Kondotta tal-UE għall-ipproċessar tad-data dwar is-saħħa f'konformità sħiħa mal-GDPR;

247. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra inizzjattiva dwar id-drittijiet newroloġiċi bil-għan li l-moħħ tal-bniedem jiġi jitħares mill-interferenza, il-manipulazzjoni u l-kontroll min-newroteknoloġija mħaddma bl-IA; ihegġegħ lill-Kummissjoni tippromwovi aġenda tad-drittijiet newroloġiċi fil-livell tan-NU sabiex id-drittijiet newroloġiċi jiġu inklużi fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod konkret, fir-rigward tad-drittijiet għall-identità, għar-rieda ħielsa, għall-privatezza mentali, għal aċċess ugwali għal avvanzji fit-titjib tal-moħħ, u għall-protezzjoni minn preġudizzji algoritmiċi;
248. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra qafas legali għall-konsultazzjonijiet mediċi online;
249. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' miżuri li jippromwovu aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u li jtejbu l-użu mill-fornituri tal-kura tas-saħħa ta' soluzzjonijiet tal-IA;
250. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fil-kuntest u t-tħaddim ta' spazju Ewropew tad-data dwar is-saħħa sabiex titrawwem il-kondiviżjoni tad-data dwar is-saħħa u jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' rekords elettroniċi tas-saħħa f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli; ihegġegħ titjib fil-kwalità tad-data disponibbli għal kull ċittadin tal-UE billi l-għodod diġitali jkunu jistgħu jaħdmu kif suppost (eż. abbażi ta' algoritmi ta' awtotagħlim jew analiżi tal-big data); jirrakkomanda li d-data maħżuna f'konformità mal-GDPR tkun disponibbli għal aktar riċerka, kif ukoll għall-iżvilupp ta' mediċini u trattamenti individwalizzati ġodda;
251. Jissottolinja li jeħtieġ li jiġu inklużi ħiliet diġitali u tal-IA fl-edukazzjoni tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, kif ukoll għarfien dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u t-trattament ta' data sensitiva, inkluż il-promozzjoni tal-anonimizzazzjoni tad-data;
252. Jappella għal gwida fir-rigward tal-applikabbiltà ta' oqfsa ta' responsabbiltà u skemi ta' approvazzjoni armonizzati għal applikazzjonijiet mediċi bbażati fuq l-IA u mediċini żviluppata jew ittestjati permezz tal-IA u t-tagħlim awtomatiku; jisħaq li l-ħsara li tirriżulta minn allokkazzjoni insuffiċjenti ta' riżorsi jew nuqqas ta' provvista ta' kura permezz ta' sistemi ta' rakkomandazzjoni tal-IA fis-settur tal-kura tas-saħħa għandha tiġi indirizzata fi kwalunkwe riforma regolatorja futura; jenfasizza li huma meħtieġa l-aħjar Prattiki, standards u kriterji xierqa għaċ-ċertifikazzjoni u l-approvazzjoni ta' applikazzjonijiet tal-kura tas-saħħa f'konformità mar-riskji ta' responsabbiltà;
253. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovi u tagħmel użu minn mudelli ta' tbassir ċċentrati fuq il-bniedem għall-pandemiji, b'settijiet ta' data differenti li jingħaqdu f'ħin reali biex jinfurmaw it-teħid ta' deċiżjonijiet;

#### *f) Strateġija industrijali*

##### **i. IPPJANAR U INVESTIMENTI STRATEĠIĊI**

254. Huwa konvint li l-UE għandha tqiegħed l-IA u l-ekonomija tad-data fiċ-ċentru ta'



strateġija industrijali diġitali ambizzjuża, bl-għan li l-kumpaniji u l-impreduturi innovattivi jingħataw is-setgħa li jikkompetu għall-aqwa innovazzjonijiet teknoloġiċi u tal-mudelli ta' negozju fl-Ewropa u fid-dinja u li tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE filwaqt li jiġu stabbiliti standards legali, etiċi, teknoloġiċi u tas-sigurtà sodi għas-sistemi u l-komponenti kollha tal-IA li huma maħsuba biex jintużaw fis-suq uniku tal-UE;

255. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tuża l-analiżi tal-IA tal-big data biex tgħin fit-twertiq ta' testijiet tal-istress biex tivvaluta r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur u d-dipendenzi tal-mapep;
256. Ihegġegħ lill-Kummissjoni twettaq analiżi komprensiva tal-punti tajbin u n-nuqqasijiet biex tiddetermina l-vulnerabbiltajiet tal-UE, tidentifika l-oqsma kritiċi u d-dipendenzi ta' riskju għoli, tistabbilixxi aspettattivi tekniċi u ekonomiċi realistiċi fir-rigward tal-IA u tivvaluta l-effetti fis-setturi kollha tal-industrija Ewropea; jissottolinja li l-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' partijiet ikkonċernati rilevanti għal dan il-għan;
257. Jissuġġerixxi li l-UE għandha, abbażi ta' din l-analiżi, tifformula u tadotta strateġija fit-tul għall-industrija tal-IA b'viżjoni ċara għall-10 snin li jmiss bħala estensjoni tal-Kumpass Diġitali; jispjega li din l-istrateġija għandha tkun ikkomplementata minn sistema ta' monitoraġġ b'indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u aġġornamenti annwali; jisħaq, madankollu, fuq il-ħtieġa li jiġi kkonsolidat u ssimplifikat in-numru kbir ta' inizjattivi individwali mnedija mill-Kummissjoni biex jappoġġjaw l-industrija tal-IA fl-UE, qabel ma jiġu inkorporati fl-istrateġija l-għdida għall-industrija tal-IA;
258. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra kif l-istrateġija industrijali ġenerali tista' tiġi kkomplementata permezz ta' investiment pubbliku mmirat; jirrimarka, madankollu, li programmi ta' investiment eċċessivi mhux diretti għal teknoloġiji kumplessi jistgħu, f'xi każijiet, jippreżentaw ir-riskju li jfixklu l-allokazzjoni effiċjenti tal-kapital u jistgħu jwasslu għal investiment mhux ippjanat; jisħaq, f'dan il-kuntest, li t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-negozji, tal-impreduturi u tar-riċerkaturi biex jiżviluppaw u jikkummerċjalizzaw soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-IA bbażati fuq l-intrapriża privata huwa parti ewlenija mill-istrateġija industrijali tal-UE, inkluż billi jiġu infurzati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jiġi kkompletat is-suq uniku diġitali u l-unjoni tas-swieq kapitali; jissuġġerixxi l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament, speċjalment strumenti ta' finanzjament ta' riskju, b'mod partikolari għall-finanzjament fi stadju bikri; huwa tal-fehma li l-proporzjon tar-riżorsi ddedikati għall-IA permezz ta' InvestEU u l-programm Ewropa diġitali għandu jiġi rieżaminat u, fejn xieraq, jiżdied b'mod sinifikanti;
259. Jisħaq fuq il-ħtieġa tal-implimentazzjoni rapida tal-qafas tal-UE adottat reċentement għall-iskrinjar tal-investiment dirett barrani<sup>43</sup> u r-regolament rivedut reċentement dwar ir-reġim tal-UE għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju<sup>44</sup>; jiddikjara li l-IA, kif ukoll ir-robotika u infrastruttura diġitali oħra, għandhom jitqiesu bħala settur kritiku; jinnota li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-ħruġ ta' teknoloġiji kritiċi għandhom ikunu soġġetti għal infurzar aktar b'saħħtu;

---

<sup>43</sup> ĠU L 79 I, 21.3.2019, p. 1.

<sup>44</sup> ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1.

260. Jisħaq li huwa kruċjali li l-Ewropa tgħammar lilha nnifisha b'infrastruttura diġitali adegwata; jilqa' inizjattivi bħall-Inizjattiva għal Proċessur Ewropew, l-Att dwar iċ-Ċipep li għadu kif ġie propost u l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew;

ii. SMEs u NEGOZJI ĠODDA

261. Jipproponi li jiġi pprovdut appoġġ fil-livell tal-UE u tal-gvern lin-negozji l-ġodda tal-IA permezz ta' aċċess għal kapital privat u impjegati bil-ħiliet, il-ħila li jakkwistaw settijiet ta' data ta' kwalità għolja biex jiġu mħarrġa l-algoritmi u l-ħila li jikbru bejn il-fruntieri tal-Istati Membri; jisħaq ukoll li għodda ta' politika pubblika effettiva ħafna biex tappoġġja ekonomija ta' negozji ġodda hija l-infurzar effettiv tad-dritt tal-kompetizzjoni biex jiġu evitati abbużi tas-saħħa dominanti fis-suq u jiġu miġġielda l-ostakli għad-dħul fis-suq; jissottolinja, f'dan ir-rigward, li l-UE għandha tamplifika l-isforzi tagħha biex toffri lill-SMEs u lin-negozji ġodda mogħdijiet u servizzi għall-iżvilupp; huwa tal-fehma li dan jista' jinkludi l-introduzzjoni ta' sistema ta' buddies li tgħaqqad lin-negozji esperjenzati orjentati lejn l-IA ma' negozji iżgħar li qed ifittxu li jimplimentaw it-teknoloġija; jisħaq li n-nuqqas ta' kapaċità li jkollhom il-flus għal timijiet legali ta' daqs konsiderevoli ħafna drabi toħloq ostaklu għad-dħul f'ambjenti regolatorji kumplessi għan-negozji ġodda u l-imprendituri; jissottolinja l-ħtieġa li l-SMEs ikollhom aċċess għall-appoġġ legali u tekniku speċifiku; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jitrawmu sħubijiet li fihom jistgħu jikkooperaw il-kumpaniji xprunati mill-IA u dawk li jidħlu fis-suq; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu konsulenza aħjar u appoġġ aktar konkret permezz ta' networks, ċentri diġitali, ħarrieġa tal-IA, mentoraġġ tan-negozju, żjarat fis-sit u kliniki legali; jissottolinja l-importanza ta' programmi ta' skambju bejn in-nies, bħal Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ, li għandhom jiġu żviluppanti u mħeġġa aktar;

262. Jissuġġerixxi li jittaffa l-piż amministrattiv għall-SMEs u n-negozji ġodda fl-IA, pereżempju billi jiġu ssimplifikati l-obbligi ta' rappurtar, informazzjoni jew dokumentazzjoni, u billi tiġi pprovduta gwida dwar standards tal-liġi ċivili proċedurali komuni li għandhom jiġu adottati fil-livell nazzjonali; jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-gateway diġitali unika biex jiġi stabbilit portal online uniku tal-UE f'lingwi differenti li jkun fih il-proċeduri u l-formalitajiet kollha meħtieġa biex jopera f'pajjiż ieħor tal-UE; jisħaq li l-punti kollha ta' kuntatt uniku stabbiliti fil-livell nazzjonali għandhom ikunu aċċessibbli faċilment permezz tal-gateway diġitali unika u għandhom jipprovdu informazzjoni u joffru servizzi amministrattivi fl-Istati Membri, inkluż fir-rigward tar-regoli dwar il-VAT u rekwiżiti ta' informazzjoni għall-forniment ta' servizzi, permezz ta' terminoloġija aċċessibbli u b'disponibbiltà sħiħa, b'persunal tal-uffiċċju mħarreġ li jipprovdi appoġġ effettiv u faċli għall-utent;

263. Jinnota li modi potenzjali li bihom l-Istati Membri tal-UE jistgħu jappoġġjaw lill-SMEs u lin-negozji ġodda jinkludu: ħelsien mit-taxxa għal riċerka fid-dettall, aċċess aħjar għal kapaċitajiet tal-kompjuter u settijiet ta' data ta' kwalità għolja u appoġġ għal proSpezzjoni tat-teknoloġija u edukazzjoni, taħriġ u taħriġ mill-ġdid fl-IA għall-impjegati;

264. Jissottolinja li l-SMEs u n-negozji ġodda fl-IA jeħtieġu aċċess aħjar għall-akkwist pubbliku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal mill-ġdid proċeduri ta' applikazzjoni għal

sejħiet għall-offerti pubbliċi u għal finanzjament minn programmi tal-UE biex tagħti lin-negozji ġodda u lill-SMEs opportunità ġusta li jingħataw proġetti ta' akkwist pubbliku u għotjiet ta' rikerka u żvilupp; ifakkar, f'dan ir-rigward, fil-programmi GovTech ta' suċċess li appoġġjaw l-involviment tan-negozji ż-żgħar fl-akkwist pubbliku diġitali; jisħaq li l-iskemi ta' opzjoni fuq l-ishma għan-negozji ġodda tal-IA madwar l-Ewropea għandhom jiġu promossi wkoll;

### iii. XENA INTERNAZZJONALI

265. Jirrimarka li l-UE għandha toħloq u tmexxi b'eżempju alleanza teknoloġika ewlenija internazzjonali b'saħħitha bbażata fuq il-valur, fejn taħdem flimkien ma' sħab tal-istess fehma sabiex tistabbilixxi standards regulatorji komuni, tibbenefika mill-aħjar prattiki fl-oqsma tal-IA, tad-drittijiet tal-privatezza, tal-flussi tad-data u tar-regoli tal-kompetizzjoni, u tirrimedja vulnerabbiltajiet strateġiċi billi tibni fuq l-assi ta' xulxin u tiġbor riżorsi f'oqsma fejn ikun ta' benefiċċju reċiproku li dan isir; jissottolinja li l-UE għandha tappoġġja wkoll b'mod attiv kooperazzjoni internazzjonali msaħħa dwar l-IA etika, affidabbli u ċċentrata fuq il-bniedem f'fora multilaterali u bilaterali rilevanti, pereżempju fi ħdan is-sistema tan-NU, l-OECD, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-Forum Ekonomiku Dinji u l-G20; jilqa', b'mod partikolari, l-istabbiliment tat-TTC bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jelenka l-kooperazzjoni dwar l-istandards tal-IA bħala prijorità ewlenija u jargumenta li, minħabba l-potenzjal strateġiku tiegħu, it-TTC jeħtieġ li jiġi msaħħa b'dimensjoni interparlamentari, li tinvolvi lill-Parlament Ewropew u lill-Kungress tal-Istati Uniti;
266. Jissuġġerixxi li jiġi stabbilit ukoll grupp ta' ħidma tranżatlantiku speċifiku dwar l-IA, li jinkludi rappreżentanti mill-gvernijiet, minn organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni, mis-settur privat u mis-soċjetà ċivili, biex jaħdmu fuq standards komuni u linji gwida etiċi għall-IA; jipproponi l-istabbiliment ta' pjattaforma fit-tul għall-iskambju dwar l-IA u kwistjonijiet diġitali u kummerċjali importanti oħra bbażati fuq it-TTC attwali, flimkien ma' sħab oħra tal-istess fehma;
267. Jissottolinja li l-UE għandha tippromwovi użu tal-IA soċjalment responsabbli u etiku u tikkoopera ma' korpi tal-istandardizzazzjoni internazzjonali biex ikomplu jtejbu l-istandards dwar l-etika, is-sikurezza, l-affidabbiltà, l-interoperabbiltà u s-sigurtà; jilqa' l-inizjattivi ta' standardizzazzjoni reċenti mmedija minn atturi bħall-Kumitat Tekniku Konġunt tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni u l-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali li għandhom l-għan li jarmonizzaw il-kodiċijiet diverġenti tal-IA fuq livell globali; jisħaq, barra minn hekk, li l-Ewropa għandha tippromwovi u tiżviluppa standards, inkluż fl-oqsma tal-manifattura intelliġenti, l-IoT, ir-robotika u l-analitika tad-data; jipproponi li jingħata appoġġ aħjar lill-akkademiċi, lis-soċjetà ċivili u lill-SMEs għall-parteċipazzjoni f'fora ta' standardizzazzjoni;
268. Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummerċ Elettroniku tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ biex tiżviluppa politika inklużiva, ta' standard għoli, kummerċjalment sinifikattivi, ibbażata fuq l-evidenza u mmirata ħalli jiġu indirizzati aħjar l-ostakli għall-kummerċ diġitali; jissottolinja li l-ftehim għandu jirrifletti wkoll il-prinċipji ta' governanza tajba u jipprovdi lill-gvernijiet bil-kapaċità li jiġġieldu l-protezzjoniżmu diġitali filwaqt li jipproteġi u jippromwovi l-fiduċja tal-konsumaturi u joħloq valur reali għall-ekonomija globali;

269. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tkompli tindirizza l-ostakli għall-kummerċ mhux ġustifikati, b'mod partikolari ostakoli mhux tariffarji jew restrizzjonijiet tal-aċċess għas-suq għall-kumpaniji tal-IA Ewropej f'pajjiżi terzi; jisħaq li l-politika ta' kummerċ, tal-*viċinat* u tal-iżvilupp għandha tintuża wkoll b'mod attiv biex issawwar id-dibattitu internazzjonali dwar l-IA u tippromwovi l-prinċipji etiċi Ewropej dwar l-IA;

#### *g) Sigurtà*

##### i. L-IA U L-INFURZAR TAL-LIĠI

270. Jisħaq fuq l-importanza tal-kapaċità tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi li jidentifikaw u jiġġieldu l-attività kriminali, megħjuna mit-teknoloġija tal-IA;

271. Jisħaq fuq il-potenzjal tal-użu *ħażin* tal-IA fl-infurzar tal-liġi biex tiġi kkawżata *ħsara*, inkluż diskriminazzjoni awtomatizzata u trattament mhux legali taċ-ċittadini, filwaqt li jiġu pprovduti ftit mezzi ta' rikors; ihegġegħ lill-Istati Membri jimplementaw rekwiżiti sinifikattivi ta' sorveljanza mill-bniedem u jiggarrantixxu mezzi ta' rikors għal dawk soġġetti għal deċiżjonijiet imwettqa mill-IA;

272. Jissuġġerixxi li l-UE għandha tipparteċipa fl-approċċi ta' liġi mhux vinkolanti stabbiliti mill-Istitut Interreġjonali ta' Riċerka tan-NU dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja, li żviluppa settijiet ta' għodod operattivi tal-IA u beda *sħubija* mal-Interpol, li sservi bħala forum uniku għad-djalogu u l-kooperazzjoni dwar l-IA bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-industrija, l-akkademja u s-soċjetà ċivili, f'konformità *sħiħa* mal-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza;

273. Jinnota r-rwol tal-Europol fl-iżvilupp, fit-taħriġ u fil-validazzjoni tal-għodod tal-IA għall-*ġlieda* kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità fi *sħubija* mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u b'rispett *sħiħ* għall-valuri fundamentali tal-UE, b'mod partikolari n-nondiskriminazzjoni u l-preżunzjoni tal-innoċenza;

274. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-riżorsi finanzjarji u umani taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna; jilqa' l-isforzi tal-Eurojust, l-Aġenzija tal-EU għad-Drittijiet Fundamentali u l-Europol biex jiżviluppaw sett ta' għodod ta' prinċipji ta' obbligu ta' rendikont universali għall-użu tal-IA minn prattikanti tal-ġustizzja u s-sigurtà interna (il-qafas AP4AI); jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju dedikat għal din l-inizjattiva biex tippromwovi l-istandards u l-valuri tal-obbligu ta' rendikont tal-UE fil-qasam tal-IA;

##### ii. ĊIBERSIGURTÀ

275. Jitlob lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà lil-livell Ewropew sabiex l-UE u l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġbru flimkien aħjar ir-riżorsi, jikkoordinaw b'mod aktar effiċjenti u jissimplifikaw il-politiki nazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà, ikomplu jżidu l-kapaċitajiet tal-bini taċ-ċibersigurtà u s-sensibilizzazzjoni, u jipprovdu malajr għarfien u assistenza teknika dwar iċ-ċibersigurtà lill-SMEs, kif ukoll lil setturi oħra aktar tradizzjonali;

276. Ihegġegħ lill-UE tieħu pożizzjoni ta' tmexxija fl-iżvilupp ta' kriptografija b'saħħitha u

standards oħra tas-sigurtà li jippermettu l-fiduċja u l-interoperabbiltà fis-sistemi tal-IA; jenfasizza li, biex tinħoloq konverġenza internazzjonali fil-qasam tas-sorveljanza tar-riskju tal-ICT, l-istandards internazzjonali eżistenti għandhom jinbnew u jitqiesu kemm jista' jkun;

277. Jipproponi l-introduzzjoni ta' rekwiżiti orizzontali taç-çibersigurtà bbażati fuq leġiżlazzjoni eżistenti u, fejn xieraq, fuq atti leġiżlattivi orizzontali ġodda sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni u jiġi żgurat approçċ konsistenti taç-çibersigurtà fil-gruppi kollha tal-prodotti; jinnota li l-prodotti tal-IA fis-suq uniku diġitali li għandhom il-markatura CE fil-futur jistgħu jirrappreżentaw kemm livell għoli ta' sikurezza fiżika kif ukoll livell ta' reżiljenza çibernetika adegwat għar-riskju u juru konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE;
278. Jipproponi li l-Istati Membri jinçentivaw ir-rekwiżiti taç-çibersigurtà għas-sistemi tal-IA permezz ta' politiki tal-akkwist pubbliku, inkluż billi jagħmlu çerti prinçipji etiċi, tas-sigurtà u tas-sikurezza obbligatorji għall-akkwist ta' applikazzjonijiet tal-IA, b'mod partikolari f'setturi kritiçi;
279. Jitlob li l-Aġenzija tal-UE għaç-Çibersigurtà (ENISA) twettaq valutazzjonijiet settorjali tar-riskju għas-sigurtà, billi tibda minn setturi, kemm pubbliçi kif ukoll privati, involuti fl-użi tal-IA l-aktar ta' riskju għoli u sensitivi, u bl-ogħla potenzjal għal impatti negattivi dwar is-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza, is-sigurtà u d-drittijiet fundamentali; jisħaq li l-ENISA, flimkien maç-Çentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taç-Çibersigurtà u n-Network ta' Çentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, għandhom jivvalutaw l-inçidenti taç-çibersigurtà bl-oġettiv li jidentifikaw lakuni u vulnerabbiltajiet ġodda u jagħtu pariri lill-istituzzjonijiet tal-UE f'ħin f'waqtu dwar azzjonijiet korrettivi adegwati;
280. Ihegġegħ lill-kumpaniji li jużaw, jiżviluppaw jew jimplementaw sistemi mħaddma bl-IA attivi fis-suq uniku diġitali biex jiżviluppaw strateġija taç-çibersigurtà çara u evalwata b'mod indipendenti, abbażi tas-sitwazzjoni tar-riskju individwali tagħha; ihegġegħ l-inklużjoni tas-sistemi tal-IA fl-immudellar tat-theddid u l-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, l-ENISA u l-awtoritajiet nazzjonali jappoġġjaw dan il-proçess;
281. Jiddikjara li r-rekwiżiti taç-çibersigurtà għall-prodotti tal-IA għandhom ikopru ç-çiklu tal-ħajja kollu tagħhom; jenfasizza li jrid ikun çar ukoll li kull kumpanija fil-katina tal-provvista trid taqdi r-rwol tagħha biex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' prodotti tal-IA reżiljenti; jirrimarka li r-rekwiżiti l-ġodda għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju assoçjat fil-grupp ta' prodotti speçiċiku u l-grad ta' influwenza fuq il-livell ta' riskju sabiex jiġu evitati piżijiet sproporzjonati għall-SMEs u n-negozji ġodda;
282. Jipproponi li l-inizjattivi eżistenti f'çerti Stati Membri, bħall-Katalgu Ġermaniż tal-Kriterji ta' Konformità tas-Servizzi ta' Cloud tal-IA jew il-programm Malti ta' çertifikazzjoni tal-IA, jitqiesu għall-iżvilupp ta' skema ta' çertifikazzjoni fl-UE kollha għall-IA affidabbli;

### iii. DIFIŻA ÇIBERNETIKA

283. Ihegġegħ lill-Istati Membri jsegwu politika attiva ta' diplomazija çibernetika Ewropea

billi jiddenunzjaw u jattribwixxu attacchi ċibernetiċi appoġġjati minn barra, inkluż dawk bl-IA, filwaqt li jingranaw is-sett ta' għodod sħiħ tad-diplomazija tal-UE; jirrakkomanda li s-sett ta' għodod ċibernetiċi tal-UE jinkludi t-terminazzjoni tal-għajnuna finanzjarja u sanzjonijiet kontra dawk il-pajjiżi jew instituri li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi jew attacchi ibridi inklużi kampanji ta' diżinformazzjoni, jew li jisponsorjaw reati ċibernetiċi; jirrikonoxxi li, sa ċertu punt, id-difiża ċibernetika mħaddma mill-IA tkun aktar effettiva jekk ikun fiha wkoll xi meżżi u miżuri offensivi, dment li l-użu tagħhom ikun konformi mad-dritt internazzjonali;

284. Jissuġġerixxi, barra minn hekk, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, inkluż bl-użu ta' sistemi bbażati fuq l-IA biex tiġi appoġġjata reazzjoni kkoordinata u rapida għall-attakki ċibernetiċi; jirrakkomanda l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-difiża ċibernetika f'kull Stat Membru u l-valutazzjoni tal-allokazzjoni tar-riżorsi rilevanti fl-UE;
285. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi analizzat l-impatt tal-IA fuq is-sigurtà Ewropea u li jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda tas-sigurtà fil-livell tal-UE, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, mas-settur privat, mar-riċerkaturi, max-xjenzjati u mas-soċjetà ċivili;
286. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jippremjaw l-vulnerabbiltà u l-iskoperta u jappoġġjaw awditi ta' prodotti, sistemi u proċessi bbażati fuq l-IA;

#### iv. UŻU MILITARI TAL-IA

287. Jinnota li kwalunkwe użu tal-IA militari jrid ikun soġġett għal mekkaniżmi stretti ta' kontroll u sorveljanza mill-bniedem, prinċipji etiċi u jkollu rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u d-dritt umanitarju; jinnota, barra minn hekk, li l-UE għandha taħdem mas-sħab tagħha tal-istess fehma dwar qafas internazzjonali għal riċerka, żvilupp u użu siguri ta' armi assistiti mill-IA li jsaħħa id-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż fil-kuntest tal-liġi tal-kunflitt armat; ifakkar fin-normi u l-prinċipji internazzjonali, bħall-proporzjonalità stabbilita, li jridu jiġu rrispettati meta jiġu żviluppati u jintużaw teknoloġiji militari ġodda;
288. Jinnota li t-teknoloġiji bbażati fuq l-IA huma komponenti tat-tagħmir u l-istrateġija militari li qed isir aktar importanti; jisħaq li tali użi militari u tas-sigurtà nazzjonali esklużivi għandhom jiġu ttrattati strettament b'mod distint mill-każijiet ta' użu ċivili; ifakkar fil-kwistjonijiet relatati ma' teknoloġiji emerġenti fil-qasam militari li huma ttrattati fil-Grupp ta' Esperti Governattivi dwar it-teknoloġiji emerġenti fil-qasam ta' sistema ta' armi awtonomi letali, inklużi kwistjonijiet relatati mal-IA, u li fih huma rappreżentati l-Istati Membri tal-UE;
289. Jilqa' l-Boxxla Strateġika futura tal-UE li se tipprovdi qafas u ċertu livell ta' ambizzjoni fl-indirizzar ta' aspetti tas-sigurtà u tad-difiża tal-IA; ifakkar fil-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti fl-ambitu tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni u l-Fond Ewropew għad-Difiża li se jippermettu lill-Istati Membri u lill-Unjoni jsaħħu l-investimenti, il-kapaċitajiet u l-interoperabbiltà fil-qasam tat-teknoloġiji l-ġodda, inkluża l-IA;
290. Jiddikjara li l-UE għandha tikkunsidra l-IA bħala komponent kruċjali tas-sovranità

teknoloġika Ewropea;

291. Jikkonkludi li l-Istati Membri għandhom ikomplu jħarrġu l-persunal militari tagħhom biex jiżguraw li jkollhom il-ħiliet diġitali meħtieġa biex jużaw l-IA f'sistemi ta' kontroll, operazzjonali u ta' komunikazzjoni; jilqa' l-approċċ tal-Fond Ewropew għad-Difiża lejn sistemi ta' armi awtonomi letali u l-Artikolu 10(6) tiegħu; jenfasizza l-importanza tal-Fond Ewropew għad-Difiża biex jappoġġja l-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-pajjiżi tal-UE fir-riċerka militari tal-IA, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' difiża tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura meħtieġa, jiġifieri ċentri tad-data b'kapaċitajiet ċibernetiċi b'saħħithom;
292. Jistieden lill-Kunsill jadotta pożizzjoni konġunta dwar sistemi ta' armi awtonomi li tiżgura kontroll mill-bniedem sinifikattiv fuq il-funzjoni kritika tagħhom; jinsisti fuq it-tnedija ta' negozjati internazzjonali dwar strument legalment vinkolanti li jipprojbixxi s-sistemi ta' armi kompletament awtonomi; jiddikjara li l-ftehim internazzjonali għandu jiddetermina li l-armi letali kollha tal-IA jridu jkunu soġġetti għal sorveljanza u kontroll sinifikattivi mill-bniedem, li jfisser li l-bniedem jibqa' involut, u b'hekk fl-aħħar mill-aħħar ikun responsabbli għad-deċiżjoni biex tintgħażel u tittieħed azzjoni letali mmirata;
293. Jappella għal kooperazzjoni aktar mill-qrib man-NATO fil-qasam tad-difiża ċibernetika u jistieden lill-alleati tan-NATO jappoġġjaw l-isforzi multilaterali biex jiġi rregolat l-użu militari tal-IA;

##### **5. *Konklużjoni: sejħa urġenti għal azzjoni!***

294. Jemmen li t-trasformazzjoni diġitali li għaddejja, li fiha l-IA għandha r-rwol ewlieni, waslet għal kompetizzjoni globali għat-tmexxija teknoloġika; jisħaq li s'issa l-UE waqgħet lura bil-konsegwenza li l-istandards teknoloġiċi futuri huma f'riskju li jiġu żviluppati mingħajr biżżejjed kontribut tal-UE, ħafna drabi minn atturi mhux ekonomiċi, li jippreżenta sfida għall-istabbiltà politika u l-kompetittività ekonomika; jikkonkludi li l-UE jeħtieġ li taġixxi bħala entità li tistabbilixxi l-istandards globali dwar l-IA;
295. Jenfasizza li l-IA, filwaqt li ħafna drabi tiġi ppreżentata bħala theddida imprevedibbli, tista' tkun għodda diġitali b'saħħitha u bidla fundamentali f'bosta aspetti importanti, inkluż billi toffri prodotti u servizzi innovattivi, iżżid l-għażla tal-konsumatur u tagħmel il-proċessi ta' produzzjoni aktar effiċjenti; jinnota li hemm benefiċċji u opportunitajiet ċari mill-adozzjoni tat-teknoloġiji tal-IA għas-soċjetà kollha, inkluż fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, is-sostenibbiltà, is-sigurtà u l-kompetittività; jirrimarka li, fl-istess ħin, it-teknoloġiji tal-IA jippreżentaw ir-riskju li jnaqqsu l-aġenzija umana u li jissostitwixxu l-awtonomija tal-bniedem; jisħaq li kemm dawn il-benefiċċji kif ukoll ir-riskji għandhom jiġġwidaw u jinfurmaw ir-regolamentazzjoni u l-komunikazzjoni pubblika dwar l-IA;
296. Jenfasizza li l-UE għandha l-potenzjal li ssawwar id-dibattitu internazzjonali dwar l-IA u tiżviluppa regoli u standards komuni ewlenin fuq livell globali, filwaqt li tippromwovi approċċ għall-IA li jiffoka fuq il-bniedem, affidabbli u sostenibbli, kompletament f'konformità mad-drittijiet fundamentali; jenfasizza, madankollu, li l-opportunità għall-konsolidazzjoni ta' tali approċċ Ewropew distintiv għall-IA fix-xena internazzjonali jirrikjedi azzjoni rapida, li hija r-raġuni għaliex l-UE jeħtieġ li taqbel malajr dwar

strateġija tal-IA konġunta u qafas regolatorju; jisħaq li t-tiswir ta' normi u standards internazzjonali tat-teknoloġija jirrikjedi koordinazzjoni u kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' sħab demokratiċi tal-istess fehma;

297. Jisħaq li bħalissa, l-UE għadha 'l bogħod milli tissodisfa l-aspirazzjoni tagħha li ssir kompetittiva fl-IA fuq skala globali; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li jiġu pprovduti regoli u standards armonizzati, ċertezza tad-dritt u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni biex jitrawmu l-implimentazzjoni u l-innovazzjoni tal-IA, inkluż billi jitneħħew ostakli amministrattivi mhux meħtieġa għan-negozji ġodda, għall-SMEs u għas-soċjetà ċivili; jirrikonoxxi li bidla radikali ta' din l-iskala tħalli impatt fuq diversi partijiet tas-soċjetà b'mod differenti u jenfasizza li t-tranżizzjoni diġitali trid tkun f'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Parlament, inklużi l-kumitati rilevanti tiegħu, isegwu r-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-IA;
298. Jappella għal ambjent regolatorju għall-IA li jipprovdi governanza effettiva u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess kompetittiv għas-swieq diġitali għall-atturi ta' kull daqs biex jipromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku għall-benefiċċju ta' kulħadd; jissottolinja li ekonomija tad-data kompetittiva, aċċessibbli u ġusta, ibbażata fuq standards komuni, hija prerekwiżit għall-iżvilupp u t-taħriġ adegwati tal-IA; jindika, f'dan il-kuntest, ir-riskju ta' konċentrazzjoni tas-suq fl-ekonomija tad-data li testendi fl-ekonomija għall-applikazzjonijiet tal-IA;
299. Jikkonkludi li l-avvanzi fl-ambizzjonijiet tal-UE f'oqsma bħall-IA jirrikjedu grad ħafna aktar qawwi ta' integrazzjoni u armonizzazzjoni fis-suq uniku diġitali biex jiġi promoss l-iskambju transfruntier u li jiġi ggarantit li l-istess regoli u standards japplikaw madwar l-UE; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġ li jiġġieldu l-abbużi tas-saħħa tas-suq sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;
300. Jikkonkludi li jridu jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni diġitali tippromwovi u ma xxekklix it-tranżizzjoni ekoloġika; jikkonkludi li s-sistemi tal-IA jirrikjedu infrastruttura u kapaċitajiet tal-konnettività robusti; jisħaq li l-infrastruttura diġitali f'konformità mal-Patt Ekoloġiku se timmira lejn is-setturi u l-ktajjen tal-valur kollha u għandha ssegwi l-prinċipji ta' ekonomija ċirkolari; jisħaq li l-IA, madankollu, mhux se tkun funzjonali mingħajr l-użu adegwat tal-infrastruttura diġitali, inklużi l-broadband, il-fibra, in-nodi edge u l-5G; jisħaq fuq l-importanza tal-mitigazzjoni taż-żieda fil-konsum tal-enerġija u fl-użu tar-riżorsi biex tinkiseb infrastruttura diġitali newtrali għall-klima sal-2030;
301. Jenfasizza li progress teknoloġiku rapidu introdott mill-IA se jaffettwa wkoll l-għajxien ta' dawk kollha li ma għandhomx il-ħiliet biex jadattaw malajr għal dawn it-teknoloġiji l-ġodda; jirrimarka li t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid jistgħu jgħinu biex jiġi indirizzat ħafna mit-tħassib soċjoekonomiku li jirriżulta, iżda jisħaq li dawn l-impatti għandhom jiġu indirizzati wkoll fil-kuntest tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, tal-infrastruttura urbana u rurali u tal-proċessi demokratiċi; jikkonkludi li sabiex tiġi promossa l-adozzjoni tal-innovazzjoni fl-IA, tiżdied l-aċċettazzjoni tal-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-IA u jiġi evitat milli xi ħadd jitħalla jibqa' lura, huwa meħtieġ li n-nies jingħataw il-mezzi biex jiksibu ħiliet diġitali; jisħaq li sabiex jiżdiedu l-litteriżmu u r-reżiljenza diġitali, l-edukazzjoni bbażata fuq l-ICT u STEM jeħtieġ li tibda fi stadju



bikri u tibqa' aċċessibbli tul l-istadji kollha tal-ħajja; huwa tal-fehma li l-inizjattivi biex jiġu stabbiliti ekosistemi ta' eċċellenza tal-IA, jiġi attirat it-talent fl-IA lejn l-UE u jiġi miġġieled l-eżodu ta' mħuħ huma ta' importanza vitali;

302. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-isfidi għad-drittijiet fundamentali xprunati mill-IA, u b'hekk l-IA tkun tista' ssir effettivament strument li jservi lin-nies u lis-soċjetà u jsegwi l-ġid komuni l-interess ġenerali; Jikkonkludi li sabiex tinbena l-fiduċja fl-IA fost iċ-ċittadini, id-drittijiet fundamentali tagħhom jeħtieġ li jiġu protetti fl-aspetti kollha tal-ħajja, inkluż fil-kuntest tal-użu tal-IA fl-isfera pubblika u fuq il-post tax-xogħol; jenfazizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiġu riflessi d-drittijiet, l-oġettivi u l-interessi tan-nisa u tal-komunitajiet minoritarji fit-tranżizzjoni diġitali; jisħaq li s-servizzi pubbliċi u l-istrutturi amministrattivi tagħhom jeħtieġ li jmexxu bl-eżempju; jisħaq li l-UE jeħtieġ li taċċellera l-adozzjoni ta' sistemi bbażati fuq l-IA u l-Governanza elettronika sabiex tiffaċilita l-użu sigur tal-IA fl-amministrazzjonijiet pubbliċi; jisħaq barra minn hekk li l-IA tista' tiftaħ soluzzjonijiet ġodda fis-settur tal-kura tas-saħħa, jekk ir-riskji jkun ġestiti kif xieraq u jkun hemm aċċess ekwu għall-kura tas-saħħa bħala prinċipju li jestendi bis-sħiħ għall-applikazzjonijiet tal-IA relatati mas-saħħa;
303. Jikkonkludi li l-istrateġija tal-UE dwar l-IA ma għandhiex tinjora kunsiderazzjonijiet militari u ta' sigurtà u tħassib li jirriżulta mill-użu globali tat-teknoloġiji tal-IA; jisħaq li l-kooperazzjoni internazzjonali ma' sħab tal-istess fehma jeħtieġ li tiżdied sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali u fl-istess ħin ikun hemm kooperazzjoni biex jiġi mminimizzat it-theddid teknoloġiku ġdid;
- o
  - o o
304. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-Intelliġenza Artifiċjali (IA) tiddetermina t-trasformazzjoni diġitali attwali bħala t-teknoloġija ewlenija. Bħala terminu li jinkludi firxa wiesgħa ta' teknoloġiji li huma ggwidati minn sett partikolari ta' objettivi definiti mill-bniedem u li għandhom xi grad ta' awtonomija fl-azzjonijiet tagħhom, l-IA tipproċessa u twieġeb għad-data li tirċievi, li jwassal għal tagħlim, raġunament, ippjanar, teħid ta' deċiżjonijiet u kreattività. Għalhekk, l-IA tkopri teknoloġiji li diġà huma f'użu mifruq, teknoloġiji li bħalissa qed jiġu żviluppanti kif ukoll invenzjonijiet spekulattivi li jistgħu jeżistu fil-futur. Fit-trasformazzjoni diġitali attwali, l-impatt tal-IA ma jistax jiġi sottovalutat. Din se tkompli tittrasforma u ttejjeb il-mod kif naħdmu, nimxu u nikkomunikaw. Se tkompli tittrasforma u ttejjeb is-soċjetà tagħna, l-amministrazzjoni tagħna, l-industrija tagħna, l-ekonomija tagħna, il-kura tas-saħħa tagħna u s-sistema tas-sigurtà tagħna. Għalhekk, l-IA għandha impatt fuq kull settur u kull parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum.

Il-Kumitat għall-Intelliġenza Artifiċjali f'Era Diġitali (AIDA) ġie stabbilit biex jippreżenta Pjan Direzzjonali tal-UE għall-IA li jinkludi l-passi li l-Unjoni Ewropea teħtieġ li tieħu sabiex twieġeb għal dawn l-isfidi ekonomiċi u tas-soċjetà fis-snin li ġejjin. Fil-kompetizzjoni globali, l-UE diġà waqgħet lura. Partijiet sinifikanti tal-innovazzjoni fl-IA u saħansitra aktar il-kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġiji tal-IA jseħħu barra mill-Ewropa. Lanqas ma nieħdu t-tmexxija fl-iżvilupp, fir-riċerka jew fl-investment fl-IA. Jekk ma nistabbilixxux standards ċari għall-approċċ għall-IA ffukat fuq il-bniedem li huwa bbażat fuq l-istandards etiċi ewlenin u l-valuri demokratiċi Ewropej tagħna, dawn se jiġu ddeterminati xi mkien ieħor. Il-konsegwenzi li nibqgħu lura mhux biss jheddu l-prosperità ekonomika tagħna iżda jwasslu wkoll għal applikazzjoni tal-IA li thedded is-sigurtà tagħna, inklużi s-sorveljanza, id-diżinformazzjoni u l-punteġġ għaċ-ċittadini. Fil-fatt, li tkun setgħa globali tffisser li tkun mexxejja fl-IA.

Għalhekk, l-għan tal-kumitat tal-AIDA u ta' dan ir-rapport huwa sejħa urġenti għal azzjoni. Dan jipprovdi approċċ olistiku għal pożizzjoni komuni u fit-tul li tenfasizza l-valuri u l-objettivi ewlenin tal-UE relatati mal-IA fl-era diġitali li tiżgura li t-tranżizzjoni diġitali tkun iċċentrata fuq il-bniedem u konsistenti mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

F'konformità mal-mandat tiegħu, ir-rapport l-ewwel jiddefinixxi l-approċċ Ewropew għall-IA u jtenni l-importanza tiegħu fit-trasformazzjoni diġitali. Minflok ma jiffoka fuq it-theddid, approċċ iffukat fuq il-bniedem għall-IA bbażat fuq il-valuri tagħna juża l-IA għall-benefiċċji tagħha u jagħtina l-vantaġġ kompetittiv li nistabbilixxu r-regolament dwar l-IA fix-xena globali. Minflok sistema imprevedibbli u kompletament awtonoma, bir-regoli, is-salvagwardji u r-regolamenti t-tajbin, l-IA hija biss għodda għall-ipproċessar tad-data li tista' tirrevoluzzjona s-sistemi għall-ġid tas-soċjetà.

Ir-rapport għalhekk ikompli billi janalizza l-impatt futur tal-IA fl-era diġitali, filwaqt li jibbilanċja l-benefiċċji tagħha fir-rigward ta' ċerti riskji fuq l-ekonomija tal-UE, b'mod partikolari fuq is-saħħa, l-infrastruttura, is-sostenibbiltà, it-trasport, l-agrikoltura, l-enerġija, id-difiża, l-industrija, id-demokrazija, il-gvern elettroniku, l-impjiegi, il-ħiliet u l-edukazzjoni. Barra minn hekk, abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport juri l-post attwali tal-UE fil-kompetizzjoni diġitali globali, li jiżvela diversi nuqqasijiet. Dan juri li l-UE bħalissa ma tissodisfa l-ebda waħda mill-prekundizzjonijiet li jippermettu lill-innovazzjoni tidentifika bis-sħiħ il-potenzjal tal-IA u ta' teknoloġiji emerġenti oħra. Nuqqas ta' aċċess għal data ta' kwalità għolja u l-

kondiviżjoni tagħha, nuqqas ta' regoli u standards armonizzati, piż regolatorju għoli u nuqqas ta' finanzjament, riċerka, ħiliet u infrastruttura għall-IA jwasslu għall-kompetittività staġnata tal-UE.

Sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet u bil-għan li l-UE ssir mexxejja globali fl-IA, ir-rapport jippreżenta l-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-IA tiegħu b'rakkomandazzjonijiet ta' politika ċari għas-snin li ġejjin. B'approċċ olistiku u mibni fuq il-punti ewlenin mill-kapitoli preċedenti, il-Pjan Direzzjonali jissottolinja diversi għanijiet orizzontali b'rakkomandazzjonijiet ċari għall-Kummissjoni Ewropea, għall-Istati Membri tal-UE u għall-Parlament Ewropew.

L-ewwel nett, hemm ħtieġa ċara ta' ambjent regolatorju favorevoli stabbilit minn tfassil dinamiku tal-liġi u minn governanza moderna. L-oqfsa regolatorji attwali, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, huma frammentati wisq, wisq ponderużi u ma jipprovdux ċertezza tad-dritt. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-proċessi leġiżlattivi u ta' governanza fir-rigward tal-politika diġitali jiġu aċċellerati u ssimplifikati. L-applikazzjonijiet tal-IA ta' riskju għoli biss jeħtieġ li jiġu rregolati b'mod strett sabiex tinkiseb flessibilità għall-innovazzjoni u jiġi evitat piż regolatorju. Barra minn hekk, l-IA hija kompletament dipendenti minn data ta' kwalità għolja. L-oqfsa attwali ma jipprevedux aċċess f'waqtu u kondiviżjoni suffiċjenti tad-data, u dan jeħtieġ li jiġi rivedut u estiż.

L-ambizzjonijiet tagħna dwar l-IA jistgħu jinkisbu biss permezz ta' suq uniku diġitali kompletament integrat u kompletament armonizzat li jiffaċilita l-iskambju transfruntier u l-innovazzjoni. L-IA tirrikjedi infrastruttura robusta u tnedija tal-konnettività b'aċċess għal kull ċittadin. L-infrastruttura diġitali trid tkun ibbażata fuq prinċipji sostenibbli f'konformità mal-Patt Ekoloġiku, immirati lejn is-setturi kollha, inklużi l-agrikoltura, l-elettriku, l-akkomodazzjoni, it-trasport, in-negozji, il-ktajjen tal-valur u l-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, l-IA mhux se tkun funzjonali mingħajr l-użu qawwi tal-broadband, tal-fibra, tan-nodi edge u tal-5G, kif ukoll se tagħmel it-teknoloġiji emerġenti ewlenin bħall-computing kwantistiku prijorità.

Barra minn hekk, huwa kruċjali li tinkiseb ekosistema ta' eċċellenza fl-IA fejn kull ċittadin tal-UE jiġi pprovdut bil-mezzi biex jikseb ħiliet diġitali u fl-IA fl-istadji kollha tal-edukazzjoni u l-impjegi. B'dak il-mod, nistgħu nistabbilixxu wkoll ċentri ta' eċċellenza tal-IA kif ukoll inżidu u nżommu t-talent tal-IA biex niġġieldu l-eżodu ta' mħuħ u nibqgħu kompetittivi fuq skala globali. Sabiex tinbena l-fiduċja fl-IA fost iċ-ċittadini, is-servizzi pubbliċi u l-istrutturi amministrattivi tagħhom jeħtieġ li jmexxu bl-eżempju billi jadottaw l-IA fil-governanza elettronika u fl-e-saħħa.

Fl-aħħar nett, l-istrateġija tal-UE dwar l-IA ma għandhiex tinjora aspetti militari u ta' sigurtà li jirriżultaw mill-użu tagħha. L-UE jeħtieġ li tikkoopera fuq livell internazzjonali ma' sħab tal-istess fehma biex tkun tista' tippromwovi l-viżjoni tagħha tal-IA ċċentrata fuq il-bniedem u tiżgura l-prinċipji etiċi tal-UE fil-kompetizzjoni globali.

## Kumitat tal-AIDA - rapport - struttura

### 1. Introduzzjoni

### 2. Opportunitajiet, riskji u ostakli potenzjali fl-użu tal-IA: sitt studji tal-każ eżaminati mill-Kumitat tal-AIDA

- a. L-IA u s-saħħa
- b. L-IA u l-Patt Ekoloġiku
- c. Il-politika esterna u d-dimensjoni tas-sigurtà tal-IA
- d. L-IA u l-kompetittività
- e. L-IA u s-suq tax-xogħol
- f. L-IA u l-futur tad-demokrazija
- g. Sejbiet rikorrenti fis-sitt studji tal-każ kollha

### 3. Il-post tal-UE fil-kompetizzjoni globali tal-IA

- a. Approċċ regolatorju
- b. Is-sitwazzjoni tas-suq
- c. Investimenti
- d. Konklużjoni

### 4. "Ewropa lesta għall-era diġitali" – Pjan direzzjonali biex issir mexxejja globali

- a. Qafas regolatorju favorevoli
- b. Ikkompletar tas-suq uniku diġitali
- c. Infrastruttura ekoloġika diġitali
- d. Ekosistema ta' eċċellenza
- e. Ekosistema ta' fiduċja
- f. Strateġija industrijali
- g. Sigurtà

### 5. Konklużjoni: sejħa urġenti għal azzjoni!

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.3.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 25 -: 2 0: 6
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Christine Anderson, Andrus Ansip, Anna-Michelle Asimakopoulou, Jordan Bardella, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Geert Bourgeois, Maria da Graça Carvalho, Pilar del Castillo Vera, Geoffroy Didier, Ibán García Del Blanco, Alexandra Geese, Svenja Hahn, Miapetra Kumpula-Natri, Eva Maydell, Sven Mikser, Dan Nica, Miroslav Radačovský, Karlo Ressler, Christel Schaldemose, Ernő Schaller-Baross, Stéphane Séjourné, Radosław Sikorski, Susana Solís Pérez, Riho Terras, Dragoş Tudorache, Kim Van Sparrentak, Axel Voss, Kosma Złotowski
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pernando Barrena Arza, Damian Boeselager, Sandra Pereira

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

25	+
NI	Miroslav Radačovský, Ernő Schaller-Baross
PPE	Geoffroy Didier, Eva Maydell, Riho Terras, Maria da Graça Carvalho, Pilar del Castillo Vera, Anna-Michelle Asimakopoulou, Karlo Ressler, Axel Voss, Radosław Sikorski
Renew	Svenja Hahn, Stéphane Séjourné, Andrus Ansip, Dragoș Tudorache, Susana Solís Pérez
S&D	Miapetra Kumpula-Natri, Dan Nica, Brando Benifei, Ibán García Del Blanco, Christel Schaldemose, Sven Mikser
Verts/ALE	Kim Van Sparrentak, Alexandra Geese, Damian Boeselager

2	-
The Left	Sandra Pereira, Fernando Barrena Arza

6	0
ECR	Kosma Zlotowski, Geert Bourgeois, Adam Bielan
ID	Jordan Bardella, Alessandra Basso, Christine Anderson

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni